**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 189**
**It-Tnejn, 12 ta' Diċembru, 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 189**
**It-Tnejn, 12 ta’ Diċembru, 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.04 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 189**

**It-Tnejn, 12 ta' Diċembru, 2023**

## WERREJ

MINUTI ........ 365

KUNSENS GĦALL-ATTI ........ 365

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI ........ 365

TQEGĦID TA' KARTI ........ 371

KUMITATI PERMANENTI ........ 372

MOZZJONIJIET
ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-QORTI TAL-MINORENNI (L-Ewwel Qari) ........ 372
MOZZJONI LI TEMENDA L-AVVIŻ LEGALI 166 TAL-2023 DWAR IL-LIĊENZJAR GĦALL-INDUSTRIJA TAL-KOSTRUZZJONI ........ 373

AĠĠORNAMENT ........ 401

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ........ 406

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 188, li saret fil-11 ta' Diċembru 2023, ġew ikkonfermati.*

## KUNSENS GĦALL-ATTI

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

**Att Nru XL tal-2023 –** Att tal-2023 dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru.

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

### MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI

**12037. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

**L-ISPEAKER:** Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL (Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali):** Sur President, nixtieq ninforma lill-Kamra li l-Ministru Anton Refalo llum huwa indispost.

**L-ISPEAKER:** Iva, fil-fatt ġejt informat li l-Ministru Anton Refalo għamel operazzjoni u nixtieq nawguralu fejqan ta' malajr.

Għaldaqstant insejjaħ lill-Ministru Roderick Galdes biex, jekk jogħġbu, iwieġeb għan-nom tal-Ministru Anton Refalo.

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli) (f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u se tingħata f'xi seduta oħra.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Toni Bezzina, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, nifhem li l-Ministru Anton Refalo mhuwiex preżenti. Jista' l-Ministru Roderick Galdes, jekk jogħġbu, jgħid jekk għandux informazzjoni dwar jekk il-Gvern huwiex jikkonsidra li jagħti sussidju għall-fuel lill-bdiewa u lir-raħħala tagħna?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Roderick Galdes. Għandek din l-informazzjoni?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, le m'għandix. Nitlob lill-Onor. Interpellant

jindirizza l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat ħalli jkun jista' jgħaddilu l-informazzjoni li qed tintalab.

Kif jaf l-Onor. Interpellant, illum il-Ministru Anton Refalo jinsab indispost u għalhekk ma setax ikun preżenti fil-Kamra.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Janice Chetcuti, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. JANICE CHETCUTI:** Sur President, sa ftit snin ilu meta kien ikun hemm xi rapporti dwar xi illegalità fejn jidħlu farming animals, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali kien ikollu jirrikorri biex jara jekk dawn l-annimali kinux microchipped u tagged. Jekk le, dawn l-annimali kienu jiġu kollha mraqqda u maqtula. L-iskuża kienet tkun li minħabba li f'Malta m'għandniex post fejn jinżammu dawn l-annimali sakemm wieħed jagħmlilhom it-testijiet kollha neċessarji, l-unika azzjoni kienet li dawn l-annimali jiġu mraqqda. Illum, li għaddew dawn is-snin, jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħid jekk sarx xi tip ta' kambjament f'dan ir-rigward? Jekk illum jinstab farming animal, fil-każ li ma jkunx microchipped, jitraqqad jew inkella għandna post adegwat fejn dan l-annimal jinżamm sakemm isiru t-testijiet kollha?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Roderick Galdes. Għandek informazzjoni dwar din il-mistoqsija?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Bħala informazzjoni, nista' nikkummenta minn aspett storiku, anke meta kont jien Segretarju Parlamentari għall-Biedja u s-Sajd. Meta qed nitkellmu dwar farming animals, dawn huma annimali li jistgħu jiġu kkonsmati mill-bniedem. Naħseb li l-Onor. Interpellant tiftakar sew il-każijiet li kellna, għall-fatt li dawn l-annimali jridu jkunu reġistrati anke mal-Unjoni Ewropea, speċjalment fejn tidħol it-traċċabilità u l-provenjenza tal-prodotti li jkunu ġejjin minn dawn l-annimali.

Hemm każistika interessanti ħafna fejn id-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji daħal fid-dettall meta nqabdu mogħoż u nagħaġ li ma kinux bil-permess u ma kienx hemm traċċabilità ta' minn fejn ġejjin. Il-prassi dejjem kienet, anke fuq pariri tal-Kummissjoni Ewropea, li d-derivatives tal-annimal jew inkella l-annimal innifsu ma tistax iddaħħlu fil-food chain minħabba mard li ma jkunx qed jidher fl-annimal partikolari. Illum il-ġurnata ma nafx jekk il-policy nbidlitx. Jekk l-Onor. Interpellant tixtieq aktar informazzjoni, nitlobha tagħmel mistoqsija lill-Ministru kkonċernat. Però naf li fuq każijiet ta' farming animals ir-riskju huwa kbir u d-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji għandu policies apposta f'dan ir-rigward.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Alex Borg, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ALEX BORG:** Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħid jekk kienx hemm xi żvilupp minħabba li l-Animal Welfare f'Għawdex matul dawn l-aħħar ġimgħat kien mingħajr Manager u għalhekk ma kellux direzzjoni?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Roderick Galdes.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat minħabba li llum jinsab indispost.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Janice Chetcuti, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. JANICE CHETCUTI:** Sur President, se nkompli mal-mistoqsija preċedenti li għamilt. Nieħu gost li hawn il-Ministru Roderick Galdes, li kien anke Ministru responsabbli minn dan il-qasam. Nixtieq li jkolli risposta aktar skjetta proprju dwar id-diskrepanza li teżisti fejn jidħlu l-majjali. Kif jaf il-Ministru, jeżistu majjali li huma parti mill-food chain, però jeżistu wkoll tip ta' majjali oħrajn li ma jidħlux fil-food chain u huma miżmumin bħala pets. Rajna posts regolari dan l-aħħar, anke fuq il-midja soċjali, fejn kien hemm majjali miżmumin verament fi stat ħażin. F'dawn il-każijiet nistenna li ladarba għandna Ministru għall-Ħarsien tal-Annimali, dan għandu jara li l-annimali jkunu mħarsa kif suppost. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħid jekk illum issirx distinzjoni bejn il-majjal li jidħol fil-food chain u l-majjal li jinżamm bħala pet?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Roderick Galdes.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, l-Onor. Interpellant qed iġġibli nostalġija għaliex dawn id-diskussjonijiet għamilthom ħames snin ilu u kienu jaħarqu immens. Fir-rigward ta' majjali li jinżammu bħala pets, għal dawn l-aħħar snin kienet daħlet il-prassi li dawn il-majjali jinxtraw għal skop ta' pets. Jien dejjem kont

nibża’ ħafna minħabba l-aspett storiku li Malta kellha f’dan is-settur tal-majjali. Ilkoll nafu li fis-snin sebgħin kien hemm żewġ infezzjonijiet kbar, fosthom il-marda tal-ilsien u d-dwiefer li kienet affettwat tant ħażin lis-settur u prattikament kellna neqirdu l-majjali kollha.

Dak iż-żmien il-veterinarji kienu qed jinsistu li l-ewwel ma jsir hu li jiġu ċċippjati l-majjali. Jekk inti għandek majjal jew annimal li m’għandux provenjenza, dak ma tistax iddaħħlu fil-food chain għaliex ma tafx minn fejn ikun ġej. Ir-riskju tant huwa kbir li annimali li jinqabdu illegalment ikollhom bilfors imorru biex jinqatlu minħabba l-periklu li dawn jistgħu jiġu kkonsmati min-nies. Safejn naf jien, minn dak iż-żmien ’l hawn, id-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji ħadem ħafna f’dan ir-rigward u beda jagħmel il-microchipping.

Għad hemm obbligu fil-liġi - kont daħħaltu jien - li min jinqabad iżomm jew jgħammar annimali għal dak l-iskop mingħajr il-provenjenza u mingħajr ma jkunu reġistrati jeħel multi, bl-iskop li jinżamm kontroll. Jekk nitilfu l-kontroll tas-sistema tal-food chain, il-Kummissjoni Ewropea mill-ewwel timponi blacklisting fuq il-prodotti lokali tal-biedja Maltija, xi ħaġa li jien dejjem kont infakkar meta kont responsabbli mill-agrikoltura. F’setturi bħalma huwa s-settur tal-majjali u s-settur tal-ħalib ma nistgħux inħallu sitwazzjoni fejn xi ħadd, minħabba nuqqas jew inkella għax ma aderixxiex mar-regolamenti, jaffettwa s-settur kollu, għax imbagħad il-Kummissjoni Ewropea tibda tieħu passi kontrina.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Toni Bezzina, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, nifhem li l-Ministru Anton Refalo jinsab indispost. Però peress li l-Ministru Roderick Galdes ikun informat b’deċiżjonijiet tal-Kabinett, jista’, jekk jogħġbu, jgħid jekk il-Gvern jikkonsidrax li art agrikola li hija tal-Gvern u li bħalissa qed tiġi ġestita mill-Awtorità tal-Artijiet tibda’ taqa’ taħt ir-responsabbiltà tal-aġenzija l-ġdida, ċjoè Aġenzija Riżorsi Agrikoli Malta, u b’hekk art agrikola tmur fejn suppost għandha tmur ċjoè għand il-bdiewa?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Roderick Galdes.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Il-Ministru Anton Refalo u l-Ministru Silvio Schembri kienu qegħdin jaħdmu fuq l-aspett ta’ liġi marbuta ma’ kif il-bdiewa tagħna jkollhom aktar saħħa biex jamministraw l-artijiet agrikoli min-naħa tal-Gvern. Għal aktar dettalji, nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Janice Chetcuti, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. JANICE CHETCUTI:** Sur President, wara tant stennija, fl-aħħar Baġit irnexxielna naraw allokazzjoni żgħira ta’ fondi li se jkunu qegħdin imorru għaċ-ċimiterju tal-annimali. Din hija xi ħaġa li ilha tiġi mwiegħda lilna li tant inħobbu l-annimali. Jista’ l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħid jekk intgħażilx sit fejn se jsir dan iċ-ċimiterju u, jekk iva, f’liema stadju wasal dan il-proġett?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Roderick Galdes.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat biex tkun tista’ tingħata aktar informazzjoni riċenti. Niftakar li meta jien kont responsabbli mis-settur, konna diġà sibna sit f’Ta’ Qali u ħriġna sejħa ta’ interess, għaliex ridna naraw x’rispons jista’ jkun hemm mill-privat. Id-diffikultà dejjem tkun id-daqs ta’ Malta u t-tbassir ta’ kemm se jmutu annimali, u allura jekk huwiex ekonomikament vijabbli għall-privat li jmexxi dan iċ-ċimiterju.

Kellna l-istess problema dwar l-Isptar tal-Annimali. Meta nitkellmu dwar in-numri, id-diffikultà tagħna hi dwar id-daqs tal-popolazzjoni, inkluż dik tal-annimali. Però naf li l-Ministru Anton Refalo qed jaħdem fuq dan il-proġett u ġaladarba l-Gvern diġà ħabbar l-inizjattivi fuqu, ċertament li l-proġett se jkompli għaddej.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Janice Chetcuti, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. JANICE CHETCUTI:** Nieħu pjaċir b’dak li qed jgħid il-Ministru. Però minn meta ssemma dan iċ-ċimiterju tal-annimali, issa għaddew madwar ħames snin u għadu ma sarx!

Nixtieq nagħmel mistoqsija oħra, Sur President. Il-Gvern jalloka fondi kull sena lis-santwarji li huma ta’ madwar €45 għal kull annimal li jgħix f’santwarju għal sena sħiħa. Qabel il-Ministru

jalloka dawn il-fondi, ikunu saru tliet spezzjonijiet ġo kull santwarju. Illum, 12 ta' Diċembru, it-tielet żjara għadha ma saritx u għaldaqstant il-fondi li kellhom jitqassmu din is-sena għadhom ma tqassmux u s-santwarji lanqas ħadu ċenteżmu minnhom. Għaldaqstant, jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħid meta se jingħataw dawn il-fondi?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Roderick Galdes.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sintendi, m'għandix din l-informazzjoni. Min-naħa tiegħi se nkun qed ngħaddi din l-informazzjoni lill-Ministru u nitlob lill-Onor. Interpellant biex tagħmel mistoqsija parlamentari bil-miktub ħalli tkun tista' tingħata tweġiba formali.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Janice Chetcuti, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. JANICE CHETCUTI:** Sur President, meta jinstabu friegħ tal-qtates, l-Animal Welfare jiġborhom u jgħaddihom lill-fosterers sabiex ikunu jistgħu jagħtuhom bottle-feeding permezz ta' ħalib li jiġi pprovdut lilhom. Naf li meta dawn in-nies jirnexxilhom isibu homing għal dawn il-qtates, jingħataw ammont żgħir ta' flus bħala kumpens għal dan is-servizz tant importanti li l-Animal Welfare nnifsu ħafna drabi ma jkunx jista' joffri. Skont informazzjoni li għandi, l-aħħar darba li dawn in-nies tħallsu għas-servizzi tagħhom kien f'Jannar, 2022. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jindika meta se jsir dan il-pagament, issa kważi b'sentejn lura, u jekk dan id-dewmien fil-ħlas hux parti mill-problema li m'għadhomx jinstabu nies li jridu jagħtu dan is-servizz?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Roderick Galdes. Għandek informazzjoni dwar din il-mistoqsija?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, fir-rigward ta' nies li jieħdu ħsieb annimali, bħalma huma l-istrays, niftakar li konna daħħalna ħafna inizjattivi, inkluż kampanja tan-neutering u għajnuniet lill-NGOs kif ukoll lil persuni individwali li jkunu qegħdin jagħmlu fostering u jagħtu servizz ta' homing fiż-żona tagħhom. M'għandix l-informazzjoni li qed titlob l-Onor. Interpellant. Għalhekk nitlobha biex tagħmel mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**12038. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-Baġit ittieħdu dawn il-flus?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Sur President, jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jagħti aktar informazzjoni dwar l-għotja biex tgħin lis-sidien fil-bini, irranġar u/jew tkomplija tal-ewwel residenza tagħhom (Skema GFR) u kif din se tkun qed titħaddem?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Roderick Galdes.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, l-Iskema GFR hija dik l-iskema fejn persuni li jkunu xtraw l-ewwel proprjetà, jiġifieri first-time buyers, ikunu jistgħu jieħdu rifużjoni tal-VAT fuq l-ewwel xogħlijiet fil-proprjetà tagħhom. Din l-iskema fil-passat kienet popolari, għadha popolari u ma tneħħietx, minkejja numru ta' skemi oħra li nidejna matul dawn l-aħħar snin. Fil-passat konna nidejna wkoll l-iskema tal-first-time buyers fejn ikun hemm riduzzjoni jew eżenzjoni mit-taxxa tal-boll. Saħħaħna wkoll skema oħra permezz tal-għajnuna li qed nagħtu ta' €10,000 fuq għaxar snin, jiġifieri €1,000 fis-sena, lil min jixtri l-ewwel proprjetà. Komplejna wkoll inżidu ammont ta' għajnuniet oħrajn, fosthom din tal-GFR, fejn apparti li qed jiżdiedu l-fondi relatati magħha, rajna li nindirizzaw anomalija li kien hemm bejn koppja u persuna single. Dan għaliex persuna waħedha kienet tingħata ammont inqas ikkomparat ma' koppja li tixtri l-ewwel proprjetà. Din l-anomalija kienet qed tiddiskrimina fil-konfront ta' persuna waħedha li ħafna drabi jkollha diffikultajiet akbar għaliex trid iġġorr is-self kollu. Għalhekk ħassejna li ma kellniex niddiskriminaw bejn

xerrejja li jkunu koppja jew inkella persuna waħedha. B'hekk, minn Jannar li ġej, din l-iskema se tkun qed tgħin biex kemm il-koppji kif ukoll persuni li jgħixu waħedhom li jixtru l-ewwel proprjetà tagħhom jieħdu l-istess ammont dovut skont il-kondizzjonijiet ta' din l-iskema.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, fost ħafna għajnuniet u skemi differenti li jeżistu fis-settur tal-akkomodazzjoni, waħda mill-iżjed importanti hija l-għoti tal-benefiċċju tal-kera li jingħata lill-applikant direttament għall-ħlas tal-kera lill-privat. Fil-Baġit smajna li dan il-benefiċċju se jkompli jissaħħaħ. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jelabora aktar dwar kif se nkomplu nsaħħu l-benefiċċju tal-kera u għalfejn inħasset il-ħtieġa proprju issa li nagħmlu dan?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Roderick Galdes.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, l-ispiża relatata mal-benefiċċju tal-kera llum tqarreb kważi €8 miljun fis-sena. Dan huwa benefiċċju soċjali importanti li konna nidejna madwar ħames snin ilu, li l-iskop tiegħu hu li jindirizza l-għajnuna neċessarja li għandu bżonn l-inkwilin li qed jgħix f'kirja privata. Filwaqt li qabel is-sussidju kien jiġi kkalkolat bħala ammont wieħed u ma kienx jiġi kkalkolat id-dħul li għandu l-persuna u l-kera li qed iħallas il-persuna, permezz tar-riforma li għamilna fl-2018 rajna li s-sussidju jkun jammonta skont id-dħul tal-inkwilin kif ukoll il-kera li qed iħallas. Dak iż-żmien konna ħriġna ċifri ta' ammonti li wieħed jista' jibbenefika minnhom, li issa qed nerġgħu nżiduhom f'dan il-Baġit.

Fir-rigward tal-aktar faxxa li kienet qed tintlaqat ħażin għaliex il-capping kien wieħed baxx, qed ngħollu l-capping biex iż-żieda tkun sostanzjali għal min qed iġorr l-akbar piż ikkomparat mad-dħul li għandu. Pereżempju, il-massimu tal-benefiċċju tal-kera li jista' jingħata għall-persuna waħedha se jiżdied minn €3,600 fis-sena għal €4,200. Għall-familja b'wild wieħed dan il-benefiċċju se jitla' minn €4,800 fis-sena għal €5,400. Għall-familja b'żewġ ulied jew aktar se jitla' minn €5,000 fis-sena għal €6,000. Għajnuna ta' €6,000 fis-sena tfisser li qed inħallsu €500 fix-xahar minn dik il-kera li għandha l-familja li qed tgħix f'appartament ta' tlett ikmamar tas-sodda jew aktar għal persuni li għandhom familja pjuttost imdaqqsa.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Skema oħra importanti ħafna hija l-Iskema Nikru biex Nassistu fejn għandek il-kontribut tas-suq privat direttament għal skopijiet ta' akkomodazzjoni soċjali. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jelabora iżjed dwar kif qed titħaddem din is-sistema u kif se jkunu qed jibbenefikaw applikanti li jgħixu f'tali akkomodazzjoni u jkunu jixtiequ jixtru l-proprjetà li jgħixu fiha?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Roderick Galdes.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Din l-iskema hija intiża biex jissaħħaħ l-istokk tal-Awtorità tad-Djar. Matul is-snin irnexxielna jkollna stokk adegwat biex inkunu nistgħu ngħinu aktar familji. Però l-Iskema Nikru biex Nassistu se tingħata aktar promozzjoni fil-Baġit tas-sena d-dieħla, jiġifieri minn Jannar li ġej, fejn se nkunu qed nippromwovu din l-iskema biex indaħħlu aktar appartamenti minn kirjiet ta' sidien privati li jikru lill-Awtorità jew lill-Istat direttament. Hemm diversi benefiċċji għalfejn wieħed għandu jikri lill-Istat. Pereżempju, it-taxxa tiġi mħallsa mill-ewwel bla ħafna tidwir u burokrazija li persuna jrid joqgħod jikkalkula t-taxxa skont l-income tiegħu u jiċċekkja eżattament kemm irid jagħti lill-Istat inkwantu ta' taxxa relatata mal-kirja. It-tieni, dawn l-appartamenti jiġu mikrija bħala unfurnished u mhux furnished.

Għalhekk m'hemmx il-piż li persuna jrid joqgħod jiċċekkja dwar l-għamara u aċċessorji oħra. Kulma nitolbu hu li jkun hemm kċina u l-appliances tal-kċina biss, mill-bqija furnishings oħra ma jiġux mitluba. It-tielet, il-ħlas isir bis-sitt xhur bil-quddiem mill-Awtorità tad-Djar, biex b'hekk il-kirja tkun waħda garantita. Aktar minn hekk ukoll, il-kirja togħla bi 2% fis-sena, jiġifieri qed naħsbu wkoll għal kull tip ta' inflazzjoni li jista' jkun hemm fuq numru ta' għaxar snin. Imbagħad l-Awtorità żżomm id-dritt li wara li jiskadi dak il-kuntratt, titlob lis-sid li jerġa' jikri l-istess proprjetà għal għaxar snin oħra. Naħseb skema bħal din qed tagħti ħafna inċentivi lis-sidien, li għandhom proprjetà f'ċerti żoni fejn l-Awtorità tad-Djar għandha bżonn skont il-lista ta' stennija, biex minflok jikru fis-settur privat, jikru direttament lill-Awtorità tad-Djar.

F'dan il-Baġit se ndaħħlu inċentiv interessanti li jgħin lil dawk is-sidien li beħsiebhom ibigħu dak l-appartament lill-inkwilin stess. Forsi l-qagħda finanzjarja tal-inkwilin tkun tjiebet u jibda jitħajjar jixtri dik il-proprjetà. Hemmhekk, jekk il-proprjetà tkun qed tinbiegħ sal-prezz ta' €200,000, is-sid se jiffranka l-capital gains tax u allura jista' jirriduċi l-prezz, għaliex ikun qed jiffranka dak l-ammont ta' taxxa li s-soltu tkun dovuta lill-Istat meta jinbiegħ appartament.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Amanda Spiteri Grech, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. AMANDA SPITERI GRECH:** Sur President, il-Caritas għandha rwol importanti ħafna fis-soċjetà. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jagħti aktar informazzjoni dwar il-kollaborazzjoni li hemm bejn il-Caritas u l-Awtorità tad-Djar u xi jfisser dan kollu? Jista' wkoll jaġġorna lill-Kamra dwar il-bini tal-akkomodazzjoni soċjali fil-Fgura?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Roderick Galdes.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Se nibda bil-proġett tal-Fgura. Ninsab informat li bħalissa qed jiġu aġġudikati t-tenders tal-bini. L-iskavar mexa 'l quddiem, għad hemm xi puntali ta' rfid li qed isiru apposta biex ikunu jistgħu jilqgħu l-binja kollha, u kif ikunu aġġudikati t-tenders, jibda l-bini wkoll.

Dwar il-Caritas irrid ngħid li din hija msieħeb strateġiku importanti fil-qasam tal-akkomodazzjoni soċjali kif ukoll fil-qasam tal-ħidma soċjali kollha. Il-Caritas mhux biss qed tagħmel ħafna ġid ma' nies li jaqgħu fil-vizzju tad-droga, imma l-impenn tal-Awtorità tad-Djar flimkien mal-Caritas huwa li noħorġuhom minn dak il-vizzju u nerġgħu nagħtuhom id-direzzjoni li għandhom bżonn biex ma jaqgħux fl-istess ċirku li kienu fih qabel. Il-binja fin-Naxxar se tiġi ffinanzjata prattikament permezz tal-fondi tal-Awtorità tad-Djar, għaliex l-iskop tagħna hu li lil dawk in-nies nagħtuhom tama ġdida. Hemm bżonn terapija u għajnuna psikoloġika biex il-persuna terġa' tidħol fis-soċjetà. Jien dejjem ninsisti li s-soluzzjoni għal problema soċjali mhijiex li nagħtu ċ-ċavetta, imma li nagħtu l-għajnuna u s-servizz professjonali ta' nies li jaħdmu f'dan il-qasam partikolari.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet għadda. Ngħaddu issa għal Tqegħid ta' Karti. Il-Ministru Owen Bonnici.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Att ta' kurazija Nru 176 iffirmat fil-5 ta' Diċembru 2023 bejn il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u Din l-Art Ħelwa għas-sit imsejjaħ Dwejra Tower;

Att ta' kurazija Nru 177 iffirmat fil-5 ta' Diċembru 2023 bejn il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u Din l-Art Ħelwa għas-sit imsejjaħ It-Torri l-Aħmar;

Att ta' kurazija Nru 178 iffirmat fil-5 ta' Diċembru 2023 bejn il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u Din l-Art Ħelwa għas-sit imsejjaħ Torri ta' Wignacourt;

Att ta' kurazija Nru 179 iffirmat fil-5 ta' Diċembru 2023 bejn il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u Din l-Art Ħelwa għas-sit imsejjaħ Santa Marija Tower;

Att ta' kurazija Nru 180 iffirmat fil-5 ta' Diċembru 2023 bejn il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u Din l-Art Ħelwa għas-sit imsejjaħ Santa Marija Battery;

Att ta' kurazija Nru 181 iffirmat fil-5 ta' Diċembru 2023 bejn il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u Din l-Art Ħelwa għas-sit imsejjaħ Torri Mamo;

Att ta' kurazija Nru 182 iffirmat fil-5 ta' Diċembru 2023 bejn il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u Din l-Art Ħelwa għas-sit imsejjaħ Għallis Tower;

Att ta' kurazija Nru 183 iffirmat fil-5 ta' Diċembru 2023 bejn il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u Din l-Art Ħelwa għas-sit imsejjaħ Qalet Marku Tower;

Att ta' kurazija Nru 184 iffirmat fil-5 ta' Diċembru 2023 bejn il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u Din l-Art Ħelwa għas-sit imsejjaħ Msida Bastion Cemetery;

Att ta' kurazija Nru 185 iffirmat fil-5 ta' Diċembru 2023 bejn il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u Din l-Art Ħelwa għas-sit imsejjaħ It-Torri ta' Xutu; u

Att ta' kurazija Nru 186 iffirmat fil-5 ta' Diċembru 2023 bejn il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u Din l-Art Ħelwa għas-sit imsejjaħ Church of Our Lady of Victory; u

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Lista ta' korsijiet offruti mill-MCAST li ma bdewx minħabba nuqqas ta' applikazzjonijiet għalihom, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14138.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi.

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar):** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tagħrif dwar direct orders li ngħataw lil konsulenti tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni fil-perjodu bejn April 2021 u Lulju 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13429.

## KUMITATI PERMANENTI

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-lum tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, l-Onor. Davina Sammut Hili u l-Onor. Omar Farrugia ssostitwixxew lill-Onor. Ray Abela u lill-Onor. Amanda Spiteri Grech.

Insejjaħ issa lill-Onor. Glenn Bedingfield.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD (President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej):** Sur President, nippreżenta l-Minuti kkonfermati tal-laqgħat minn Nru 14 sa Nru 18 tal-istess Kumitat li nżammu bejn l-4 ta' Lulju u l-25 ta' Ottubru 2023.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Insejjaħ issa lill-Onor. Michael Farrugia.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA (President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi):** Sur President, nirrapporta li Abbozz Nru 74 - Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali għadda mill-istadju ta' Kumitat mingħajr emendi u l-Abbozz Nru 75 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 2) għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emendi.

Nippreżenta wkoll il-Minuti kkonfermati tal-laqgħat minn Nru 8 sa Nru 28 tal-istess Kumitat li nżammu bejn it-30 ta' Jannar u l-20 ta' Novembru 2023.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Carmelo Abela.

**ONOR. CARMELO ABELA (President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt):** Sur President, nippreżenta l-Minuti kkonfermati tal-laqgħat minn Nru 11 sa Nru 15 tal-istess Kumitat li nżammu bejn l-10 ta' Mejju 2023 u l-10 ta' Lulju 2023.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Stqarrijiet Ministerjali? Mozzjonijiet. Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

## MOZZJONIJIET

### ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-QORTI TAL-MINORENNI

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja, nipproponi l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Qorti tal-Minorenni.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Qorti tal-Minorenni, Kap. 287" ikun moqri l-Ewwel Darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri l-Ewwel Darba.*

## MOZZJONI LI TEMENDA L-AVVIŻ LEGALI 166 TAL-2023 DWAR IL-LIĊENZJAR GĦALL-INDUSTRIJA TAL-KOSTRUZZJONI

**ONOR. STANLEY ZAMMIT:** Sur President, nipproponi:

Billi nhar it-Tnejn, 2 ta' Ottubru 2023, il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, bħala l-Ministru responsabbli għall-industrija tal-kostruzzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Avviż Legali 169 tal-2023 li daħħal fis-seħħ ir-Regolamenti tal-2023 dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni (A.L. 166 tal-2023);

Billi huwa meħtieġ illi jiġu definiti l-kriterji biex persuna jew entità twettaq xogħol ta' kuntrattur fis-settur tal-kostruzzjoni waqt illi jissaħħaħ l-infurzar tar-regoli tal-kostruzzjoni u togħla l-kwalità tal-istandards fis-settur;

Billi huwa meħtieġ illi jiġi provdut ambjent tax-xogħol aktar professjonali fil-qasam tal-kostruzzjoni u li jkollu impatt anqas negattiv fuq il-viċinanzi u fuq l-ambjent b'mod ġenerali;

Billi kien għalhekk li l-Oppożizzjoni laqgħet b'sodisfazzjon il-proċess sabiex il-kuntratturi fit-twaqqigħ, fit-tħammil, fl-iskavar u fil-bini jiġu regolati wara snin sħaħ ta' tkaxkir tas-saqajn fejn is-settur tħalla għal riħu, bis-suq isuq u min hu l-aktar b'saħħtu jħawwel;

Billi kienu ħafna l-okkażjonijiet matul dawn l-aħħar għaxar snin fejn il-Partit Nazzjonalista emfasizza, flimkien ma' entitajiet u persuni interessati fl-industrija tal-kostruzzjoni l-ħtieġa li ġaladarba l-kuntratturi huma mistennija li jerfgħu r-responsabilitajiet tagħhom, il-funzjoni tagħhom għandha tiġi regolata bħalma hi ta' funzjonijiet oħrajn fil-qasam;
Billi, u wara li, l-Oppożizzjoni ddjalogat mal-partijiet kollha interessati;

Billi kien tajjeb illi l-Gvern nieda proċess ta' konsultazzjoni fuq din il-materja tant importanti wara snin jinjora partijiet sostanzjali minn rapporti, bħar-rapport Quintano li sar wara t-traġedja ta' Miriam Pace tliet snin ilu u minn rakkmandazzjonijiet oħra, fosthom mill-Kamra tal-Periti u mill-Ombudsman;

Billi l-Gvern naqas li jikkonsidra wħud mis-sottomissjonijiet magħmula b'mod xieraq u li jagħti widen b'mod sħiħ ta' kull min b'xi mod jew ieħor ipparteċipa fil-proċess ta' konsultazzjoni;

Billi l-Oppożizzjoni temmen illi l-forum u l-lok sabiex tressaq u tiddiskuti l-proposti tagħha dwar l-emendi għall-Atti relatati mal-industrija tal-kostruzzjoni huwa l-Parlament;

Billi kull tibdiliet għandhom ikunu invista mhux biss tat-tagħlimiet u esperjenzi passati, imma wkoll bħala parti minn riformi konsistenti u gradwali bħala parti minn pjan ħolistiku li l-industrija ilha snin teħtieġhom u titlob għalihom;

Billi huwa meħtieġ illi ma jinħolqux strutturi, proċessi jew proċeduri li jkunu jservu biss biex iżidu l-burokrazija, l-ispejjeż u t-telf ta' ħin;

Billi l-proċess ta' liċenzjar għandu jkun sod, ġust u trasparenti waqt illi l-liċenzjatur għandu jkun akkontabbli għad-deċiżjonijiet meħuda;

Billi l-illiċenzjar għandu jsir minn professjonisti b'esperjenza u b'kompetenzi magħrufa minn qabel u li ma jkunux għadhom jaħdmu fis-settur u, skont kriterji ċari li għandhom jinkludu wkoll iċ-ċertifikati ta' compliance mid-Dipartimenti tat-Taxxa u l-VAT kif ukoll validazzjoni mill-JobsPlus u DIER dwar il-permessi u l-kondizzjonijiet tal-ħaddiema;

Billi sabiex kemm l-illiċenzjat kif ukoll il-klijent, il-perit, il-ħaddiema tal-illiċenzjat fejn applikabbli, u persuni terzi jkollhom is-serħan tal-moħħ, għandu jkun meħtieġ illi l-illiċenzjat ikun kopert ukoll b'polza ta' assigurazzjoni għal kull riskju, Contractors' All Risk (CAR), ikollu polza ta' assigurazzjoni Employers' Liability u jkollu polza li tkopri Public Liability għall-perjodu sħiħ ta' responsabbiltà;

Billi din ir-riforma għandha timmira għal integrità, serjetà, kwalità u standards għoljin fl-operat, speċjalment meta qed tikkonsidra numru ta' grandfather rights għal perjodu definit, il-kuntratturi għandhom jiġu klassifikati skont l-esperjenza, l-ammont ta' impjegati, l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudni kif riflessa fl-imġiba tagħhom fl-industrija, inkluż fir-rispett lejn l-ambjent, fil-qasam soċjali u fil-governanza tajba;

Billi l-Gvern għandu joħloq u jsostni sistema biex jibqgħu jiġu aġġornati l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali (NOSs) u l-ħruġ tal-iSkills Cards;

Billi l-introduzzjoni tal-liċenzjar tal-kuntratturi għandha tkun ċara dwar it-termini u ż-żmien speċjalment fil-każijiet ta' kuntratti diġà ffirmati jew li qegħdin fi stadju avvanzat ta' negozjati bħal tenders li diġà ħarġu, qed jiġu aġġudikati u/jew se jingħataw fiż-żmien qarib;

Billi l-industrija tal-bini u l-kostruzzjoni jeħtieġ li tkun modernizzata b'mod ħolistiku u għalhekk l-introduzzjoni tal-liċenzjar tal-kuntratturi ma għandhiex tieqaf biss sal-bini imma tkun tinkludi wkoll il-finitura u servizzi oħra kif, wara kollox, diġà huma definiti bil-liġi;

Għalhekk din il-Kamra tirrisolvi li r-Regolamenti tal-2023 dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni – Avviż Legali Numru 166 tal-2023 – għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Fir-Regolament 2 għandhom jiżdiedu:
"“xogħlijiet ta' finitura” tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att;" u

"“xogħlijiet ta' servizzi ta' bini” tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att;".

2. Fir-Regolament 2 il-kliem:

"“Reġistru” tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att u jkun fil-forma ta' depożitorju ta' informazzjoni li jinkludi d-dettalji tal-liċenzja u tad-detentur tal-liċenzja kif stipulati f'dawn r-regolamenti;"

għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem:

"“Reġistru” tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att u jkun fil-forma ta' depożitorju ta' informazzjoni, aċċessibbli mis-sit elettroniku tal-Awtorità, li jinkludi d-dettalji tal-liċenzja u tad-detentur tal-liċenzja kif stipulati f'dawn r-regolamenti, u li jkun aġġornat sa tmiem il-ġurnata tax-xogħol ta' wara kull tibdil li jkun meħtieġ isir skont dawn ir-regolamenti;"

3. Ir-Regolament 1 (30) li jaqra:

"“xogħlijiet minuri” tfisser xogħlijiet ta' kostruzzjoni li jistgħu jkunu attività ta' skavar, demolizzjoni jew bini li fin-natura tagħhom ma jikkostitwixxux xogħlijiet maġġuri ta' tħaffir, demolizzjoni jew bini, iżda huma kkunsidrati bħala xogħol inċidentali fir-rigward ta' kwalunkwe attività ta' servizz elenkata fl-Iskeda I. Xogħlijiet minuri jinkludu alterazzjonijiet minuri ta' bini, bħal ftuħ jew issiġġillar ta' aperturi u tneħħija jew bini ta' ħitan, u ma jinvolvux demolizzjoni jew kostruzzjoni ta' strutturi jew bini, inkluż it-tneħħija jew il-kostruzzjoni ta' soqfa. Xogħlijiet minuri għandhom jinkludu wkoll skavi fir-rigward tat-tqegħid ta' pedamenti u ta' pajpijiet, jew il-bokok ta' lift, jew xogħlijiet ta' tirqim li jistgħu jitwettqu biss b'tagħmir li jinżamm fl-idejn, u ma jinkludux xogħlijiet ta' skavar fir-rigward tal-kostruzzjoni ta' ġibjuni, pools, jew basements, jew xogħlijiet relatati mal-ikklerjar jew it-tirqim tal-art. Dan għandu jinkludi wkoll kwalunkwe xogħol ieħor li l-Bord jista' jiddetermina minn żmien għal żmien permezz ta' avviż fil-Gazzetta."

għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament li ġej:

"“xogħlijiet minuri” tfisser xogħlijiet ta' kostruzzjoni li jistgħu jkunu attività ta' skavar, demolizzjoni jew bini li fin-natura tagħhom ma jikkostitwixxux xogħlijiet maġġuri ta' tħaffir, demolizzjoni jew bini, iżda huma kkunsidrati bħala xogħol inċidentali fir-rigward ta' kwalunkwe attività ta' servizz elenkata fl-Iskeda I. Xogħlijiet minuri jinkludu alterazzjonijiet minuri ta' bini, bħal ftuħ jew issiġġillar ta' aperturi u tneħħija jew bini ta' ħitan, u ma jinvolvux demolizzjoni jew kostruzzjoni ta' strutturi jew bini, inkluż it-tneħħija jew il-kostruzzjoni ta' soqfa. Xogħlijiet minuri għandhom jinkludu wkoll skavi fir-rigward tat-tqegħid ta' pedamenti u ta' pajpijiet, jew il-bokok ta' lift, jew xogħlijiet ta' tirqim li jistgħu jitwettqu biss b'tagħmir li jinżamm fl-idejn, u ma jinkludux xogħlijiet ta' skavar fir-rigward tal-kostruzzjoni ta' ġibjuni, pools, jew basements, jew xogħlijiet relatati mal-ikklerjar jew it-tirqim tal-art. Dan għandu jinkludi wkoll kwalunkwe xogħol ieħor, inkluż ta' finitura u/jew servizzi oħra li l-Bord jista' jiddetermina minn żmien għal żmien permezz ta' avviż fil-Gazzetta."

4. Is-sub-regolament (6) tar-Regolament 3 li jaqra:

"Kwalunkwe persuna jew entità li ma tapplikax għal-liċenzja skont is-subregolamenti (2), (3) jew (5), kif applikabbli, ma tistax twettaq jew tkompli twettaq kwalunkwe servizz elenkat fl-Iskeda I

qabel mal-ewwel ikollha liċenzja valida maħruġa skont dawn ir-regolamenti."

għandu jiġi sostitwit bil-kliem:

"Kwalunkwe persuna jew entità li ma tapplikax għal-liċenzja skont is-subregolamenti (2), (3) jew (5), kif applikabbli, ma tistax twettaq jew tkompli twettaq kwalunkwe servizz elenkat fl-Iskeda I qabel ma l-ewwel ikollha liċenzja valida maħruġa skont dawn ir-regolamenti anke jekk xi ftehim u/jew kuntratt għal kwalunke servizz elenkat fi Skeda I ma jkunx espliċitament jitlob għal dan.".

5. Is-sub-regolament (3) tar-Regolament 5 li jaqra:

"Id-detentur ta' liċenzja għandu jassigura li kull xogħol ta' attivitajiet ta' servizz kif elenkati fl-Iskeda I ikunu koperti b'polza ta' assigurazzjoni valida li tagħmel tajjeb għal kwalunkwe telf jew ħsara li xi persuna tista' ġġarrab riżultat ta' xi att jew ommissjoni min-naħa tal-kuntrattur liċenzjat jew ħaddiema li jaħdmu taħt id-direzzjoni tiegħu waqt it-twettiq tax-xogħlijiet, kif ukoll għal danni fuq il-post tax-xogħol, inkluż ħsara fuq il-persuna li jista' jsofri xi impjegat:

Iżda l-kuntrattur liċenzjat jista' jkun eżentat bil-miktub skont l-artiklu 21 tal-Att."

għandu jiġi sostitwit bil-kliem:

"Id-detentur ta' liċenzja għandu jkollu polza ta' assigurazzjoni għal kull riskju, Contractors' All Risk (CAR), poloz ta' assigurazzjoni li jkopru Employers' Liability u Public Liability, u jassigura li kull xogħol ta' attivitajiet ta' servizz kif elenkati fl-Iskeda I jkunu koperti b'polza ta' assigurazzjoni valida li tagħmel tajjeb għal kwalunkwe telf jew ħsara li xi persuna tista' ġġarrab riżultat ta' xi att jew ommissjoni min-naħa tal-kuntrattur liċenzjat jew ħaddiema li jaħdmu taħt id-direzzjoni tiegħu waqt it-twettiq tax-xogħlijiet, kif ukoll għal danni fuq il-post tax-xogħol, inkluż ħsara fuq il-persuna li jista' jsofri xi impjegat:

Iżda l-kuntrattur liċenzjat jista' jkun eżentat bil-miktub skont l-artiklu 21 tal-Att.".

6. Fis-sub-regolament (2) tar-regolament 6 il-kliem:

"Iżda tnejn (2) minn dawn il-membri għandhom ikunu perit u inġinier li għandhom warrant rispettivament u t-tnejn iridu jkunu pprattikaw il-professjoni rispettiva tagħhom għal tal-anqas għaxar (10) snin:"

għandu jiġu sostitwit bil-kliem:

"Iżda tnejn (2) minn dawn il-membri għandhom ikunu perit u inġinier li għandhom warrant rispettivament u t-tnejn iridu jkunu pprattikaw il-professjoni rispettiva tagħhom għal tal-anqas għaxar (10) snin u t-tnejn iridu jkunu jew ma jaħdmux fis-settur jew ikunu irtiraw minnu:".

7. Fis-sub-regolament (4) tar-regolament 14 il-kliem:

"Persuna jew entità jista' jkollha liċenzja sabiex twettaq aktar minn attività ta' servizz wieħed (1) minn dawk elenkati fl-Iskeda I, f'liema każ iridu jissottomettu applikazzjoni separata bid-dokumenti li jsostnuha u kif speċifikat taħt dawn ir-regolamenti, għal kull attività ta' servizz rispettiva, flimkien ma' dik l-informazzjoni u d-dokumenti l-oħra li l-Kumitat jista' jitlob li jiġu sottomessi sabiex jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni."

għandu jiġi sostitwit bil-kliem:

"Persuna jew entità jista' jkollha liċenzja sabiex twettaq aktar minn attività ta' servizz wieħed (1) minn dawk elenkati fl-Iskeda I, f'liema każ iridu jissottomettu applikazzjoni bid-dokumenti li jsostnu kull attività ta' servizz li għaliha tkun qed issir l-applikazzjoni u kif speċifikat taħt dawn ir-regolamenti, flimkien ma' dik l-informazzjoni u d-dokumenti l-oħra li l-Kumitat jista' jitlob li jiġu sottomessi sabiex jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni.".

8. Fis-sub-regolament (2) (a) tar-regolament 15 il-kliem:
"in-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT tal-applikant, jekk applikabbli;"

għandu jiġi sostitwit bil-kliem:

"in-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT tal-applikant u ċertifikat ta' compliance maħruġ mid-Dipartiment tal-VAT li ma jkunx inħareġ aktar minn tliet (3) xhur mid-data tal-applikazzjoni, jekk applikabbli;".

9. Fis-sub-regolament (2) (ċ) tar-regolament 15 il-kliem:
"dikjarazzjoni li tikkonferma li l-applikant mhux fallut."

għandu jiġi sostitwit bil-kliem:

"dikjarazzjoni li tikkonferma li l-applikant mhux fallut;"

10. Wara s-sub-regolament (2) (ċ) tar-regolament 15 għandu jiżdied:

"(d) Ċertifikat ta' compliance maħruġ mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni li ma jkunx inħareġ aktar minn tliet (3) xhur mid-data tal-applikazzjoni, jekk applikabbli;

(e) Ċertifikati ta' validazzjoni mill-JobsPlus u mid-DIER dwar il-permessi u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema, jekk applikabbli.".

11. Is-sub-regolament (3) (b) tar-regolament 15 li jaqra:

"in-numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT, jekk applikabbli;"

għandu jiġi sostitwit b'dan is-sub-regolament li ġej:

"in-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT tal-applikant u ċertifikat ta' compliance maħruġ mid-Dipartiment tal-VAT li ma jkunx inħareġ aktar minn tliet (3) xhur mid-data tal-applikazzjoni, jekk applikabbli;".

12. Is-sub-regolament (3) (f) tar-regolament 15 li jaqra:
"dikjarazzjoni li tikkonferma li l-entità mhix falluta."

għandu jiġi sostitwit b'dan is-sub-regolament li ġej:

"dikjarazzjoni li tikkonferma li l-entità mhix falluta;"

13. Wara s-sub-regolament (3) (f) tar-regolament 15 għandhom jiżdiedu dawn is-sub-regolamenti ġodda li ġejjin:

"(g) Ċertifikat ta' compliance maħruġ mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni li ma jkunx inħareġ aktar minn tliet (3) xhur mid-data tal-applikazzjoni, jekk applikabbli;
(h) Ċertifikati ta' validazzjoni mill-JobsPlus u mid-DIER dwar il-permessi u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema, jekk applikabbli.".

14. Is-sub-regolament (4) (b) tar-regolament 18 li jaqra:
"id-data meta nħarġet il-liċenzja;"

għandu jiġi sostitwit b'dan is-sub-regolament li ġej:

"id-data meta nħarġet il-liċenzja u d-data meta tiskadi l-liċenzja;".

15. Is-sub-regolament (4) (ċ) tar-regolament 18 li jaqra:

"l-attività ta' servizz liċenzjata; u"

għandu jiġi sostitwit b'dan is-sub-regolament li ġej:

"l-attività ta' servizz liċenzjata;"

16. Is-sub-regolament (4) (d) tar-Regolament 18 li jaqra:
"kwalunkwe kundizzjoni li l-Kumitat jimponi mal-liċenzja."

għandu jiġi sostitwit b'dan is-sub-regolament li ġej:

"kwalunkwe kundizzjoni li l-Kumitat jimponi mal-liċenzja; u"

17. Wara s-sub-regolament (4) (d) tar-regolament 18 għandhom jiżdiedu dawn is-sub-regolamenti ġodda li ġejjin:

"(e) kwalunkwe pendenzi rigward kwalifiki u/jew dokumenti u/jew ħlasijiet u/jew kwalunkwe informazzjoni u/jew kjarifika li l-Kumitat jimponi mal-liċenzja; u

(f) klassifikazzjoni tal-kuntrattur."

18. Is-sub-regolament (3) tar-regolament 20 li jaqra:

"Meta l-Kumitat jiddeċiedi li l-applikant m'għandux kompetenza professjonali suffiċjenti, huwa jista' jitlob li l-applikant jattendi korsijiet jew taħriġ sabiex ikopri s-suġġetti elenkati fil-

partita 1 tat-Taqsimiet A, B u Ċ tal-Iskeda II, li għandhom ikunu provduti kull sena għall-iskop ta' tiġdid ta' liċenzja."

għandu jiġi sostitwit b'dan is-sub-regolament li ġej:

"Meta l-Kumitat jiddeċiedi li l-applikant m'għandux kompetenza professjonali suffiċjenti, huwa jista' jitlob li l-applikant jattendi korsijiet jew taħriġ sabiex ikopri s-suġġetti elenkati fil-partita 1 tat-Taqsimiet A, B, Ċ, D u E tal-Iskeda II, li għandhom ikunu provduti kull sena għall-iskop ta' tiġdid ta' liċenzja.".

19. Is-sub-regolament (4) tar-regolament 20 li jaqra:

"Il-Kumitat għandu wkoll jitlob għall-korsijiet li għandhom ukoll ikunu provduti meta l-Awtorità tikkunsidra li prattiċi ġodda u regolamenti marbuta mal-attivitajiet ta' servizz kif elenkati fl-Iskeda I, u suġġetti minbarra dawk elenkati fil-partita 1 tat-Taqsimiet A, B u Ċ tal-Iskeda II, ikunu ġew introdotti, u dan sabiex ikun assigurat li l-applikanti jistgħu jwettqu x-xogħlijiet skont il-liċenzja:"

għandu jiġi sostitwit b'dan is-sub-regolament li ġej:

"Il-Kumitat għandu wkoll jitlob għall-korsijiet li għandhom ukoll ikunu provduti meta l-Awtorità tikkunsidra li prattiċi ġodda u regolamenti marbuta mal-attivitajiet ta' servizz kif elenkati fl-Iskeda I, u suġġetti minbarra dawk elenkati fil-partita 1 tat-Taqsimiet A, B, Ċ, D u E tal-Iskeda II, ikunu ġew introdotti, u dan sabiex ikun assigurat li l-applikanti jistgħu jwettqu x-xogħlijiet skont il-liċenzja:".

20. Ma' Skeda I (Attività ta' Servizz) wara l-kliem "(ċ) kostruzzjoni" għandhom jiżdiedu l-kliem:

"(d) xogħlijiet ta' finitura;

(e) xogħlijiet ta' servizzi ta' bini;".

21. Wara r-regolament 25 għandha tiżdied Taqsima ġdida bit-titlu "TAQSIMA V KLASSIFIKAZZJONI TAL-KUNTRATTURI".

22. Wara r-regolament 25 u wara t-titolu tat-Taqsima "TAQSIMA V KLASSIFIKAZZJONI TAL-KUNTRATTURI" għandhom jiżdiedu l-kliem:

"26. (1) Sal-1 ta' Jannar 2025, u kull darba illi jkun hemm tibdiliet, l-Awtorità għandha tippubblika fil-Gazzetta u fuq is-sit elettroniku tal-istess Awtorità l-mod u l-kriterji kif il-Kumitat ser jikklassifika lill-kuntratturi liċenzjati, skont jekk humiex persuna fiżika jew entità u abbażi ta':

(i) l-esperjenza;
(ii) in-numru ta' impjegati, jekk applikabbli;
(iii) il-ħiliet u t-taħriġ, kif applikabbli;
(iv) kriterji ambjentali, fil-qasam soċjali u fil-governanza tajba;
(v) kriterji oħra li l-Awtorità tidderieġi minn żmien għal żmien.

(2) Mill-1 ta' Jannar 2025 il-Kumitat għandu jikklassifika, skont il-kriterji applikabbli u ppubblikati fil-ġurnata meta issir l-assesjar lill-applikanti li japplikaw sabiex iġeddu l-liċenzja u jibgħat l-iscorecard mal-avviż tat-tiġdid ta' liċenzja permezz ta' ittra reġistrata."

23. Fi SKEDA II Kriterji għal kull Attività ta' Servizz wara taqsima Ċ. Kriterji għal-Liċenzja tal-Kostruzzjoni jiżdiedu dawn it-taqsimiet:

"D. Kriteriji għal-liċenzjar ta' kuntratturi ta' xogħlijiet ta' finitura

1. L-applikant għandu jkun meħtieġ li juri kompetenza f'dawn li ġejjin:

(a) xogħlijiet ta' finitura, bħal, imma mhux limitat għal:

(i) invjar, tikħil u tibjid, u/jew;
(ii) tqegħid ta' madum, u/jew;
(iii) waterproofing, u/jew;
(iv) xogħlijiet oħra ta' finitura li l-Awtorità tista' fid-diskrezzjoni tagħha tiddeċiedi li tinkludi.

(b) l-armar u ż-żarmar ta' struttura temporanja biex fuqu jkun jista' jsir xogħol li ma jintlaħaqx mill-art, jekk applikabbli;

(ċ) tagħbija korretta, u ħatt minn, fuq it-trakkijiet;

(d) rimi ta' materjal ta' skart tal-kostruzzjoni f'faċilitajiet ta' mmaniġġar tal-iskart;

(e) għarfien adegwat tar-rekwiżiti bażiċi stipulati fl-Att u fir-Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni;

(f) għarfien adegwat tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u r-regolamenti magħmula taħtu;

(g) għarfien adegwat tar-Regolamenti dwar Apparat tax-Xogħol (Ħtiġiet Minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà).

2. Fil-każ li l-applikant ikun persuna fiżika, hu għandu jkun eleġibbli li japplika għal-liċenzja ta' Kuntrattur ta' Xogħlijiet ta' Finitura soġġett li r-rekwiżiti li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-applikant għandu jkun fil-pussess ta', jew juri prova ta':

(i) ċertifikazzjoni ta' Livell 3 għal kull wieħed mix-xogħlijiet li għalih issir l-applikazzjoni maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali u għandu jkollu minn tal-inqas sentejn (2) snin esperjenza f'kull wieħed mix-xogħlijiet li għalih isir l-applikazzjoni; jew

(ii) minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza f'kull xogħol li għalih tkun qed issir l-applikazzjoni sostnuti minn referenzi ta' mill-inqas żewġ (2) proġetti li jinvolvu x-xogħlijiet li għalih tkun qed isir l-applikazzjoni;

(b) lista tat-tagħmir iċċertifikat kollu li se jintuża;

(ċ) ikollu l-kapaċità sabiex jiżgura li x-xogħlijiet kollha ta' finitura fuq sit ikunu debitament sorveljati minn Superviżur ta' xogħlijiet ta' finitura ta' Livell 4 ċċertifikat skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew kwalunkwe kwalifiki jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xierqa għal din il-kwalifika.

3. Fil-każ li l-applikant ikun entità, hi għandha tkun eleġibbli sabiex tapplika għal liċenzja ta' Kuntrattur ta' Xogħlijiet ta' Finitura soġġett li rrekwiżiti li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-applikant għandu jkun fil-pussess ta', jew juri prova ta':

(i) ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur ta' Xogħlijiet ta' Finitura maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali u għandu jkollu minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza fis-superviżjoni ta' xogħol ta' skavar; jew

(ii) minn tal-inqas sentejn (2) snin esperjenza f'xogħlijiet ta' finitura sostnuti minn referenzi ta' mill-inqas żewġ (2) proġetti kompluti li jinvolvu xogħlijiet ta' finitura; jew

(b) jimpjega minn tal-inqas impjegat wieħed (1) full-time li jkollu ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur ta' Xogħlijiet ta' Finitura maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, sakemm l-applikant ma jkunx hekk iċċertifikat;

(ċ) lista tat-tagħmir iċċertifikat kollu li se jintuża;

(d) ikollu l-kapaċità sabiex jiżgura li x-xogħlijiet kollha ta' finitura fuq sit ikunu debitament sorveljati minn Superviżur ta' Xogħlijiet ta' Finitura ta' Livell 4 ċċertifikat skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xierqa għal din il-kwalifika.

4. Il-Kumitat jista' jqis dokumentazzjoni oħra u, jew esperjenza tal-applikant bħala ekwivalenti jew alternattiva xierqa għal-limiti tal-kriterji stabbiliti hawn fuq, fejn applikabbli.

5. Mill-1 ta' Ġunju 2025, il-kuntrattur liċenzjat għandu jiżgura li l-ħaddiema kollha li huma b'xi mod ingaġġati, fdati jew impjegati mal-kuntrattur liċenzjat sabiex iwettqu xogħlijiet ta' finitura, ikollhom ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur ta' Xogħlijiet ta' Finitura skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew li jkollhom kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xierqa għal din il-kwalifika:

Iżda kwalunkwe ħaddiema ta' xogħlijiet ta' finitura li ma jkollhomx ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur ta' Xogħlijiet ta' Finitura maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xierqa għal din il-kwalifika, jistgħu jkomplu jwettqu xogħol ta' finitura taħt is-superviżjoni ta' persuna li jkollha ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur ta' Xogħlijiet ta' Finitura maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xierqa għal din

il-kwalifika skont il-kriterji tal-attività tas-servizz kif elenkati hawn fuq.

E. Kriteriji għal-liċenzjar ta' kuntratturi ta' xogħlijiet ta' servizzi ta' bini

1. L-applikant għandu jkun meħtieġ li juri kompetenza f'dawn li ġejjin:

(a) xogħlijiet ta' finitura, bħal, imma mhux limitat għal, istallazzjoni, manutenzjoni, tiswija jew it-tneħħija ta' servizzi:

(i) mekkaniċi, u/jew;
(ii) elettriċi, u/jew;
(iii) ta' gass, u/jew;
(iv) ta' arja kkundizzjonata, u/jew;
(v) ta' arja kumpressa, u/jew;
(vi) idrawliċi, u/jew;
(vii) ta' telekomunikazzjoni, u/jew;
(viii) ta' apparat relatat mat-teknoloġija tal-informatika, u/jew;
(ix) xogħlijiet oħra ta' finitura li l-Awtorità tista' fid-diskrezzjoni tagħha tiddeċiedi li tinkludi.

(b) l-armar u ż-żarmar ta' struttura temporanja biex fuqu jkun jista' jsir xogħol li ma jintlaħaqx mill-art, jekk applikabbli;

(c) tagħbija korretta, u ħatt minn, fuq it-trakkijiet;

(d) rimi ta' materjal ta' skart relatat ma' xogħlijiet ta' servizzi ta' bini f'faċilitajiet ta' mmaniġġar tal-iskart;

(e) għarfien adegwat tar-rekwiżiti bażiċi stipulati fl-Att u fir-Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni;

(f) għarfien adegwat tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u r-regolamenti magħmula taħtu;

(ġ) għarfien adegwat tar-Regolamenti dwar Apparat tax-Xogħol (Ħtiġiet Minimi għas-Saħħa u s-Sigurtà).

2. Fil-każ li l-applikant ikun persuna fiżika, hu għandu jkun eleġibbli li japplika għal-liċenzja ta' Kuntrattur ta' Xogħlijiet ta' Servizzi ta' Bini soġġett li r-rekwiżiti li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-applikant għandu jkun fil-pussess ta', jew juri prova ta':

(i) ċertifikazzjoni ta' Livell 3 għal kull wieħed mix-xogħlijiet li għalih issir l-applikazzjoni maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali u għandu jkollu minn tal-inqas sentejn (2) snin esperjenza f'kull wieħed mix-xogħlijiet li għalih isir l-applikazzjoni; jew

(ii) minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza f'kull xogħol li għalih tkun qed issir l-applikazzjoni sostnuti minn referenzi ta' mill-inqas żewġ (2) proġetti li jinvolvu x-xogħlijiet li għalih tkun qed isir l-applikazzjoni;

(b) lista tat-tagħmir iċċertifikat kollu li se jintuża;

(ċ) ikollu l-kapaċità sabiex jiżgura li x-xogħlijiet kollha ta' servizzi ta' bini fuq sit ikunu debitament sorveljati minn Superviżur ta' xogħlijiet ta' servizzi ta' bini ta' Livell 4 iċċertifikat skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew kwalunkwe kwalifiki jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xierqa għal din il-kwalifika.

3. Fil-każ li l-applikant ikun entità, hi għandha tkun eleġibbli sabiex tapplika għal liċenzja ta' Kuntrattur ta' Xogħlijiet ta' Servizzi ta' Bini soġġett li rrekwiżiti li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-applikant għandu jkun fil-pussess ta', jew juri prova ta':

(i) ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur ta' Xogħlijiet ta' Servizzi ta' Bini maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali u għandu jkollu minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza fis-superviżjoni ta' xogħol ta' skavar; jew

(ii) minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza f'xogħlijiet ta' finitura sostnuti minn referenzi ta' mill-inqas żewġ (2) proġetti kompluti li jinvolvu xogħlijiet ta' servizzi ta' bini; jew

(b) jimpjega minn tal-inqas impjegat wieħed (1) full-time li jkollu ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur ta' Xogħlijiet ta' Servizzi ta' Bini maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, sakemm l-applikant ma jkunx hekk iċċertifikat;

(c) lista tat-tagħmir iċċertifikat kollu li se jintuża;

(d) ikollu l-kapaċità sabiex jiżgura li x-xogħlijiet kollha ta' servizzi ta' bini fuq sit ikunu

debitament sorveljati minn Superviżur ta' Xogħlijiet ta' Servizzi ta' Bini ta' Livell 4 ċċertifikat skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xierqa għal din il-kwalifika.

4. Il-Kumitat jista' jqis dokumentazzjoni oħra u, jew esperjenza tal-applikant bħala ekwivalenti jew alternattiva xierqa għal-limiti tal-kriterji stabbiliti hawn fuq, fejn applikabbli.

5. Mill-1 ta' Ġunju 2025, il-kuntrattur liċenzjat għandu jiżgura li l-ħaddiema kollha li huma b'xi mod ingaġġati, fdati jew impjegati mal-kuntrattur liċenzjat sabiex iwettqu xogħlijiet ta' finitura, ikollhom ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur ta' Xogħlijiet ta' Servizzi ta' Bini skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew li jkollhom kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xierqa għal din il-kwalifika:

Iżda kwalunkwe ħaddiema ta' xogħlijiet ta' servizzi ta' bini li ma jkollhomx ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur ta' Xogħlijiet ta' Servizzi ta' Bini maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xierqa għal din il-kwalifika, jistgħu jkomplu jwettqu xogħol ta' servizzi ta' bini taħt is-superviżjoni ta' persuna li jkollha ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur ta' Servizzi ta' Bini maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xierqa għal din il-kwalifika skont il-kriterji tal-attività tas-servizz kif elenkati hawn fuq.".

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li l-ħin tad-diskussjoni għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Oppożizzjoni u kelliema tal-Gvern, bil-ftuħ u l-għeluq għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Rimarki? L-Onor. Stanley Zammit.

**ONOR. STANLEY ZAMMIT:** Sur President, qegħdin nirreferu għall-Avviż Legali Nru 166 ta' din is-sena li ġie ppubblikat f'Lulju u mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra f'Ottubru li għadda. Bħala Oppożizzjoni qegħdin inressqu dawn l-emendi għaliex l-ewwel nett naqblu mal-liċenzjar tal-kuntratturi u nixtiequ ntejbu dak li diġà ġie ppreżentat f'dan l-Avviż Legali billi ngħollu l-miri tagħna, il-liċenzjar tal-kuntratturi jitwessa' u jkun aktar ħolistiku, l-istandards ta' kwalità u dawk ambjentali tal-industrija jogħlew, inżidu s-serħan tal-moħħ kemm tal-operaturi, ta' dawk kollha involuti terzi, kif ukoll tal-konsumaturi finali. Għalhekk qegħdin inżidu wkoll il-fiduċja fl-industrija u naraw li dan il-proċess jikkontribwixxi fil-prattika għal ambjent u kwalità ta' ħajja aħjar.

Ġaladarba l-istruttura leġiżlattiva tagħna hija pjuttost dettaljata, sa anke tasal sar-rati li jridu jitħallsu, permezz ta' dawn l-emendi, kif ukoll permezz ta' dan id-dibattitu u aktar diskussjoni fi stadji oħra, nittama li naslu għall-pjan ta' azzjoni għal dan is-settur. Dan għandu jkun pjan ċar li juri liema azzjonijiet għandhom jittieħdu, u meta u liema miri għandhom jintlaħqu u meta. Permezz ta' din il-liġi rridu pjan li jorbot lill-Gvern, ikun min ikun, u jagħti direzzjoni immedjata u fit-tul lil din l-industrija tant importanti f'pajjiżna u lil kull min hu involut fiha.

Sur President, minn mindu bdejt niltaqa' u kull darba li niltaqa' ma' dawk kollha interessati fis-settur, il-liċenzjar tal-kuntratturi dejjem ikun parti mid-diskussjoni. Kellu raġun il-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi jilmenta waqt diskors li għamel f'din il-Kamra li l-pajjiż ilu madwar 15-il sena jparla fuq il-liċenzjar tal-kuntratturi, imma fejn sar xi ħaġa, bħal ħafna xogħol li kien sar permezz tal-Building Regulations Act, dan ma kienx effettiv, tant li l-Imħallef Emeritu Joseph Zammit McKeon iddeskriva s-sitwazzjoni fil-Qorti bħala waħda "tal-Wild West". Fl-2010 fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni tal-Abbozzi ta' Liġi kienet saret diskussjoni interessanti dwar ir-regolamenti tal-bini.

F'dik id-diskussjoni kien issemma l-ħruġ tal-liċenzji, ir-reġistrazzjoni u l-valutazzjoni tal-ħiliet tal-bennejja, tal-kuntratturi u tal-persuna fis-sengħa tal-bini. Dakinhar kien hemm diskussjoni dwar il-klassifikazzjonijiet differenti. L-intenzjoni kienet illi jkun hemm bidu, imbagħad, maż-żmien, immorru għas-subklassifikazzjonijiet. Kieku bdejna, imma 'maż-żmien' ma wasal qatt! Jidher li mhux se naslu lanqas permezz ta' dan l-Avviż Legali, għaliex għandna klassifikazzjoni orizzontali li

hija limitata ħafna u ftit li xejn hemm klassifikazzjoni vertikali.

Dakinhar l-Eks Ministru, il-Perit Charles Buhagiar, illum Chairman tal-Building and Construction Consultative Council (BCCC) u li għal ħafna snin mexxa l-Building Industry Consultative Council (BICC) kien staqsa: Meta ngħidu kuntratturi u bennejja, qed nifhem mhux kuntratturi tal-bini biss, imma qed nifhem tajjeb li jista' jkun decorator, xi ħadd li jpoġġi l-madum, u oħrajn? Dakinhar l-Eks Ministru, il-Perit George Pullicino, kien ikkonferma li, iva, tista' tkun tile layer, plasterer, bajjad, fost snajja' oħra. Nimmaġina li anke llum il-Perit Buhagiar jabel li l-liċenzjar ikun marbut mal-ħiliet. Dawn l-emendi qegħdin nagħmluhom biex inwasslu għall-immodernizzar tal-industrija tal-bini u l-kostruzzjoni b'mod sħiħ.

Għalhekk qed nipproponu li l-liċenzjar tal-kuntratturi m'għandux jieqaf biss sal-bini, imma għandu jinkludi wkoll dawk ix-xogħlijiet li jwasslu sakemm is-sit ikun użabbli, kif wara kollox diġà huwa definit fil-liġi. Mhux kull persuna li taf taqbad il-flawt jew il-kazzola hija kaħħala, daqskemm mhux kull min jaf juża l-blow lamp jaf iqiegħed il-membrane! Ġaladarba qed insemmi l-membrane, il-membrane huwa każ klassiku fejn difett huwa faċli li jkun moħbi, u dan jista' jwassal għal danni kemm għas-sid kif ukoll għal terzi.

Nifhem u napprezza li jekk wieħed ikun ġej mil-lat ta' severità tar-riskji u mill-esperjenzi koroh bħall-każijiet ta' Miriam Pace u Jean Paul Sofia, mill-aspett ta' gravità u urġenza, wieħed jista' jgħid li t-twaqqigħ, l-iskavar u l-bini huma fuq livelli differenti minn xogħlijiet oħra. Però dan m'għandux ifisser li għandna neskludu minn din l-għodda legali li qegħdin niddiskutu llum ix-xogħlijiet ta' finitura, servizzi ta' bini u oħrajn minuri. Għandna ninkluduhom għal diversi raġunijiet, fosthom in-numru ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol, inkluż waqgħat mill-għoli li mhumiex ftit, anke jekk xi drabi ma jkunux daqshekk traġiċi u ħafna drabi ma jkunux irrapportati.

In-numru ta' kwestjonijiet relatati ma' xogħol ħażin u ma' kwalità inferjuri f'dak li għandu x'jaqsam ma' dan it-tip ta' xogħol huma komuni ħafna. Għad għandna numru ta' persuni li jiżżattu u jagħmlu xogħlijiet mingħajr ma jkollhom il-ħiliet neċessarji. Għad għandna wkoll numru ta' 'cowboys' li jagħmlu l-ħajja tas-sidien u tal-ġirien diffiċli, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' trabijiet, ħsejjes u ħinijiet waqt li jsir ix-xogħol.

Għalhekk huwa importanti li ninkludu dawn it-tip ta' kuntratturi sakemm u jekk irridu li s-sistema tkun waħda ħolistika. Nistgħu u għandna niddiskutu li ninkludu timeline ta' implimentazzjoni biex nagħtu direzzjoni fit-tul u anke għax is-sistema tal-iskills card għadha waħda dgħajfa u tali liċenzjar jiddependi fuq is-sistema tal-iskills card. Hekk, inkunu qegħdin ninforzaw fuqna nfusna li nsaħħu s-sistema tal-iskills card fil-kostruzzjoni fi żmien definit u mhux bil-mentalità ta' meta naslu, ngħidu li wasalna.

Jekk il-Gvern għandu l-intenzjoni li, eventwalment, xi darba jilliċenzja wkoll il-kuntratturi ta' xogħlijiet ta' finitura u ta' servizzi ta' bini, tant aħjar. Ejja naħdmu fuq riforma waħda. Ejja niddiskutu t-time frames. Ejja nnaqqsu l-proċessi leġiżlattivi. Ejja nnaqqsu l-burokrazija permezz ta' pjattaforma diġitali waħda li tkun tinkorpora l-kuntatturi kollha. U ejja nnaqqsu l-ispejjeż, speċjalment meta nafu li dawn splodew għal diversi raġunijiet.

Kwistjoni oħra li rridu nindirizzaw b'dawn l-emendi hija dik dwar l-assigurazzjoni. Irridu naraw li kemm il-kuntratturi liċenzjati nfushom kif ukoll il-klijenti, il-periti, l-inġiniera, il-ħaddiema tal-liċenzjar, kif ukoll il-persuni terzi jkollhom is-serħan tal-moħħ. Huwa għalhekk li qegħdin nitolbu li l-kuntratturi jkunu koperti b'polza ta' assigurazzjoni għal kull riskju, il-contractors on risk. Għandu jkollhom polza ta' assigurazzjoni għall-employers liability kif ukoll polza li tkopri l-public liability għall-perjodu sħiħ ta' responsabbiltà u mhux biss limitati jew relatati ma' proġetti. Nifhem li għad hemm issues fil-qasam tal-assigurazzjoni, imma nifhem ukoll li l-Gvern għaddej b'taħditiet ma' dawk konċernati u nifhem li l-Gvern, jekk irid, żgur jista' jsib soluzzjoni. Hawnhekk nara li qegħdin naqblu u għalhekk għandna ndaħħlu timeline ċar kif din is-sistema tiġi implimentata sabiex la jkollna xokkijiet u lanqas skossi.

Fuq livell ta' proċedura, għandna naraw li ma jkollniex spejjeż żejda. Għalhekk, jekk ikun meħtieġ, l-assigurazzjoni għandha tintalab fl-aħħar parti tal-proċess meta l-kuntrattur ikollu indikazzjoni li eventwalment se jkun liċenzjat. L-

iċċekkjar ta' tali sistema jista' jsir permezz ta' sistema elettronika u awtomatika, li tkun sistema integrata u tapplika wkoll, pereżempju, f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċertifikazzjoni u l-liċenzjar tal-inġenji.

Sur President, permezz ta' dawn l-emendi qegħdin indaħħlu f'din l-industrija l-aspett ambjentali, l-aspett soċjali u l-aspett ta' governanza tajba, magħruf bħala ESG. Din il-Kamra, permezz ta' dawn l-emendi u, jekk hemm bżonn, it-titjib tagħhom, għandha opportunità li toħloq mudell ta' kif il-konċett tal-ESG ikun inkorporat fl-industriji varji. F'dak li għandu x'jaqsam mal-governanza tajba, qegħdin nipproponu li l-liċenzjar isir minn professjonisti b'esperjenza u b'kompetenza magħrufa minn qabel u li ma jkunux għadhom fis-settur. Il-liċenzjar għandu jsir skont kriterji ċari li għandhom jinkludu wkoll ċertifikat ta' compliance mid-Dipartimenti tal-VAT, tat-Taxxa, tal-Jobsplus u tad-Department for Industrial and Employment Relations (DIER) dwar permessi u kondizzjonijiet tal-ħaddiema.

Il-kuntratturi għandhom jiġu klassifikati u liċenzjati mhux biss skont it-tip ta' xogħol li jagħmlu, l-esperjenza u l-ammont ta' impjegati li jħaddmu, imma wkoll skont l-għarfien u l-ħiliet u skont l-attitudni kif riflessa fl-imġiba tagħhom fl-industrija, inkluż fir-rispett lejn l-ambjent u lejn il-ħaddiema tagħhom, fil-qasam soċjali u fil-governanza tajba. Għalhekk huwa importanti li s-sistema tkun sostnuta b'aġġornament tal-istandards okkupazzjonali nazzjonali. Dan kollu jikkontribwixxi għas-serħan tal-moħħ u għall-kwalità ta' ħajja aħjar. Ejja ma nagħmlux l-iżball li, għal darb'oħra, inraqqgħu l-pannu bil-qargħa aħmar u nibqgħu naħsbu bil-metodi u l-prattiċi medjokri u burokratiċi li għandna nħaddmu sal-lum.

Permezz tat-tibdiliet meħtieġa f'dan l-Avviż Legali u billi napplikaw għodod moderni u teknoloġiċi, nemmen li verament nistgħu nimmodernizzaw din l-industrija. Kull min huwa involut f'din l-industrija la qatt beża' u lanqas qiegħed jibża' llum mit-tibdil sakemm il-proċess ikun wieħed ċar, trasparenti, serju, ġust, sod, ikkomunikat tajjeb u mingħajr burokrazija li minnha ħadd ma jieħu xejn. Anzi, l-operaturi qed jifhmu li dan it-tibdil huwa meħtieġ biex xogħolhom ikollu valur akbar, titjieb il-kwalità u jiżdied is-serħan tal-moħħ.

Sur President, nagħlaq billi ngħid li qed inressqu dawn l-emendi mhux biss biex l-Oppożizzjoni tirriaferma r-rieda u l-qbil li jkollna regolamentazzjoni dwar il-kuntratturi, imma wkoll sabiex flimkien, il-Kamra kollha, permezz ta' liġi naslu għal pjan, b'timeline determinat u speċifiku biex ikollna riforma ħolistika, jiżdiedu t-trasparenza, l-akkontabilità, id-dixxiplina u l-governanza tajba fl-industrija, u fuq is-sit tal-kostruzzjoni nagħtu valur akbar lis-settur tal-bini u tal-kostruzzjoni, innisslu fiduċja fl-istess industrija biex pajjiżna u l-kwalità tal-ħajja tagħna jmorru 'l quddiem. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? Il-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi.

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Sur President, il-mozzjoni li din il-Kamra għandha quddiemha llum għad-diskussjoni toħroġ minn dritt li għandu kull Membru ta' din il-Kamra; li meta jiġi mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra avviż legali, hemm proċedura li tista' tiġi segwita li permezz tagħha jistgħu jsiru waħda minn żewġ affarijiet. Tista' titressaq mozzjoni li permezz tagħha jintalab it-tħassir ta' dak l-avviż legali, jew il-liġi tagħna tipprovdi li Membru jista' jressaq mozzjoni biex jemenda dak l-avviż legali.

Din il-mozzjoni hija possibbli u qiegħda ssir għax dan il-Gvern qed iwettaq bidliet kbar fis-settur tal-kostruzzjoni. Qegħdin inwettqu bidliet importanti fil-qafas tar-regolamenti li jirregolaw dan is-settur. Qegħdin naħdmu b'mod konkret u qegħdin inwettqu bidliet li huma meħtieġa. Fil-fatt, qed jikber dejjem il-kunsens għal dawn il-bidliet li wegħedna fil-manifest elettorali tal-aħħar elezzjoni ġenerali.

Tajjeb li fl-introduzzjoni tiegħi nfisser dan l-Avviż Legali li dwaru għandna din id-diskussjoni, li hija mnebbħa, mibnija jew xprunata mill-emendi li ressaq l-Onor. Stanley Zammit. Tajjeb nispjega x'tana dan l-Avviż Legali li qabel ma kellniex. L-iskop ta' dan l-Avviż Legali nistgħu niġbruh fi tliet kelmiet: aktar serjetà, aktar responsabbiltà u kwalità ogħla. Però lil hinn minn dawn it-tliet objettivi - li biex nilħquhom mhux dan l-Avviż Legali biss għamilna - se nitkellem ukoll dwar il-passi li jridu jittieħdu fiż-żmien li ġej. Se nsemmi wkoll kif se nkunu qegħdin inkomplu nwettqu din il-bidla importanti. Permezz ta' dan l-Avviż Legali, għall-ewwel darba rajna numru ta' entitajiet, kumpaniji

u persuni li sal-31 ta' Ottubru ta' din is-sena tefgħu applikazzjoni biex jaħdmu f'dan is-settur.

Fil-fatt kellna 3,793 applikazzjoni li jitqassmu fi tliet kategoriji. Kien hemm 1,233 applikazzjoni biex jagħmlu xogħol ta' twaqqigħ, 806 biex jagħmlu xogħol ta' skavar u 1,754 biex jagħmlu xogħol ta' bini. Hemm min għamel applikazzjoni għal kategorija waħda biss u oħrajn li applikaw għat-tlieta li huma. Ovvjament, kulħadd applika skont is-servizzi li jopera fihom. Daħlu dawn l-applikazzjonijiet, għax tajjeb infakkar li b'dan l-Avviż Legali, l-ewwel bidla importanti diġà twettqet. Dan għaliex, dawk li m'applikawx sal-31 ta' Ottubru ta' din is-sena, mill-1 ta' Novembru 'l quddiem ma setgħux jibqgħu joperaw f'dan is-settur.

Mela diġà rajna bidla, Sur President. Filwaqt li qabel dawn is-setturi kellhom nuqqas ta' ħtieġa ta' applikazzjoni ta' liċenzjar, ħlief għal-liċenzja tal-bennej, mill-1 ta' Novembru 2023, dan l-Avviż Legali daħħal l-ewwel fażi ta' din il-bidla fil-liċenzjar tal-kuntratturi. Qed nispjega dan għax il-mod kif inħadem u tfassal dan l-Avviż Legali qed idaħħal b'mod gradwali din il-bidla, li se twassalna sal-1 ta' Jannar tal-2025. Dan is-settur li kien nieqes mir-regolamentazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' liċenzjar, se jidħol fil-fażijiet imsemmija f'dan l-Avviż Legali, li bħalissa qegħdin fl-ewwel fażi tiegħu, biex nirregolawh.

Però, apparti din il-bidla li bdiet isseħħ fl-1 ta' Novembru 2023, hemm punt ieħor importanti ħafna. Dan jirrelata mal-fatt li, għall-ewwel darba, il-Building and Construction Authority (BCA) għandha statistika ċara ta' kemm hawn operaturi f'dan is-settur. Issa konvint li ma' dawn, maż-żmien, se jkunu qed jingħaqdu oħrajn. Dawk li m'applikawx sal-31 ta' Ottubru 2023 iridu jistennew dak li qed jissejjaħ il-provisional clearance biex jagħmlu dan ix-xogħol. Eventwalment, biex persuna tkun tista' taħdem irid ikollha l-liċenzja b'mod komplet. Hemmhekk nistgħu ngħidu li nkunu għaddejna mit-tliet fażijiet li jġib miegħu dan l-Avviż Legali.

Tajjeb insemmi punt ieħor, b'risposta għal waħda mill-premessi li għadu kemm qara l-Onor. Zammit fil-mozzjoni li għandna quddiemna, fejn issemma r-Rapport Quintano. Tajjeb ngħid li dan l-Avviż Legali għat-twettiq tal-liċenzjar tal-kuntratturi huwa l-implimentazzjoni ta' waħda mir-rakkomandazzjonijiet ta' dan ir-rapport li kien fih 77 rakkomandazzjoni. B'differenza ta' dak li qal l-Onor. Zammit, fil-fehma tiegħi b'mod mill-aktar skorrett, meta qal li dan huwa rapport li tħalla fuq l-ixkaffa, irrid ngħid li minn 77 rakkomandazzjoni, 70 rakkomandazzjoni jew twettqu jew qegħdin fil-fażijiet finali biex jitwettqu. Hemm seba' inizjattivi oħra li fadal aktar xogħol x'isir fuqhom. Mela biex inkunu korretti u ċari mal-fatti, ir-Rapport Quintano qed jiġi attwat u implimentat, imma qed jiġi implimentat b'mod strutturat u b'mod li f'kull fażi u f'kull bidla kull min hu involut qed ikun kontinwament ikkonsultat.

L-Onor. Zammit semma żmenijiet fil-passat meta f'din il-Kamra kien isir ċertu diskors, imma azzjoni kienet tittieħed ftit jew xejn. Tajjeb ngħid li kien hemm diversi rakkomandazzjonijiet, imma fir-rigward tar-rakkmandazzjonijiet l-aktar riċenti fir-Rapport Quintano, nista' nitkellem b'mod ċar dwar liema tlestew, liema qegħdin fil-fażijiet finali u liema għad fadal isir aktar xogħol fuqhom. Dan huwa l-mod serju, kostruttiv u ordnat li bih irridu nagħmlu dawn il-bidliet.

Dak li ppreokkupani mhux ftit minn din il-mozzjoni huwa l-fattur tal-konsultazzjoni. Ilbieraħ kont qed naqra l-ġurnal tal-Partit Nazzjonalista *In-Nazzjon* fejn il-Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech ġie kkwotat li qal li l-Partit Nazzjonalista se jkun qed jiggverna b'konsultazzjoni kontinwa man-nies. Illum il-Partit Nazzjonalista qiegħed fl-Oppożizzjoni, imma fuq dak li qegħdin nitkellmu llum żgur li mhux qed jagħti eżempju ta' dak li qed jgħid li jagħmel kieku jkun fil-gvern.

Huwa ċar li dak li qed jiġi propost f'din il-mozzjoni, speċjalment iż-żieda fil-liċenzji, ma saritx konsultazzjoni dwaru. Huwa importanti li ngħid dan. L-emendi li qegħdin inressqu fl-Avviż Legali jistgħu jinqasmu fi tnejn: għandek l-aspett ta' dawk l-emendi li qed isiru fuq dak li hu miktub fl-Avviż Legali fejn qed jiġi propost li, jew jiżdiedu d-dettalji, jew jinbidel xi diskors, jew jiżdied xi rekwiżit. Però mbagħad hemm bidliet fundamentali li jmorru lil hinn minn dak li ġie propost fl-Avviż Legali. Fir-rigward taż-żieda ta' klassifikazzjoni tal-kuntratturi u ż-żieda ta' numru sostanzjali ta' ħiliet u snajja' li issa qed jiġi propost li jiżdiedu, li huwa estensiv, hawnhekk il-parametri jinbidlu.

Jekk tgħidli x'inhi l-intenzjoni tal-Gvern f'dan ir-rigward ngħid li l-prova tajnieha din is-sena meta, għall-ewwel darba, f'Lulju daħħalna l-liċenzjar tal-kuntratturi. Dan juri li dan il-Gvern qed jaħdem bis-serjetà biex jgħolli l-livell u l-istandards f'dan is-settur. Però, ejja noqogħdu attenti li l-bidliet ma jsirux billi niġu hawnhekk u nressqu emendi mingħajr ma nitkellmu ma' ħadd. Ma nistgħux nipproponu liċenzji li jolqtu lil mijiet, jekk mhux eluf, ta' ħaddiema u operaturi mingħajr ma nkunu tkellimna ma' ħadd.

Biex in-nies li qegħdin isegwuna jkunu jafu fuq xiex qegħdin nitkellmu, hawnhekk qegħdin nitkellmu dwar xogħlijiet ta' finitura u xogħlijiet ta' servizzi tal-bini. Fil-proposta li qed titressaq qed jingħad li dawn jinkludu l-invjar, tikħil, tibjid, tqegħid ta' madum, waterproofing, affarijiet mekkaniċi, elettriċi, airconditioning, gass, internet u telekomunikazzjoni, fost lista sħiħa. Jien staqsejt u tkellimt ma' nies involuti f'dan is-settur u kważi kważi dawn qajla kienu jafu li llejla dan il-Parlament se jiddiskuti l-proposti mressqa mill-Onor. Stanley Zammit f'isem l-Oppożizzjoni. Ma' kull min tkellimt kulħadd qalli li ma jafx dwar dawn il-proposti u kif ħadd ma tkellem magħhom dwarhom. Aktar minn hekk, ġejt ikkopjat b'email li nixtieq inpoġġiha fuq il-Mejda tal-Kamra li ntbagħtet mis-CEO taċ-Chamber for SMEs, is-Sa Abigail Agius Mamo, lill-Onor. Zammit, li ġie informat li se nkun ikkopjat f'din l-email.

Sur President, hawnhekk se npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra:

> E-mail indirizzata lill-Onor. Stanley Zammit mibgħuta mis-CEO tal-Malta Chamber of SMEs.

Din l-email titkellem b'mod ċar u se naqra biċċa minnha. Is-Sa Agius Mamo tgħid hekk:

> "Whilst it is agreed that services related to the building industry should be formalised, …"

- dwar dan il-Gvern jaqbel u naħseb li hawn kunsens -

> "… it is not agreed that what is being proposed in the motion is a sensible policy proposal."

Dan li qed jiġi propost mhux qed jitqies bħala xi ħaġa sensibbli, jew inkella ma nafx jekk għandix ngħid bla sens. Fir-rigward ta' policy proposal, l-affarijiet ma jsirux hekk. Iċ-Chamber of SMEs qed tgħid u nkompli nikkwota:

> "Such operations, as also described in the motion, should be formalised through a skills card system …"

- hemm il-pjan kif dawn jiddaħħlu -

> "… and this should go through the process of consultation."

Mela hawnhekk għandna ċ-Chamber of SMEs, li hija membru wkoll fil-Malta Council for Economic and Social Development (MCESD), li qed tikteb lill-Onor. Zammit qabel dan id-dibattitu u qed tgħidlu: Fejn ikkonsultajt? Kif qed tmur quddiem il-Parlament mingħajr ma tkellimt magħna? Dan mhux il-mod kif isiru l-affarijiet! Hawn se nispjega d-differenza fil-mod kif ħdimna u se nkomplu naħdmu bħala Gvern. Dan qed ngħidu għax dawn huma bidliet importanti.

Dan mhux sempliċement ngħidu li se nagħmlu liċenzjar biex nagħmlu liċenzjar. Mela ma nagħmlux liċenzjar! Mela ma nżidux is-serjetà! Mela ma nżidux l-infurzar! Aħna bil-fatti qegħdin inżidu dawn l-affarijiet. Wieħed jista' jara l-istatistika li kkwotajt f'dan il-Parlament drabi oħra dwar kemm il-BCA qed issaħħaħ l-infurzar tagħha. Żidna l-finanzi lil din l-Awtorità li twaqqfet taħt dan il-Gvern biex inkomplu nagħtuha aktar riżorsi bil-fatti u mhux bid-diskors.

Sur Pressident, niġi issa biex nitkellem ftit fuq il-konsultazzjoni u forsi nagħti parir lill-kollegi tagħna dwar kif għandhom jagħmlu l-konsultazzjoni. Nerġa' ngħid li l-Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech qal li jekk ikunu fil-gvern se jikkonsultaw ma' kulħadd. Ħalli nispjega kif għandhom isiru l-affarijiet. L-ewwel nett, qabel ma ħriġna l-Avviż Legali, tkellimna ma' bosta stakeholders, fosthom il-Kamra tal-Periti, il-Malta Development Association (MDA), iċ-Chamber of SMEs, iċ-Chamber of Commerce, il-Kamra tal-Inġiniera u individwi oħra u għedna li hemm diversi ħiliet u servizzi li hemm bżonn li jiġu regolati f'dan is-settur. Staqsejna: X'inhi l-prijorità li għandna nirregolaw l-ewwel qabel kull ħila kollha? U ħadna d-deċiżjoni li nirregolaw il-bini, it-

twaqqigħ u l-iskavar. Kienet deċiżjoni maħsuba fejn flejna u rajna x'possibbilitajiet hemm biex nirregolaw u kif se namministraw din ir-regolamentazzjoni. Mhux lakemm tikteb l-avviżi legali imma trid tara kif se tamministrahom.

X'għamilna bħala Gvern? L-ewwel nett, ħabbarna din il-bidla f'konferenza stampa, fejn ħadna l-mistoqsijiet. Imbagħad għamilna konsultazzjoni, fejn ma mxejniex bis-sistema ta' konsultazzjoni fuq konsultazzjoni.gov u min jaf jikteb xi ħaġa jibgħatlek komunikazzjoni b'mod elettroniku biss, imma morna lil hinn minn hekk. Morna għand in-nies involuti f'dan is-settur u fejn kien hemm bżonn rajna li nkellmuhom individwalment. Se nippreżenta żewġ ritratti ta' laqgħat li fihom attendew aktar minn 1,000 persuna meta tkellimna direttament mal-operaturi u se nqegħedhom fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Żewġ ritratti li juru numru kbir ta' persuni li attendew laqgħat mal-operaturi.

Bħala Gvern ma tkellimniex biss mal-entitajiet, li waħda minnhom qalet li l-Oppożizzjoni ma tkellmet ma' ħadd, imma tkellimna mal-individwi. Mela l-ħobża ta' kuljum tal-individwi tista' taqbad u tiddeċiedi fuqha mingħajr ma titkellem magħhom? Fejn hemm bżonn inkun iebes fuq dan is-settur, ma nidejjaqx li nagħmel dan. Bħalma ma niddejjaqx li nkun iebes fejn hemm bżonn li nbiddlu l-affarijiet. Kif nafu, hemm wisq esperjenzi f'dan is-settur li ħallew traġedji koroh. Għalhekk irridu nbiddlu r-rotta u ngħollu l-livelli, imma jekk se nbiddlu l-affarijiet ejja nagħmluhom bis-serjetà.

Il-fatt li niġu hawnhekk illejla u nressqu mozzjoni mingħajr ma nkunu tkellimna ma' ħadd, naħseb li mhuwiex korrett. Anzi, naħseb li huwa nuqqas serju. Huwa veru li dan il-Parlament għandu s-setgħa li jagħmel il-liġijiet, imma dan il-Parlament irid jirrappreżenta l-ispirtu tan-nies. Għalhekk trid tmexxi b'konsultazzjoni, kif qegħdin nagħmlu bħala Gvern u mhux kif sar mill-Oppożizzjoni meta ressqet din il-mozzjoni mingħajr l-ebda konsultazzjoni.

Sur President, ikun tajjeb li nagħmel ftit mistoqsijiet meta qed nitkellmu fuq l-introduzzjoni ta' dawn il-liċenzji. Pereżempju, mistoqsija li tiġik mill-ewwel meta tara din il-mozzjoni - jien qbadt l-emendi li tressqu u qrajthom flimkien mal-bqija tal-Avviż legali - hija illi kieku kellna naċċettaw l-emendi kif qed tgħid l-Oppożizzjoni, xi ħadd li jrid jibdel xi erba' madumiet id-dar ma jistax jagħmel dan, għax irid ikollu liċenzja. Dak li qegħdin jgħidu! (Interruzzjonijiet) Hekk hu! Ħalli ngħid xi ħaġa oħra lill-Onor. Zammit. Kif inhi miktuba l-mozzjoni u qed jipproponu … (Interruzzjonijiet) Hawnhekk għandna proposta ta' liġi biex nemendaw avviż legali. Kieku kellha tiġi aċċettata l-emenda li qed tressaq l-Oppożizzjoni, in-nies kollha li jaħdmu f'dan is-settur, mill-mument li tgħaddi dik l-emenda, ma jistgħux jaħdmu għax ma jkunux applikaw sal-31 ta' Ottubru. Ma ħasbuhiex din, għax il-mozzjoni kienet mgħaġġla u mingħajr ħsieb, konsultazzjoni u riflessjoni. Għalhekk huwa importanti li tagħmel il-konsultazzjoni; għax meta titkellem man-nies, anke f'dak li qed tagħmel inti, xi ħadd se jiftaħlek għajnejk li l-affarijiet jistgħu jkunu aħjar.

Pereżempju, qegħdin isemmu stallazzjonijiet ta' telekomunikazzjoni u apparat relatat mat-teknoloġija. Nistaqsi: Min jiġi jwaħħalek l-internet id-dar qed jgħidu li jrid imur japplika mal-BCA biex ikompli jwaħħal l-internet? Ejja nkunu ċari. Li tgħidli illi lil tal-invjar, tat-tibjid, tal-madum u tal-waterproofing hemm bżonn li nirregolawhom, iva, naqbel. Nistgħu nagħmlu dan billi l-ewwel nett, infasslu standards ta' kif irid isir ix-xogħol. Hemm xogħol ippreparat li jrid jidħol fis-seħħ u bħalissa għaddejjin diskussjonijiet fir-rigward. Sar ħafna xogħol mill-Building Industry Consultative Council (BICC) li llum evolva fil-Building and Construction Consultative Council (BCCC), imma fir-rigward tal-istandards fix-xogħlijiet, diġà qegħdin nitkellmu mal-Awtorità kompetenti biex l-istandards jieħdu s-saħħa ta' liġi.

B'hekk jekk xi ħadd jgħidli li din qed jagħmilha tajba u din le, ikun hemm riga tal-istandard. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, l-ewwel impenn tagħna jrid ikun li nagħmlu ċar x'inhuma l-istandards f'dawn ix-xogħlijiet. Apparti minn hekk, hemm ukoll il-ħtieġa, u naqbel perfettament, li nintroduċu l-iskills cards, li għandhom żewġ aspetti importanti. L-ewwel nett, ir-rikonoxximent li persuna għandha l-ħila li tagħmel ċertu xogħol. F'Malta għandna ħafna nies li ilhom is-snin jagħmlu ċertu xogħol, imma qatt ma kellhom rikonoxximent formali tal-ħiliet tagħhom. Hemm sistemi kif nistgħu nagħtu MQF level għal dawn il-ħiliet sabiex jiġu rikonoxxuti.

It-tieni aspett tal-iskills card huwa li nieħdu deċiżjoni b'konsultazzjoni fejn ngħidu li minn dik id-data 'l quddiem, biex tagħmel xogħol partikolari, irid ikollok din l-iskills card. Issa ejja ma nitilqux niġru jekk għamilna snin ma mxejniex pass! Nifhem li l-introduzzjoni tal-liċenzjar tal-kuntratturi huwa pass minn mixja twila, imma huwa pass li sar u rridu nkomplu nibnu fuqu. Dan għaliex, kif qed ngħid, tana l-ewwel idea ta' statistika u ċifri. (Interruzzjonijiet) Aħjar minn passi li ma jsirux! Kien hemm ħafna snin li kienu jgħidu li se jagħmlu passi ta' ġgant u lanqas pass ta' nemla ma għamlu! (Interruzzjonijiet) Illum il-passi qegħdin jittieħdu. Qegħdin hawnhekk niddiskutu din l-emenda, għax hemm avviż legali. Aħna ħadna u se nkomplu nieħdu azzjoni, għax ma nibżgħux u ma niddejqux mill-bidla, imma l-bidla trid issir bis-serjetà u b'rispett lejn il-poplu u lejn min jaħdem fis-settur.

Ħalli nkompli nistaqsi, għax hemm ħafna mistoqsijiet li wieħed irid jagħmel. Pereżempju, meta qegħdin jgħidu li se jagħmlu liċenzja fuq ix-xogħlijiet elettriċi, ittieħdet inkonsiderazzjoni li diġà hemm liċenzja ta' electrician? Kif se taħdem il-liċenzja ta' electrician mal-liċenzja li qegħdin jgħidu li jkun hemm tal-BCA? Dawn huma mistoqsijiet li m'hemmx tweġiba oħra għalihom, ħlief li dawn huma emendi mhux maħsuba.

Niġi issa għall-klassifikazzjoni tal-kuntratturi, Sur President. Ngħidha b'mod ċar: Gvern li jwettaq u Gvern li jieħu azzjoni huwa Gvern pożittiv. Hawnhekk għandna proposta mill-Oppożizzjoni li qegħdin ngħarbluha bħala Parlament u qed nagħti r-raġunijiet għalfejn hija proposta li mhix maħsuba. Però dan ma jfissirx li dan il-Gvern ma jaqbilx dwar id-direzzjoni 'l fejn irridu mmorru. Anzi, din hija d-direzzjoni fejn se mmorru u fejn se naslu, però, bi ħsieb u mhux bl-addoċċ.

Ħalli niġi għall-klassifikazzjoni tal-kuntratturi. X'inhu l-iskop tal-klassifikazzjoni tal-kuntratturi? L-iskop huwa li ġaladarba persuna tiġi rikonoxxuta bħala kuntrattur, ikun hemm klassifikazzjoni u l-kuntrattur ikollu l-klassifikazzjoni li jista' jagħmel tip ta' xogħol partikolari. Dik hija l-contractors' classification. Mela jekk qed nitkellmu fuq il-bini, irid ikollna klassifikazzjoni li ngħidu li kuntrattur għandu ħila li jibni torri u kuntrattur ieħor għandu l-ħila li jibni kamra fuq il-bejt. Jekk wieħed jara dak li qed jiġi propost mill-Oppożizzjoni, filwaqt li nemmen li ġaladarba nkunu pproċessajna u mexxejna l-idea tal-liċenzjar tal-kuntratturi, u dan ikun fis-seħħ fl-intier tiegħu, irridu mmorru għall-contractors' classification, imma dan il-pass irid isir wara u mhux qabel. Il-contractors' classification irid jiġi propost b'mod differenti minn dak li ġie propost mill-Oppożizzjoni. Għalkemm fil-mozzjoni tissemma din il-contractors' classification, hija klassifikazzjoni li ma twassal għal imkien għax kulma qed tgħid hija li tara l-ħiliet u l-kwalitajiet.

Però, ġaladarba kuntrattur ikollu dawk il-ħiliet u kwalitajiet, kif se tiddistingwi wieħed minn ieħor? X'se jkun ir-riżultat ta' dik il-klassifikazzjoni? Jekk wieħed jara dak li ġie propost fl-emenda, m'hemmx risposta għal din il-mistoqsija. Mela filwaqt li fil-prinċipju qegħdin naqblu li jkollna contractors' classification, qegħdin ngħidu li l-mod kif qed tiġi proposta mhuwiex il-mod kif għandha ssir. L-ideali jkun li ġaladarba jkollna l-liċenzjar tal-kuntratturi strutturat, għandna ngħaddu biex nagħmlu proċess ta' konsultazzjoni u ta' verifika. Nemmen li dik hija l-aħjar triq li rridu nieħdu.

Dawn huma ż-żewġ tibdiliet fejn wieħed jista' jgħid li dawn l-emendi qed imorru lil hinn minn dak li ġie propost jew li llum huwa liġi permezz tal-Avviż Legali. Però hemm numru ta' emendi oħrajn li wieħed irid jikkummenta wkoll dwarhom. Ħarist u rriflettejt dwar dak li qed jiġi propost u niskanta kif, filwaqt li fil-premessi min-naħa tal-Oppożizzjoni qed jingħad li l-proċess ta' applikazzjonijiet m'għandux ikun burokratiku, fl-istess ħin qegħdin jipproponu emendi li fil-verità huma burokratiċi. Ħalli nispjega għaliex qed ngħid dan. X'inhu l-iskop li jkollok liċenzja ta' kuntrattur?

L-iskop huwa, anke minn dak li qal l-Onor. Zammit, li tidentifika min għandu l-ħila jew m'għandux il-ħila, jew min jista' jitħalla jew ma jitħalliex jagħmel xogħol partikolari. Dan huwa proċess bħal meta wieħed imur għal-liċenzja tas-sewqan. Dan se jiġi evalwat jekk jafx isuq jew le u jekk għandux biżżejjed taħriġ biex jitħalla jsuq jew le. Però li nagħmlu proposti fejn nitolbu li informazzjoni li diġà qiegħda għand il-Gvern tiżdied ma' dak li hu meħtieġ biex wieħed japplika, dan imur kontra dak li qed jingħad fil-premessi li l-proċess m'għandux ikun wieħed burokratiku.

Ħalli ngħid kif għażilna għal xiex għandha tapplika l-persuna. Fost id-dettalji li ntalbu hemm li jkollok il-VAT number. Allaħares tkun qed tagħti servizz mingħajr VAT number! Issemmiet ukoll id-dikjarazzjoni jekk persuna hijiex falluta jew le. Fil-fehma tiegħi, dik hija importanti ħafna. Ejja ma ninsewx li persuna li toffri servizz tal-bini, il-kuntrattur u l-appaltatur, skont il-Kodiċi Ċivili, għandu preskrizzjoni twila quddiemu biex jekk jiġri xi ħaġa lil dak il-bini, wieħed jista' jdur fuqu bħalma jista' jdur fuq il-perit. Ma nistgħux nippermettu nies li jkunu falluti li jagħmlu dan ix-xogħol. Din għalhekk kienet importanti. Però mbagħad li nibqgħu nżidu r-rekwiżiti huwa mod kif inżidu l-burokrazija f'dan is-settur.

Ħaġa oħra li laqtitni ħafna hija l-emenda li qed tiġi proposta li għandu jkun hemm inġinier jew perit b'għaxar snin esperjenza, imma mbagħad qed inżidu kwalifika li xi ħadd b'għaxar snin esperjenza ma nistgħux nagħmluh fil-kumitat, għax ikun għadu qed jeżerċita l-professjoni ta' perit jew inġinier. Mela għax xi ħadd jeżerċita l-professjoni tiegħu qed jiġi eskluż milli jkun parti minn grupp ta' nies li jiddeċiedu jekk, skont il-liġi, persuna għandhiex tingħata liċenzja jew le?! Jekk tgħidli minħabba konflitt ta' interess, ma naħsibx li xi ħadd li huwa perit jew inġinier se jkollu konflitt ta' interess fuq kull applikazzjoni. Minn 4,000, f'kollha se jkollu konflitt ta' interess?

Jekk se nżidu, kif qed tgħid l-Oppożizzjoni, dawk il-mijiet ta' applikazzjonijiet fil-ħiliet l-oħra kollha, se jkun hemm konflitt ta' interess? Ma tinftiehemx. Li ngħaddu l-messaġġ li għax persuna teżerċita professjoni m'għandhiex tkun f'dawn il-pożizzjonijiet huwa messaġġ żbaljat. U se nagħti eżempju. Insemmi lill-Onor. Toni Bezzina, li qed insemmih b'rispett, li għadu kif ġie konfermat bħala membru fl-eżekuttiv tal-Kunsill tal-Kamra tal-Periti. Fost il-mansjonijiet tal-Onor. Bezzina, flimkien ma' oħrajn, hemm li jekk ikun hemm każ ta' dixxiplina ta' perit ikun parti mid-deċiżjoni fuq il-warrant tiegħu.

Allura l-Onor. Bezzina, li huwa perit imħabbat ħafna, Alla jbierku, ma jistax jieħdu dan ir-rwol li jiddeċiedi fuq sħabu l-periti jekk għandhomx iżommu l-warrant jew le? Bl-istess raġunar tal-Avviż Legali tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bezzina m'għandux ikun fuq il-Warrant Board. Jew forsi dawn jirraġunaw li avviż legali mressaq mill-Gvern huwa mod u għal affarijiet oħra nirraġunaw mod ieħor? Ejja nkunu konsistenti!

Nerġa' ngħid dan b'responsabbiltà kbira. Li nibagħtu messaġġ li professjonist li jeżerċita l-professjoni tiegħu m'għandux ikun f'kumitat bħal dan huwa nuqqas ta' rispett u qed nitfgħu dell fuq il-professjoni. Ma naqbel xejn ma' dan. Il-konflitt ta' interess għandu jiġi dikjarat u jkun hemm regoli ċari li ħadd m'għandu jkun parti minn sitwazzjonijiet fejn hemm konflitt ta' interess. Però ejja noqogħdu attenti xi nkunu qegħdin nipproponu. Għalhekk qed ngħid li dawn huma emendi li ma ġewx maħsuba, għax meta wieħed jagħmel riflessjoni u janalizza dak li ġie propost, wieħed jinduna kemm hemm nuqqasijiet serji.

Nista' nirreferi għal diversi temi oħrajn. Pereżempju, jien nifhem x'inhu l-animu ta' emenda oħra imma jekk wieħed jara kif inhu l-Avviż Legali u kif qed jiġi mħaddem, ma narax il-ħtieġa tagħha. Jissemma li min kellu kuntratti qabel id-data ta' dħul ta' dan l-Avviż Legali, dan għandu jistabbilixxi li dan ma jistax iwettaq ix-xogħol. Hawn qegħdin ngħidu l-ovvju, għax diġà qed isir hekk. Se ngħid kif din ir-regola qed tiġi infurzata min-naħa tal-BCA. Illum, jekk xi ħadd imur japplika biex ikollu permess min-naħa tal-BCA biex jagħmel xogħlijiet u jniżżel isem ta' kuntrattur tal-bini, twaqqigħ jew skavar li ma applikax sal-31 ta' Ottubru, dak il-permess ma joħroġx. Mela din ir-regola diġà hija effettiva. Huwa ċar li l-1 ta' Novembru jimmarka data ta' bidla radikali f'dan is-settur f'pajjiżna.

Ovvjament li jkun hemm aktar kjarezza u li nispjegaw iżjed kif qed jitħaddem dan l-Avviż Legali huwa tajjeb u rridu nibqgħu nagħmlu dan ħalli aktar nies jifhmu fejn irridu naslu. L-istess nibqa' ninsisti li l-konsultazzjoni f'kull bidla trid tagħti ċans lil kulħadd li jgħid dak li għandu jgħid imma, fuq kollox, irridu nisimgħu lil min se jintlaqat u nispjegawlu x'qed jiġi propost li jsir.

L-aħħar punt li nħoss li għandi nittratta huwa fir-rigward tal-poloz tal-assigurazzjoni. Napprezza dak li qal l-Onor. Stanley Zammit, li rrikonoxxa li l-Gvern għaddej b'diskussjonijiet mal-kumpaniji tal-assigurazzjoni u mal-għaqdiet tal-assigurazzjoni biex ikollna aktar kjarezza fit-tip ta' assigurazzjonijiet u x'tip ta' poloz għandu bżonn dan is-settur. B'hekk ikun hemm aktar serħan tal-moħħ. Però, hawn nixtieq nagħmel punt importanti. Il-poloz tal-assigurazzjoni ma

jevitawx inċidenti. Il-poloz tal-assigurazzjoni huma biss salvagwardja għal min jista' jinstab responsabbli li naqas u jrid iħallas id-danni. Il-kumpanija tal-assigurazzjoni tagħmel tajjeb għad-danni li tagħhom ikun responsabbli xi ħadd, dejjem jekk iċ-ċirkostanzi jkunu japplikaw skont il-polza. Dan jagħti element ta' serħan il-moħħ li min se jmur ifittex lil xi ħadd ikun jaf li, jekk se jdur fuqu, hemm l-assigurazzjoni li tista' tagħmel tajjeb f'każ ta' danni.

Però, il-fatt li qegħdin nitkellmu fuq danni, qegħdin nitkellmu li ġara inċident, li xi ħadd naqas, li hemm responsabbiltà li trid tinġarr u li xi ħadd irid jagħmel tajjeb għad-danni. Fil-fehma tiegħi, u jidher li dan huwa l-ispirtu espress min-naħa tal-Oppożizzjoni, anke minn dak li qal l-Onor. Zammit fl-intervent tiegħu, l-impenn ewlieni tagħna jrid ikun kif se nipprevjenu l-inċidenti. Naħseb li, l-ewwel u qabel kollox, kemm fir-regolamenti li nfasslu, kemm fil-mod kif inħaddmu dawn ir-regolamenti, kif ukoll fl-għarfien li għandu jkun hemm kif dawn ir-regolamenti għandhom jitħaddmu, l-enfasi ewlenija hija l-prevenzjoni mill-inċidenti. Għalhekk qegħdin nagħmlu dan ix-xogħol biex inżidu l-prevenzjoni ħalli nevitaw l-inċidenti li jistgħu jkunu evitabbli bi ftit attenzjoni. Hemm trid tkun l-enfasi.

Sar kumment f'din il-mozzjoni li, fil-fehma tiegħi, huwa importanti. Jien kollox ninnota u, kif jgħidu, dak li hu tajjeb, trid tgħid li hu tajjeb. Fil-mozzjoni qed jingħad biex noqogħdu attenti fejn qed isiru l-inċidenti. Però ejja ma ninsewx li għall-finijiet ta' prevenzjoni ta' inċidenti għandna liġi fis-seħħ li rridu nkomplu nżidu l-għarfien dwarha. Qed nirreferi għal-Liġi dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Ninnota li numru ta' inċidenti, mhux biss f'dan is-settur imma anke f'setturi oħrajn, ħafna drabi jseħħu għax ma jkunx hemm rispett lejn dak li hu pprovdut f'dawn ir-regoli tas-saħħa u tas-sigurtà.

Meta konna qegħdin niddiskutu l-Baġit għedt, u se nerġa' ngħid dan illum, li l-idea f'dan il-pajjiż li r-regoli tas-saħħa u tas-sigurtà qegħdin hemm ħalli jekk jiġi tal-infurzar ma teħilx multa, hija żbaljata. Inti trid issegwi r-regoli tas-saħħa u tas-sigurtà għax hekk huwa l-aħjar li jsir. Is-sena d-dieħla, wieħed mill-akbar impenji li se jkollha l-Occupational Health and Safety Authority (OHSA) se jkun li nkomplu nżidu kampanji ta' għarfien biex, l-ewwel nett, min għandu responsabbiltajiet f'dan il-qasam jifhem aktar x'inhuma r-responsabbiltajiet tiegħu. Wisq nibża' li hawn ħafna nies li jew mhux jagħtu kas, jew ma jafux, jew ma jżommux f'moħħhom li għandhom responsabbiltajiet.

Ir-responsabbiltajiet mhumiex biss fuq l-employer. L-employer irid jiftakar li mar-radd tas-salib, kif jimpjega lil xi ħadd, tefa' fuq spallejh responsabbiltajiet kbar li jrid jirrispetta. Fil-qasam tal-kostruzzjoni ejja ma ninsewx li f'dak li għandu x'jaqsam mal-Avviż Legali marbut mal-project supervisor, li fi żmien qasir se jkollna aġġornament tiegħu, anke l-klijent għandu responsabbiltajiet fuqu. Ħafna drabi meta wieħed jitkellem man-nies jinduna li hemm nuqqas serju ta' għarfien ta' dik ir-responsabbiltà.

Bl-istess mod, insemmi l-għarfien fost il-ħaddiema. Jekk l-employer tiegħek tak is-safety gear, qis li tużah, imma mbagħad l-employer għandu l-obbligu wkoll li jkun tak it-taħriġ ta' kif għandek tużah, meta għandek tużah u kif għandek taġixxi. F'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni ta' inċidenti, irridu nsaħħu l-ħidma tagħna. Is-sena d-dieħla dan il-Parlament se jiddiskuti abbozz ta' liġi ġdid li jagħti qafas ġdid lill-OHSA b'għodod ġodda mhux biss ta' infurzar imma wkoll ta' kif indaħħlu aktar kultura favur is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Niġi lura għall-assigurazzjoni, Sur President. Kellna diversi diskussjonijiet mal-Insurance Association Malta u nistgħu ngħidu li hemm tliet aspetti li wieħed irid iqis. L-ewwel nett, diġà għandna liġi, qabel dik tal-kuntratturi, li hija l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 623.06, li tgħid li meta għandek xogħlijiet li jmissu ma' terzi trid iddaħħal il-contractors' all risk insurance biex tagħmel tajjeb f'każ li tagħmel danni lil min imiss miegħek waqt proġett ta' kostruzzjoni. Hemmhekk għaddejjin b'diskussjonijiet biex niffinalizzaw li anke f'tip ta' bini li ma jmissx ma' terzi, jiġfieri jkun għalih waħdu, trid iddaħħal ukoll il-contractors' all risks insurance. Din hija bidla importanti li qegħdin naħdmu u se mmexxu fuqha 'l quddiem.

It-tieni, għandek ukoll l-aspett dwar x'tip ta' assigurazzjoni għandu jkollhom il-kuntratturi tal-bini, twaqqigħ jew tħaffir. Issa ngħidha kif inhi, kellna diskussjoni pubblika fejn bqajna nikkonsultaw. Min-naħa tal-Malta Developers Association (MDA) il-proposta tagħhom kienet li biex kuntrattur ikollu liċenzja, dan irid iġib liċenzja għal sena sħiħa, inkella ma jistax jaħdem.

Bħala Gvern evalwajna dik il-proposta, tkellimna mal-Insurance Association Malta u staqsejniehom x'jaħsbu dwarha? Qalulna li fiċ-ċirkostanzi u fil-mod kif qed jevolvi s-settur, ikun aktar għaqli li f'dan l-istadju fejn qed nintroduċu liċenzja tal-kuntratturi, nagħmlu obbligu, kif fil-fatt għamilna, li meta kuntrattur jagħmel biċċa xogħol irid jassigura li hemm assigurazzjoni fuq dik il-biċċa xogħol. Mela d-differenza hija waħda; jekk ikunx hemm assigurazzjoni fuq dik il-biċċa xogħol partikolari jew inkella l-kuntrattur ikollux assigurazzjoni li tkun għal sena sħiħa.

Issa jien naf li hawn kuntratturi li għandhom din it-tip ta' polza, imma jekk qegħdin nagħmlu evoluzzjoni biex naraw l-aħjar mod kif naħdmu mal-kumpaniji tal-assigurazzjoni, irridu nkunu f'sintonija  ma' dak li qed tgħidilna l-industrija u r-realtajiet tas-settur. Fil-fehma tiegħi, filwaqt li għadna għaddejjin b'xi diskussjonijiet u jista' jagħti l-kas li fl-avviż legali li semmejt hemm il-ħtieġa ta' emendi, meta wieħed jara x'tip ta' poloz tista' toffri l-industrija tal-assigurazzjoni, kif qed taħdem l-industrija tal-kostruzzjoni bl-evoluzzjoni lejn il-liċenzjar u kif dawn nistgħu nħaddmuhom flimkien, irridu nsibu l-aħjar mod biex kulħadd ikollu ċ-ċans li jopera ġaladarba jkun ħaqqu liċenzja. Fl-istess ħin irridu nagħtu s-serħan il-moħħ li x-xogħol ikun kopert b'polza tal-assigurazzjoni li fil-fehma tiegħi hija s-soluzzjoni ideali. Nerġa' ngħid, hawn qed nitkellmu fuq il-contractors' all risks policy.

L-aħħar osservazzjoni li nixtieq nagħmel hija fuq l-employers' liability. Minn dak li qalulna l-Insurance Association Malta sal-aħħar diskussjonijiet li kelli jidher li l-pożizzjoni għadha l-istess. Hawn nixtieq nirringrazzja kemm lill-Insurance Association Malta kif ukoll lill-Association of Insurance Brokers (AIB) kif ukoll lill-għaqdiet kollha li attendew, inkluż għaqda ġdida li għadha kif ġiet ifformata li qiegħda tirrappreżenta lill-kuntratturi ż-żgħar u lill-bennejja individwali li nsellmilhom minn hawn, għall-biċċa xogħol importanti li qed nagħmlu fejn tidħol il-konsultazzjoni. Fil-fatt komplejna nitkellmu ma' aktar stakeholders u aktar nies li qed jorganizzaw ruħhom biex ikollna metodi aħjar ta' konsultazzjoni. Ilkoll flimkien irridu nsibu l-aħjar formula li tagħti lil kulħadd iċ-ċans jaħdem filwaqt li naġġornaw u ntejbu l-affarijiet fid-direzzjoni t-tajba.

Fir-rigward tal-employers' liability il-pożizzjoni tal-MIA u l-Insurance Association Malta hija waħda. Jekk il-Gvern irid li jimponi l-obbligu ta' employers' liability insurance jkun aħjar li tkun ma' kulħadd, jiġifieri fis-setturi kollha, minflok fuq il-kuntratturi biss. Din hija diskussjoni li għaddejja ma' dan is-settur. Intenni li meta tlaqna bid-diskussjoni f'Marzu li għadda, il-proposta tal-employers' liability hemm kienet, imma meta tkellimna mal-industrija rajna li għad hemm bżonn ta' aktar żmien biex naraw kif din tiġi introdotta. Issa quddiemna għandna din il-proposta, fejn li kieku l-Oppożizzjoni tkellmet mal-Insurance Association Malta, kien se jkollha r-rispons li għandi jien.

Ħalli nagħmilha ċara. Min iħaddem lin-nies u volontarjament illum bir-responsabbiltajiet li għandu l-kuntrattur ma jagħmilx polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-responsabbiltajiet tiegħu rigward il-ħaddiema u danni lil terzi, jidhirli li hu nuqqas serju. Din hija l-opinjoni tiegħi, mhux biss għas-settur tal-kostruzzjoni, imma f'kull post tax-xogħol. Mela fil-fabbriki u f'diversi industriji ma jistax ikollok bniedem li jweġġa'? Mela ejja jkollna aktar għarfien. Naħseb li hawnhekk hemm bżonn ta' diskussjoni aktar wiesgħa. Għalhekk trid tiddiskuti qabel tressaq il-proposti, għaliex meta tkellimna u ħadna r-rispons, rajna x'nistgħu nagħmlu f'dan l-istadju.

Dan ifisser li se nieqfu hawn, Sur President? Żgur li le! Dan il-Gvern bil-fatti u b'mod konkret qed iwettaq bidla f'dan is-settur. Is-sena d-dieħla se nkomplu nwettqu aktar bidliet. Biżżejjed insemmi l-avviż legali tal-project supervisors, li diġà għamilt referenza għalih, il-Liġi ġdida tal-Liċenzja tal-Bennejja li ilha ma tinbidel snin twal u diversi inizjattivi oħrajn. Għamilna referenza wkoll għall-konklużjoni tal-kodiċi dwar il-bini u se nkomplu nħarsu lejn aspetti oħrajn ta' regolamentazzjoni, anke għax qed nieħdu r-rispons minn diversi nies dwar ċerti proċessi li għandna fil-BCA, b'mod partikolari fuq il-permessi. Irridu naraw kif terzi jkollhom aktar moħħhom mistrieħ kif isiru l-affarijiet. L-2024 trid tkun sena oħra ta' bidliet strutturati f'dan is-settur. Però l-aktar ħaġa importanti hija dik li f'kull pass li nagħmlu nikkonsultaw ma' kulħadd. Lil min se naffettwawlu l-ħobża ta' kuljum irridu mmorru nkellmuh, nispjegawlu u nisimgħu x'għandu xi jgħid.

Nifhmu kemm nistgħu ngħaġġlu f'din il-bidla, però waqt li rridu naraw li l-bidla ssir, irridu nispjegaw lil min jaħdem f'dan is-settur li din il-

bidla hija importanti kemm għall-pubbliku inġenerali kif ukoll għas-settur innifsu. Hawnhekk naqbel perfettament ma' dak li qal l-Onor. Zammit, li huwa fl-aħjar interess tas-settur li nkomplu nagħmlu l-bidliet. Bħala Gvern m'aħniex se nieqfu hawn. Din is-sena mmarkajna bidliet li kienu ilhom meħtieġa li jsiru. Is-sena d-dieħla se nkomplu nżidu l-ħidma fuq dak li għamilna, għaliex id-direzzjoni tagħna nista' niġborha fi tliet kelmiet. Irridu aktar responsabbiltà u aktar serjetà. Iva, huwa fl-aħjar interess ta' kulħadd li jkollna kwalità ogħla. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Sur President, l-Onor. Stanley Zammit qal li s-suċċess tal-liċenzji jiddependi wkoll fuq l-iskills card. Hawn naħseb li laqat il-musmar fuq rasu. Fil-fatt se nkun qed nitkellem fuq dan is-suġġett. Però naħseb li nagħmlu tajjeb li naraw x'wassal għal dawn l-emendi u naraw ukoll fejn ninsabu llum. Waqt li kont qiegħed nikteb dan id-diskors qrajt rapport li sar mid-Daphne Caruana Galizia Foundation for the Public Interest Litigation Network (PILN) li ħareġ b'numru sinifikanti ta' statistika li naħseb tajjeb li naqsam ftit minnhom ma' din il-Kamra. Bejn l-2010 u l-2022 kien hemm 49 ħaddiem li mietu fuq il-post tax-xogħol f'siti ta' kostruzzjoni.

Bejn l-2015 u l-2022 kien hemm 22 rapport ta' inċidenti fejn waqgħu ħitan, li 18% minnhom wasslu għal fatalità. Minn każijiet ta' 49 ħaddiem li, sfortunatament, mietu fuq il-post tax-xogħol, għad hemm 34 kawża miftuħin, li jmorru lura għall-2012 u 15-il każ biss ingħalqu. Il-multa medja li ngħataw mill-Qorti Kriminali hija ta' €7,030. Din hija s-sitwazzjoni li għandna bħalissa. Għalhekk meta tħares lejn is-settur tibda tagħraf aktar l-importanza li l-ħaddiema li jaħdmu f'dan is-settur ikollhom il-ħiliet neċessarji. Fost aspetti oħra, f'dan ir-rapport saret osservazzjoni li l-maġġoranza tal-ħaddiema f'dan is-settur m'għandhomx id-dokumenti meħtieġa. Nikkwota:

> "... undocumented and thus almost invisible to systems that are meant to ensure safety, security, accountability, including public scrutiny."

Osservazzjoni oħra tgħid hekk:

> "Without effective enforcement and sufficient human resources, breaches of construction regulations will continue to take place."

Dan iwassalni għat-tieni argument li nixtieq inqajjem dwar l-infurzar. Kull liġi li ngħaddu f'din il-Kamra li ma tkunx infurzata ma tiswa assolutament xejn. Għalhekk irridu naraw li l-awtoritajiet tagħna jkollhom ir-riżorsi umani li għandhom bżonn sabiex nassiguraw li jsir l-infurzar. B'hekk dak li qed nitolbu naraw li jitwettaq verament fil-prattika.

Sur President, fit-23 ta' Mejju 2015, il-Gvern Laburista ta' dak iż-żmien kien nieda l-iskills card. Hawn qed nitkellmu fuq tmien snin ilu. Kien ħareġ anke White Paper li jien qrajt minn faċċata sa faċċata. Imbagħad fl-10 ta' Ottubru, il-Gvern qal li l-iskills card se jkunu mandatorji. Min bħali jsegwi dak li jkun qiegħed isir kemm fis-settur kif ukoll fir-rigward tal-ħaddiema, jien ħadt ir-ruħ u għedt li dan huwa pass pożittiv 'il quddiem. Però, sfortunatament, dan ma seħħx. Għamilna ammont ta' ħaddiema f'ċerti ħiliet, però waqafna hemm. Ejja ma ninħbewx wara subgħajna, kulħadd jaf x'qiegħed jiġri, mhux f'dan is-settur biss imma f'diversi setturi. Però x-xogħol f'dan is-settur minnu nnifsu huwa perikoluż. Hawn persuni li qed jiġu jaħdmu f'pajjiżna u m'għandhomx idea ta' x'inhu martell. Imbagħad jispiċċaw iweġġgħu fuq il-post tax-xogħol. Dan iwassalni għat-tieni parti tad-diskors tiegħi.

Se nirreferi għall-artiklu li deher fuq *The Malta Independent* dwar tliet persuni li taw ix-xhieda tagħhom lill-Public Inquiry Board dwar il-mewt ta' Jean Paul Sofia. Nikkwota:

> "On the topic of Third Country Nationals (TCNs) as workers within the industry, Agius Mamo …"

– hawn qed jirreferi għas-CEO taċ-Chamber of SMEs –

> "… said that when a person comes to Malta to work in the sector, there must be a certain assurance that the person is qualified."

Is-Sur Mario Cassar li kien il-court expert u huwa wkoll perit, qal li:

> " ... there is no legal framework to guarantee what standards should be followed."

Qed nitkellmu tmien snin wara li għedna li l-iskills cards kellhom ikunu mandatorji. Min se jiġi jgħidli li wara tmien snin sħaħ għadna qegħdin naraw kif se nagħmlu din l-imbierka skills card!

F'rapport li deher fil-*Malta Business Weekly,* insibu miktub hekk:

> "Zammit McKeon said that the skills card situation is "dramatic" today, and handed over to Cassar, who said that there are around 2,200 people with skills cards ..."

– dan huwa pass 'il quddiem –

> "… on the register and pointed out that when skimming the list it doesn't look like more than 3% of those people are foreign, even though TCNs make up 25% to 30% of the industry."

Din hija s-sitwazzjoni li rridu nindirizzaw. Hekk għamlet l-Oppożizzjoni Nazzjonalista fil-Mozzjoni li qiegħda tippreżenta. Il-Ministru qal li huwa importanti li jkollna l-klassifikazzjoni. Fil-Mozzjoni li qiegħda tippreżenta l-Oppożizzjoni Nazzjonalista tissemma wkoll il-klassifikazzjoni permezz tal-iskills card. Però dak li qiegħed jippreżenta l-Gvern huwa nofs leħja għax ħalla parti - mhux se ngħid l-aktar parti importanti - essenzjali, tal-formula kompletament barra.

Se nkompli nikkwota minn dan l-artiklu dwar x'qalu l-persuni waqt li kienu qed jagħtu x-xhieda tagħhom:

> "Agius Mamo said that the policy makers should have a plan on how to implement the system and then enforce it. The Chamber has no enforcement role, and only steps in in particular grave situations where they consider terminating someone's membership - but this isn't a regulatory step.
>
> Current BCA CEO Jesmond Muscat, whose testimony followed that of Agius Mamo, told the board that the BCA is aiming to integrate the enforcement of the skills card under its own wing.
>
> Muscat however said that this is one of the biggest challenges to surpass, particularly due to the language barrier. "It's useless doing skills card and them not knowing about them," Muscat said".

Bir-rispett kollu, wara tmien snin inkaxkru saqajna fuq din il-biċċa tax-xogħol, nippretendi li ma ngħidux li l-BCA "is aiming to integrate the enforcement of the skills card" meta kellna l-opportunità u ż-żmien kollu sabiex naraw li dan iseħħ. Kieku llum m'aħniex qed ngħidu li dan għad irid isir u huwa l-ewwel parti, it-tieni parti jew it-tielet parti. Kieku dan diġà sar, qegħdin nagħlqu din il-liġi.

Sur President, nagħlaq billi ngħid li fadal ħafna xi jsir u rridu nħarsu 'l quddiem. Għandna problema fil-ħiliet dwar il-komunikazzjoni, għandna bżonn nagħmlu sondaġġi dwar il-ħiliet u assessjar tal-ħiliet, meta għandna problemi tal-baby boomers fejn ħafna mill-ħaddiema f'dan is-settur se jkunu qed jispiċċaw. Dan ifisser li għad baqgħalna ħafna x'nagħmlu. Jien nibqa' ngħid li l-iskills card mhux f'dan is-settur biss, però f'diversi setturi oħra, hija essenzjali u hemm bżonn li tittieħed bis-serjetà. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ray Abela.

**ONOR. RAY ABELA:** Sur President, nixtieq nibda billi nirringrazzja lill-kuntratturi, lill-operaturi u lill-ħaddiema kollha li ltaqgħu magħna f'diversi postijiet, workshops u konferenzi waqt il-konsultazzjoni pubblika dwar din il-liġi li qed immexxu 'l quddiem bħala Gvern, permezz tal-Ministru responsabbli Stefan Zrinzo Azzopardi. Dan kien pass 'il quddiem biex ikun hemm konsultazzjoni ħalli verament nifhmu l-industrija u ma noħolqux stress fuq l-istess industrija.

Smajna ħafna diskors fuq l-iskills cards mill-Membri tal-Oppożizzjoni. Però tajjeb naraw verament fejn se twassal din l-iskills card. Se twassal biex isir assessjar jew biex isir taħriġ? Se nitkellem fuq dawn it-temi ħalli niftehmu sew x'qed nipproponu f'din l-industrija.

L-Onor. Stanley Zammit, f'isem l-Oppożizzjoni, qed iressaq din il-Mozzjoni fejn qed jelenka numru ta' miżuri sabiex jiġu kkonsidrati u integrati f'din il-liġi. Irridu nagħrfu l-fatt li biex tagħmel it-tali konsiderazzjonijiet li, fl-opinjoni

tiegħi, hemm minnhom tajbin, wieħed irid jikkonsidra wkoll ir-riżorsi u t-time frames sabiex l-industrija, l-operaturi u l-ħaddiema jiġu konformi ma' dawn il-proposti li hemm f'din il-Mozzjoni tal-Oppożizzjoni. Ma nistgħux nagħtu xokkijiet lil industrija ewlenija bħal din f'pajjiżna. Bħala Gvern qegħdin nadottaw qafas leġiżlattiv li fiż-żmien li ġej, pass wara pass, se jeħodna sabiex kull ħaddiem ikun akkreditat u ċċertifikat f'kull mestier li jaħdem fih. Id-dinja fil-qasam tax-xogħol miexja lejn dawn il-prinċipji u r-regoli. Għalhekk huwa importanti li nieħdu ħsieb li mmexxu 'l quddiem dawn ir-regolamenti. Permezz ta' dawn il-liċenzji li nidejna, fejn iffokajna fuq l-aktar tlieta li joffru l-akbar riskju fl-industrija, irridu ndaħħlu aktar responsabbiltà u aktar regoli f'dan is-settur.

Fil-ġimgħat li għaddew, bħala Gvern li huwa qrib kulħadd, għamilna konsultazzjoni pubblika u ddiskutejna man-nies kollha fis-settur. Irridu li kulħadd ikun involut għaliex nemmnu li flimkien għandna ndaħħlu aktar regoli u miżuri sabiex ngħollu l-livell u l-kondizzjonijiet tal-industrija. Dan huwa l-għan aħħari tagħna bħala Gvern. F'dak li qed nara fil-Mozzjoni tal-Oppożizzjoni qegħdin naqblu wkoll, għalkemm nemmen li huwa ftit tard meta l-Oppożizzjoni kellha ċ-ċans li tipparteċipa fil-konsultazzjoni li għamilna mal-istakeholders kollha fl-industrija.

Nibda biex ngħid li wara tant snin huwa Gvern Laburista li qiegħed jagħmel dan il-pass sabiex ikollna aktar regolamentazzjoni u liġijiet definiti fl-operat f'dan is-settur. Ilna għexieren ta' snin bl-istatus quo. Pereżempju, fir-rigward tal-liċenzja tal-bennejja, irrid nistaqsi lill-Oppożizzjoni: Possibbli f'25 sena fil-gvern qatt ma ħassejtu l-ħtieġa li ddaħħlu liġijiet, liċenzji u skills card f'dan is-settur?

F'dawn l-aħħar 30 sena l-industrija tant kibret li magħha żviluppaw snajja' ġodda, li jeħtieġu ħaddiema b'ħiliet b'saħħithom. Bħala Gvern ninsabu attivi sabiex indaħħlu aktar regoli sabiex fl-industrija u fuq il-lantijiet tax-xogħol jaħdmu nies li huma bl-esperjenza u kwalifikati. Dan ma japplikax biss għall-ħaddiema Maltin, imma wisq aktar għall-ħaddiema barranin. Irridu li jkollna aktar kwalità fil-ħiliet u, wara kollox, stock-take dokumentat tal-ħaddiema u l-ħiliet f'dan il-qasam. Għalhekk din is-sena se jkun il-punt ta' tluq tagħna fejn se naraw kuntratturi reġistrati u awtorizzati mill-BCA.

Se naslu għal-liċenzji mhux biss għall-kuntratturi li joperaw f'dan is-settur iżda wkoll fl-istess qafas leġiżlattiv ikun hemm ukoll il-liċenzja jew skills card għal kull min iħaddem. Lil hemm irridu nimirħu! Fil-Mozzjoni li ġiet imressqa m'hemm xejn li jista' jitqies ġdid u relevanti għal dak li bħala Gvern għamilna u li għandna ppjanat għal din l-industrija. Il-miri ta' fejn irridu naslu huma ċari. Bħalma għamilna fis-settur tal-ospitalità u t-turiżmu, l-istess irridu nagħmlu f'ħafna setturi oħra. Bla dubju, is-settur tal-kostruzzjoni huwa wieħed minnhom.

Din is-sena, bħala Gvern, għamilna l-ewwel pass biex nintroduċu l-liċenzja tal-kuntratturi għal dawk li jaħdmu fil-bini, fl-iskavar u fit-twaqqigħ f'din l-industrija. Ma nistgħux naħarbu niġru u nwettqu r-regolamenti ta' skills card u taħriġ li qegħdin nipproponu u li anke l-Oppożizzjoni, permezz ta' din il-Mozzjoni, qed taqbel magħna sa ċertu punt dwarhom. Il-Mozzjoni ssemmi lista ta' xogħlijiet li wħud minnhom lanqas jifformaw parti mil-lista tan-National Occupational Standards (NOS) li l-Awtorità għall-Kwalifiki ppubblikat fl-2021 sabiex jiġu identifikati dawk il-ħiliet kollha li jeżistu fl-industrija tal-kostruzzjoni.

Irridu nimxu mal-linja gwida ta' din l-Awtorità qabel ma naqbdu u nżidu l-ħiliet ġodda. Irridu naħdmu fuq ix-xogħlijiet tradizzjonali u wara nkomplu nżidu oħrajn. Irridu li jkollna sistemi u prattiċi f'posthom u ttestjar sabiex nimxu pass wara l-ieħor. Għalhekk irridu nassiguraw li fis-snin li ġejjin nimplimentaw sistemi ta' assessjar u taħriġ sabiex nirrikonoxxu l-ħiliet tal-ħaddiema kollha li jaħdmu f'diversi xogħlijiet f'dan is-settur.

Se nagħti eżempju biex ninftiehem aħjar. Jekk għandek ħaddiem jew operatur li jaħdem f'xogħol ta' skavar, bini, konkos jew scaffolding, dan irid ikollu skills card li fuqha jkun imniżżel li kapaċi jagħmel dawn ix-xogħlijiet speċifiċi kollha. Skills card tal-industrija ma tippermettix li tista' taħdem fi kwalunkwe xogħol u f'liema livell trid. Għalhekk irid ikun hemm pjan strateġiku f'dan ir-rigward. Dan irid isir wara li l-ħaddiem ikun għamel it-taħriġ neċessarju jew l-assessjar ibbażat fuq l-esperjenza u l-ħila ta' kull occupation. Dan jirrikjedi struttura u riżorsi ta' istituzzjonijiet edukattivi sabiex jippreparaw lill-ħaddiema kollha fis-settur. Tajjeb li nirrimarka li fl-industrija jaħdmu aktar minn 20,000 ħaddiem. Issa jekk dawn il-ħaddiema jridu tliet skills

differenti, dan ikun ifisser li rridu nagħtu taħriġ jew nassessjaw lil aktar minn 60,000 ħaddiem. Għalhekk jeħtieġ li nimxu pass pass u mhux kif qed tipproponi l-Mozzjoni mressqa mill-Oppożizzjoni.

Irrid nistaqsi lill-Onor. Stanley Zammit jekk għamilx eżerċizzju bażiku sabiex jistabbilixxi r-riżorsi li hemm bżonn meta semma elenku sħiħ ta' xogħlijiet f'din il-Mozzjoni li ressaq. Nikkwota ħiliet li huma diġà regolati u li ssemmew mill-Ministru u li hawn referenza għalihom fil-Mozzjoni, bħal dawk fl-użu tal-apparat teknoloġiku u tal-komunikazzjoni. Nafu li meta dan ix-xogħol isir, dan ikun ċertifikat min-network compliance engineer li huwa regolat. Fil-fehma tiegħi hemm il-ħtieġa li wara li nkunu ffokajna fuq il-ħiliet li qed nipproponu fil-liġi bħal dawk tal-bennejja, skavar u twaqqigħ, għandna nkomplu mexjin fuq ħiliet oħra u li għandhom x'jaqsmu b'mod dirett ma' din l-industrija, bħal xogħol ta' shuttering, konkos u scaffolding u armar. Ovvjament, intenni li kollox irid isir pass pass u mhux f'sena jew sentejn.

Kollox irid isir b'mod gradwali ħalli b'hekk nagħtu nifs u ċans lill-industrija tirregola lilha nnifisha u tagħti t-taħriġ lill-ħaddiema tagħna. Dan nistgħu nagħmluh ħalli waqt li qed nimplimentaw dawn il-miżuri, inkunu nistgħu nsostnu l-industrija minn fondi apposta ta' lifelong learning u upskilling għall-ħaddiema. B'hekk ikollna s-sostenibbiltà u l-għajnuna finanzjarja għal dak li qegħdin nitolbu u nipproponu. Għalhekk importanti li jkollna livelli differenti ta' ċertifikar bħal MQF 2, MQF 3 u MQF 4, ovvjament dejjem jiddependi mill-ħiliet ta' dak li jkun u skont fejn se jaħdem.

Bla dubju għandna bżonn, kif semmiet anke l-Oppożizzjoni, li niddefenixxu ħaddiem li għandu bżonn l-iskills card. Meta inti għandek bżonn l-iskills card, irridu niddeċiedu jekk hux se mmorru fuq it-taħriġ jew jekk hux se mmorru fuq l-assessjar. Il-Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), li hija l-Awtorità tal-Kwalifiki, diġà stabbilixxiet proċess li jissejjaħ Validation of Non-Formal and Informal Learning (VNFIL) fejn ħaddiem li għandu ħames snin, 20 sena jew 30 sena esperjenza jgħaddi minn dan il-proċess biex jingħata ċertifikat uffiċjali u l-iskills card. Dan huwa proċess li wieħed irid isegwi.

Sur President, nemmen li din il-Mozzjoni tal-Oppożizzjoni hija għaġġelija għax mhux qed tieħu inkonsiderazzjoni dan kollu. Jeħtieġ li nimxu b'kawtela ħalli ma nagħtux xokkijiet bla bżonn lill-kuntratturi u lill-ħaddiema kollha fl-industrija. Nemmen li din il-konsultazzjoni għandha tibqa' miexja 'l quddiem mhux biss f'din l-industrija, imma f'kull industrija. L-impenn tagħna bħala Gvern f'kull settur huwa li dak li nagħmlu jkun ġust ma' kulħadd, speċjalment mal-ħaddiema u mal-familji Maltin u Għawdxin. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Graziella Galea.

**ONOR. GRAZIELLA GALEA:** Sur President, illum qed nitkellmu dwar suġġett li diversi drabi kellna diskussjoni pubblika dwaru. Sfortunatament ikolli ngħid li l-aktar li jissemma huwa wara xi traġedja fejn persuna tkun tilfet ħajjitha jew inkella tkun weġġgħet gravi. Hawnhekk nirreferi għall-aħħar żewġ każijiet li kienu fatali, dak ta' Miriam Pace u dak ta' Jean Paul Sofia. Minn hawnhekk, għal darba oħra, noffri l-kondoljanzi lill-familja kollha.

Ovvjament kull mewt tħalli l-effetti tagħha. Għalhekk irridu naraw kif ċerti mwiet u traġedji jiġu evitati. Hija realtà li s-settur tal-kostruzzjoni jġib miegħu ċertu periklu b'mod awtomatiku u għalhekk irridu naraw li jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha possibbli biex kemm jista' jkun innaqqsu l-inċidenti. Huwa d-dover ta' kull wieħed u waħda minna li naraw li dawn il-prekawzjonijiet jittieħdu. Ovvjament, nagħmlu kemm nagħmlu regolamenti, irridu nammettu li se jkun hemm dejjem riskji. Però rridu nammettu wkoll li matul l-aħħar snin ir-riskju kiber b'mod sostanzjali. Ikolli ngħid li dan huwa riżultat tal-fatt li ma kienx hemm il-bidliet neċessarji fil-postijiet tax-xogħol f'din l-industrija. L-ebda regolament fuq il-karta mhu se jilqa' l-isfidi tal-lant tax-xogħol u allura rridu naraw li jkun hemm mhux biss regolamenti fuq il-karta, però regolamenti li jkunu mħarsa u effettivi.

Illejla kellna kummenti min-naħa tal-Gvern li qisu din hija l-ewwel darba li l-Gvern qed jara li jsiru regolamenti tal-bini bis-serjetà. L-Onor. Ray Abela għadu kif qal li l-Partit Nazzjonalista għamel 25 sena fil-gvern, però rrid infakkru li dan il-Gvern issa ilu kważi 12-il sena fil-poter u allura wieħed kien jistenna li ċerti miżuri jittieħdu qabel u mhux issa matul l-aħħar ġimgħat u xhur. Ta' min ifakkar ukoll li fil-passat kien hemm numru sostanzjali ta' inizjattivi fejn l-industrija tal-bini

kienet tiġi regolata b'mod tajjeb. Però matul l-aħħar snin jidher li t-tibdiliet ma laħħqux mal-bidliet li fil-fatt saru f'din l-industrija. Kellna realtajiet li biddlu wkoll il-ħteġijiet ta' din l-industrija. Pereżempju, sa snin ilu, li jien ma niftakarx, kien hemm il-proċedura li qabel tibni 'l fuq mill-qatran irid ikun hemm iċ-ċertifikazzjoni li l-pedamenti huma mibnija tajjeb u mbagħad stajt tkompli bil-binja.

Kien jiġi assigurat ukoll li r-regolamenti tas-sanità jkunu mhux biss applikabbli fuq il-karta imma wkoll fuq il-lant tax-xogħol. Jidher li matul is-snin din il-prattika ma baqgħetx tiġi implimentata. Kellna wkoll tibdil fil-mod kif nibnu. Pereżempju, illum hija proċedura normali li jinbena taħt il-livell tat-triq, ħafna drabi biex isir parkeġġ, liema prassi sa ftit tas-snin ilu ma kinitx issir. Barra minn hekk, matul l-aħħar snin rajna li binja m'għadhiex titla' sular, tnejn jew tlieta, però hija prassi li fejn hu permessibbli, u xi kultant anke fejn mhux, il-binja titla' erba' sulari jew aktar. Għalhekk, meta wieħed iħaffer u jinżel fil-fond, irid jara li jittieħdu ċerti prekawzjonijiet.

Hawn nirreferi għad-Development Control Design Policy, Guidance and Standards 2015 (DC 15) maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA) fis-sena 2015 fejn rajna tibdil fl-għoli li huwa permessibbli. Fejn qabel kellna l-prassi li jkollok numru ta' sulari, issa permezz ta' dan id-DC 15 għandna limitazzjonjiet ta' għoli li jitkejlu abbażi ta' għoli totali u mhux bis-sulari. Dan fisser li fejn qabel konna naraw binja b'ċerti sulari, issa l-istess binja jista' jkollha aktar sulari. Nafu wkoll li l-valur tal-art żdied matul l-aħħar snin, għaliex qegħdin jinbnew sulari taħt il-livell tat-triq permezz ta' tħaffir. Dan kollu fisser bidliet drastiċi fil-mod kif issir il-kostruzzjoni.

Sa ftit snin ilu kellna wkoll il-prassi li nibnu bil-ġebel tal-franka u soqfa tal-konkos li jingħataw fuq il-post tax-xogħol. Però matul l-aħħar snin rajna struttura li tkun mibnija fuq il-kolonni u t-travi tal-konkos, liema prassi bdiet tintuża l-aktar matul l-aħħar snin. Dan kollu fisser li l-industrija kibret, in-nies li jaħdmu f'dan is-settur żdiedu u x-xogħol varja min dak li kien isir qabel. Però jekk irridu nkunu onesti magħna nfusna, irridu naċċertaw li l-bennejja li qegħdin jibnu l-binjiet tagħna jkunu bennejja li mhux biss huma liċenzjati imma jafu wkoll l-industrija. Qed ngħid dan speċjalment meta qed naraw tant barranin jaħdmu f'dan is-settur li mhumiex imdorrijin bil-mod kif isir il-bini f'pajjiżna. Xi kultant lanqas ikunu messew mas-settur tal-kostruzzjoni fil-pajjiż fejn kienu joqogħdu. Matul l-aħħar snin din l-industrija bdiet tirrendi aktar flus u allura aktar persuni qed ikunu mħajra li jidħlu jaħdmu f'dan is-settur.

Mhux hekk biss, imma rridu naraw li l-awtoritajiet li huma responsabbli biex jikkontrollaw dak li jkun għaddej fuq il-lant tax-xogħol verament ikollhom biżżejjed ħaddiema biex jagħmlu dan l-infurzar. Inkella se jkun qed ifisser li l-kontroll ma jkunx effikaċi kemm suppost. Irrid nistaqsi: Kemm hemm persuni li qegħdin jaħdmu mal-BCA? Kemm minn dawn il-persuni huma midħla tal-lantijiet tax-xogħol? Kemm hemm persuni li qegħdin jaraw li x-xogħol ikun regolat? Dawn l-istess persuni qegħdin iwettqu xogħol privat fl-istess industrija? Nemmen li jekk dawn il-persuni jkunu mħallsin tajjeb, dawn m'għandhomx għalfejn jipprattikaw xogħol privat f'din l-istess industrija.

Fil-proposta li qiegħda tressaq l-Oppożizzjoni qegħdin ngħidu li l-perit u l-inġinier li jkunu fuq il-bord li se jkun responsabbli mill-għoti ta' liċenzji għandu jkollhom għaxar snin esperjenza tax-xogħol u, aktar importanti minn hekk, dawn ma jkunux jipprattikaw il-professjoni tagħhom b'mod privat. Dawk il-persuni li se jkunu qed jaħdmu mal-BCA għandhom jimxu wkoll bl-istess mod sabiex jikkontrollaw dak li jkun għaddej fuq il-lantijiet tax-xogħol.

Nemmen li dawk kollha li għandhom xi rwol biex jassiguraw li jkun hemm kontroll f'din l-industrija tal-bini għandhom jikkordinaw il-funzjoni regolatorja tagħhom sabiex verament ikun hemm persuni responsabbli u mhux sitwazzjoni fejn ħadd ma jkun responsabbli. Biex dan iseħħ, l-istess persuni jridu jagħmlu spezzjonijiet frekwenti u jkunu mħarrġa għar-realtà ġdida li għandna quddiemna. Naħseb li f'dan is-sens il-Building and Construction Consultative Council (BCCC), li dan il-Parlament tkellem dwaru numru ta' xhur ilu, għandu jibda jidħol fil-kordinazzjoni tal-funzjonijiet differenti li huma meħtieġa biex tiġi assigurata aktar dixxiplina.

Sur President, proprju lbieraħ f'din il-Kamra kelli risposta parlamentari li kienet tgħid li hemm 1,233 applikazzjoni għal-liċenzjar ta' awtorizzazzjoni għat-twaqqigħ, 806 applikazzjonijiet għal-liċenzjar ta' skavar u 1,754 applikazzjoni għal-liċenzjar tal-bini. Ikun

interessanti li din l-informazzjoni tivverifika kemm minn dawn applikaw għal aktar minn liċenzja waħda biex b'hekk inkunu nafu kemm hemm persuni involuti fis-settur tal-kostruzzjoni.

Madanakollu, hu x'inhu n-numru ta' persuni li applikaw għal tali liċenzji f'aktar minn xogħol wieħed, żgur li hemm aktar ħaddiema involuti fil-kostruzzjoni. Dan għandu jwassalna biex naraw li l-ħaddiema jkollhom xi forma ta' taħriġ qabel ikunu fuq il-lant tax-xogħol. Għandna naraw ukoll li dawk li jitħajru jidħlu f'dan il-qasam minn issa 'l quddiem iridu jkunu mħarrġa sew għal dak li jkunu se jiġu liċenzjati għalih. Biex nagħlaq, ejja naqblu li jekk irridu infurzar tar-regolamenti, huwa tajjeb li kulħadd ikun liċenzjat. Però ejja naqblu wkoll li ċerta burokrazija żejda u funzjonijiet burokratiċi li ma jwasslu mkien għandhom jinbidlu biex inkunu aktar prattiċi. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Katya De Giovanni.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, illum qegħdin niddiskutu din il-Mozzjoni tal-Oppożizzjoni. Il-Malti jgħid: Aħjar tard milli qatt! Irrid ninnota li meta kien hemm perjodu twil ta' konsultazzjoni pubblika, l-Oppożizzjoni kienet nieqsa mid-dibattitu li kien għaddej fil-pajjiż dwar il-liċenzja tal-kuntratturi. Ninnota li l-Oppożizzjoni hija fil-fatt sodisfatta li l-kuntratturi fl-industrija tal-kostruzzjoni għandu jkollhom liċenzja sew jekk qegħdin iwaqqgħu, sew jekk qed itellgħu bini, kif ukoll jekk qegħdin jiskavaw. L-Oppożizzjoni qiegħda tgħid li dan kollu ġara wara snin twal fejn is-settur tħalla mingħajr ebda tip ta' regolamentar u kontroll. L-Oppożizzjoni qiegħda saħansitra tinkoraġġixxi lill-Gvern sabiex joħloq National Occupational Standards u jabbina magħhom skills card.

Dan kollu jfisser li għandu jsir eżerċizzju fuq skala nazzjonali fejn naraw liema huma l-ħiliet li għandu jkollhom in-nies li jaħdmu fis-settur u nistipulawhom flimkien mal-entitajiet ikkonċernati, fosthom anke dawk edukattivi. Imbagħad isir eżerċizzju ta' assessjar man-nies kollha li jaħdmu fis-settur biex naraw fiex qegħdin dawn il-ħiliet sabiex tinħareġ l-iskills card. Skont din l-iskills card persuna mbagħad issibha aktar faċli sabiex tkompli t-taħriġ li tkun trid tagħmel u min iħaddem isibha aktar faċli li jimpjega lin-nies skont x'ikollu bżonn.

Nemmen li l-pass li jmiss huwa li jissaħħu r-regolamenti dwar min għandu jkollu l-iskills card u li nsaħħu l-qafas ta' kif tikseb l-iskills card. Din hija bidla li jeħtieġ li tibda, iżda li teħtieġ żmien u koperazzjoni mill-istituzzjonijiet kollha edukattivi li jkunu qegħdin joffru t-taħriġ meħtieġ. L-Oppożizzjoni qiegħda tgħid li hija sodisfatta bl-eżerċizzju ta' konsultazzjoni estensiv li sar li hija kienet assenti minnu. Iżda qed tgħid ukoll li l-Gvern injora ċerti suġġerimenti mingħajr mhu qed tgħidilna liema huma s-suġġerimenti injorati. Il-parir tiegħi hu li jgħidulna liema kienu dawn is-suġġerimenti u mhux iħallu kollox fl-arja.

Daqstant ieħor ma jistgħux joħorġu b'suġġerimenti meta ma kkonsultawx ma' min qiegħed jaħdem fis-settur. Meta nitkellmu ma' min hu involut fis-settur, jgħidulna li ħadd mill-Oppożizzjoni ma tkellem magħhom. Li jkollok settur regolat huwa tajjeb ħafna, iżda r-regolamenti li jiġu proposti jridu jiġu minn rispons li jagħtuk in-nies fis-settur. Din hija regola bażika. Dan għaliex jekk tivvinta r-regolamenti minn żniedek se jkollok reżistenza kbira u kif jgħidu bl-Ingliż: No one will own it. Anzi, se jkollok min jagħmel bil-kontra apposta.

Min segwa d-diskors li għamilt jien stess fuq dan is-settur meta konna qed niddiskutu l-Baġit, jaf li jien għedt ċar u tond, u nikkwota:

> "Bidla bħal din kienet tirrikjedi ppjanar bil-għaqal u rieda tajba bħalma tirrikjedi l-bidla fl-istandards fis-settur tal-kostruzzjoni li qed jagħmel proprju dan il-Gvern. Tirrikjedi wkoll l-involviment ta' kulħadd u ta' ċertu hand-holding sakemm naslu."

Ma tistax tmur b'kultura fejn timponi u ma tikkonsultax, għax m'inti se tasal imkien. Anzi, se jkollok ħafna reżistenza. Aktar minn hekk, hemm bżonn kampanja sħiħa ta' informazzjoni sabiex il-pubbliku inġenerali jgħin f'din it-trasformazzjoni. Għandna bżonn l-għajnejn, il-widnejn u l-fehmiet ta' kulħadd. Irridu nisimgħu lil kull ċittadin ta' rieda tajba li jixtieq li nagħmlu l-bidliet għall-ġid li minnhom se jgawdi kulħadd.

Sur President, għalhekk il-bżonn li wieħed jikkonsulta huwa essenzjali. Infakkar li bħalissa qed isir eżerċizzju ieħor ta' konsultazzjoni fejn il-Gvern qed jiddiskuti mal-kumpaniji tal-assigurazzjoni fuq is-settur. Fil-fatt, il-proposta li jkun hemm employers' liability insurance fil-

proċess tal-liċenzjar tal-kuntratturi wasslet għal diskussjoni wiesgħa li għadha għaddejja bejn il-Gvern u min jassigura. Dan huwa dak li rridu; kuntatt kontinwu ma' min jaħdem u jifhem fis-settur.

Tajjeb li nispjega ftit x'inhi din l-assigurazzjoni. Din tassigura li jekk, sfortunatament, ħaddiem iweġġa' fuq il-post tax-xogħol, min iħaddem ikollu polza ta' assigurazzjoni li tagħmel tajjeb għad-danni li jsofri l-ħaddiem. Lil hemm irridu nersqu. Hawnhekk qed naraw sitwazzjoni fejn l-impjegat ikollu s-serħan il-moħħ li jekk jiġrilu xi ħaġa, se jkollu l-wens hu u l-familja tiegħu. Min-naħa ta' min iħaddem se jkollu moħħu mistrieħ ukoll filwaqt li jassigura li s-saħħa u s-sigurtà tkun tal-ogħla kwalità. Dan għaliex ebda kumpanija tal-assigurazzjoni mhi se tħallas jekk inċident ikun ġara bi traskuraġni. Mela kif qegħdin naraw, għandna sitwazzjoni li minnha se jgawdi kulħadd, filwaqt li l-istandards se jogħlew.

Fuq dan il-punt preċiżament nixtieq li l-Gvern jagħmel sforz sabiex jibda jiddiskuti proċess mal-imsieħba soċjali sabiex għal kull ħaddiem f'Malta, irrispettivament mill-post tax-xogħol, ikun hemm obbligu ta' din il-liability insurance. Għandna ftit wisq min jagħmilha f'pajjiżna u din tista' sservi ta' ħafna ġid. Il-ħaddiema ħaqqhom li l-employer li jħaddimhom jieħu ħsiebhom, mhux biss bħala riżors uman prezzjuż għall-entità tiegħu jew tagħha, iżda anke fuq bażi umanitarja. Li jiġri ħafna drabi hu li meta jseħħ inċident l-impjegati jduru kontra min iħaddimhom, u jekk dawn ma jkollhomx flus, min isofri minn inċident jibqa' mingħajr kumpens. Din mhijiex sitwazzjoni aċċettabbli f'pajjiżna. Imxejna ħafna 'l quddiem fejn jidħlu drittijiet ċivili, iżda fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà nistgħu naħdmu aktar.

Sur President, irrid insostni li din l-assigurazzjoni se tagħti serħan il-moħħ lil min jimpjega u għalhekk għandu minn jeddu jfittex li jagħmel din it-tip ta' assigurazzjoni. Però huwa xogħol il-Gvern li jidħol f'diskussjonijiet mal-ħaddiema u ma' min iħaddem sabiex jiffaċilita dan il-proċess u jagħti serħan il-moħħ.

Fid-diskors tal-Estimi diġà aċċennajt għall-importanza tal-psikoloġija applikata fuq id-dinja tax-xogħol, liema settur nispjeċjalizza fih. Se nitkellem ftit fuq change management. Quddiemna għandna sitwazzjoni li tirrikjedi bidliet u l-immaniġġjar tagħhom b'għaqal u b'kawtela kbira. Fil-fatt, meta nħarsu lejn change management, wieħed jara proċess sħiħ li jrid isir. Il-punt tat-tluq huwa eżaminazzjoni bir-reqqa biex wieħed jara fejn qiegħed, jieħu stock-take tas-sitwazzjoni u jara x'inhu l-ħsieb tal-imsieħba li għandhom rwol fix-xenarju.

Hawnhekk qed nirreferi mhux biss għall-periti, għall-inġiniera, għall-kuntratturi u għall-bennejja, iżda għal ħafna nies oħrajn bħal dawk li jagħmlu xogħlijiet ta' finitura, bħalma huwa l-invjar, it-tikħil, it-tibjid, it-tqegħid ta' madum, waterproofing u xogħlijiet oħra ta' servizzi ta' bini, bħalma huma stallazzjoni, manutenzjoni, tiswija u tneħħija ta' servizzi mekkaniċi, elettriċi, ta' gass, ta' arja kondizzjonata, ta' arja kompressa, idrawliċi, telekomunikazzjoni u apparat tat-teknoloġija informatika. Għandhom isiru laqgħat biex titqajjem kuxjenza għall-fatt li l-bidla f'dan is-settur kienet wara l-kantuniera u li kienet, iva, prijorità għall-Gvern li għandha sseħħ. Bħala Gvern għamilna mezz biex min hu impjegat f'dan il-qasam jieħu t-taħriġ kollu meħtieġ.

Sur President, fejn jidħlu t-tibdiliet, ir-riċetta għas-suċċess hija fil-verità sempliċi, iżda tirrikjedi ħafna xogħol iebes fejn, kif diġà għedt, wieħed irid l-ewwel jisma', imbagħad jgħarbel u fl-aħħar iwettaq. Bħala Gvern Laburista dan hu dak li qegħdin nagħmlu; qegħdin nimxu id f'id maċ-ċittadini, mal-imsieħba u ma' kull min għandu interess li jara l-progress u kwalità għolja f'dan is-settur f'pajjiżna. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-ħin li fadal huwa kollu għall-Oppożizzjoni. Aktar rimarki? L-Onor. Toni Bezzina.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, naħseb li jekk ma naqblu f'xejn illejla, naqblu żgur li l-industrija tal-kostruzzjoni hija waħda mill-pilastri prinċipali tal-ekonomija ta' pajjiżna u li ħafna ħaddiema, bħall-ħaddiema tal-id, professjonisti u negozjanti jaqilgħu l-għajxien tagħhom minnha. Mid-diskorsi li saru, il-Membri tal-Gvern bilkemm mhumiex qegħdin jagħtu l-impressjoni li l-Oppożizzjoni ma taqbilx mar-regolar u l-liċenzjar tal-kuntratturi.

Bil-kontra, l-Oppożizzjoni qed tipprova ttejjeb l-Avviż Legali li ħareġ il-Gvern ħalli jkun aħjar. Dak huwa d-dmir tal-Oppożizzjoni. Kull wieħed u waħda minna għandna l-obbligu li kull min jaħdem f'din l-industrija ma jweġġax waqt li jkun qed jagħmel xogħlu u waqt li jkun qiegħed jaqla'

l-ħobża ta' kuljum għall-familja tiegħu. Fl-istess ħin irrid insemmi punt li, sfortunatament, illejla ħadd ma semma. Irridu nassiguraw ukoll li min joqgħod biswit siti tal-kostruzzjoni jkollu moħħu mistrieħ li jkun f'daru mingħajr ma jinqala' l-ebda inċident bħalma, sfortunatament, kellna tul dawn l-aħħar għaxar snin.

Qabelxejn nixtieq infakkar lin-naħa tal-Gvern f'dak li sar minn Gvernijiet Nazzjonalisti. Nerġa' ngħid, il-Gvern bilkemm mhux jagħti l-impressjoni li meta konna fil-gvern m'għamilna xejn. L-ewwel Abbozz ta' Liġi li ħareġ proprju fuq dan kien f'Novembru tas-sena 2011 meta Gvern Nazzjonalista kien ħareġ il-Building Regulation Act. Però, sfortunatament, Gvern Laburista għal diversi snin m'għamel xejn. Irrid ngħid li tul is-snin kien jidher li x-xogħol tal-kostruzzjoni kien qed jiżdied, imma l-isfortuna kienet li n-nies tas-sengħa kienu qed jonqsu.

Għalhekk kien hemm il-bżonn li l-Gvern jintervjeni biex kull min ikun involut f'dan ix-xogħol ikun liċenzjat u klassifikat. Il-Gvern iddeċieda li jagħmel xi ħaġa wara diversi inċidenti li nqalgħu. F'Ġunju 2019, jiġifieri wara li l-Gvern Laburista kien diġà ilu sitt snin fil-gvern, niftakar li kien waqqaf ix-xogħol kollu fil-kostruzzjoni u kien ħareġ l-Avviż Legali 136 tal-2019. Però nixtieq infakkar li dak iż-żmien l-Oppożizzjoni ma qagħditx b'idha fuq żaqqha u m'għamlet xejn, imma ressqet diversi proposti, li se nelenkahom fil-ftit ħin li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi. Kieku erba' snin ilu l-Gvern daħħalhom fis-seħħ, konvint li ċerti inċidenti setgħu ġew evitati.

Waħda mill-proposti kienet li tkun inforzata l-liġi. Inutli ndaħħlu liġijiet f'dan il-Parlament, għax jekk ma jiġux inforzati, ma jkollhom l-ebda saħħa. Iż-żmien tana parir li ċerti liġijiet li għandna mhumiex jiġu inforzati jew m'hemmx biżżejjed nies biex jaraw li jiġu inforzati. Huwa fid-dover tal-Istat li jara kif jipprovdi l-mezzi kollha neċessarji biex il-liġijiet jiġu inforzati. Dak iż-żmien, fl-2019 u mhux issa fl-2023, konna għedna li kellu jsir reġistru tal-kuntratturi li fih tkun klassifikata kemm il-kompetenza kif ukoll il-ħila ta' kull servizz li kull kuntrattur joffri.

Nerġa' ngħid, meta tisma' lill-Membri tan-naħa l-oħra, bilkemm ma taħsibx li l-Oppożizzjoni m'għamlet xejn u mnalla issa l-Gvern qed jipprova jagħmel xi ħaġa! Dak li ressaq il-Gvern fl-Avviż Legali li ħareġ ilu jiġi propost 'il fuq minn erba' snin min-naħa tal-Oppożizzjoni. L-isfortuna hi li meta l-Oppożizzjoni tippreżenta jew tressaq xi proposta li tkun ta' ġid għal dan in-nazzjon, il-Gvern jagħmel sentejn, tlieta, erbgħa jkaxkar saqajh biex imbagħad idaħħalha, biex bħallikieku jidher li l-Oppożizzjoni mhu qed tagħmel xejn u dak kollu li jsir huwa bis-saħħa tal-Gvern.

Konna pproponejna wkoll li jkun hemm l-għarfien kollu neċessarju fuq l-inforzar dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq siti ta' kostruzzjoni. Dak iż-żmien, fl-2019, kien hemm il-Building Regulations Office (BRO), illum il-Building and Construction Authority (BCA), li hija l-awtorità responsabbli, fejn konna pproponejna li jkollha r-riżorsi neċessarji, jiżdidilha l-baġit u jiżdidulha l-faċilitajiet biex tkun tista' taqdi dmirha. Inutli kulħadd igerger għax ma titteħidx azzjoni, għax jekk m'għandekx riżorsi biex tieħu azzjoni, ma tistax teħodha. Għalhekk huwa fid-dmir tal-Istat li jipprovdi r-riżorsi, il-baġit u l-faċilitajiet kollha biex fejn ikun hemm bżonn tittieħed azzjoni.

Konna pproponejna wkoll li ssir konsultazzjoni mal-MCAST u mal-Università biex naraw x'nuqqasijiet hemm ta' ċerti ħiliet biex dawn jiġu mgħallma u l-qasam tal-kostruzzjoni jingħata dawk il-ħiliet kollha neċessarji biex ikun jista' jimxi 'l quddiem. Konna pproponejna wkoll li jkun hemm appoġġ lil dawk milquta. Ġraw inċidenti fejn kien hemm min anke tilef daru u dam sena, sentejn biex jingħata l-għajnuna. Bħala Oppożizzjoni konna pproponejna li l-għajnuna tingħata b'mod immedjat, inkluż għajnuna psikoloġika u materjali biex min ikun bi kwietu f'daru u jsofri konsegwenza ta' inċident, ma jibqax isofri x-xhur, ġieli s-snin, biex jieħu rimedju. Però, sfortunatament, erba' snin ilu l-Gvern naqas li jieħu dawn il-proposti on board. Huwa tajjeb li llum qed iressaqhom fl-Avviż Legali, però naħseb illi kieku daħlu erba' snin ilu, konna nagħmlu aktar ġid lis-settur.

Irrid ngħid ukoll li l-Partit Nazzjonalista ma kienx l-unika entità li ressqet diversi proposti f'dan il-qasam. Il-Malta Developers Association (MDA) u l-Kamra tal-Periti ressqu diversi proposti. Jekk wieħed imur fl-2019 isib li f'Ġunju waqaf ix-xogħol u ħareġ l-avviż legali u l-Kamra tal-Periti kienet ikkommettiet lill-Gvern b'letter of commitment li jimplimenta diversi riformi fil-liġi li tirregola din l-industrija sa Ottubru ta' dik is-sena. Issa diġà għaddew aktar minn erba' snin u ċerti emendi li kien hemm

bżonn f'din il-liġi, sfortunatament, għadhom ma daħlux fis-seħħ.

Xahar qabel ma ħareġ l-Avviż Legali l-Kamra tal-Periti kienet proattiva u ppubblikat dokument intitolat *A Modern Building and Construction Regulation Framework for Malta* li ġie ppreżentat liż-żewġ naħat tal-Kamra f'Mejju 2019. Dan kien fih diversi prinċipji bażiċi, fosthom li jkun hemm ġbir ta' diversi funzjonijiet, li llum jaqgħu taħt xejn inqas minn 24 dipartiment u awtorità tal-Gvern, taħt entità waħda, l-implimentazzjoni ta' sett ta' regolamenti ġodda dwar il-bini u l-kostruzzjoni li jimxu fuq l-istess direzzjoni ta' pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea u t-taħriġ, ir-reġistrazzjoni, il-liċenzjar u l-klassifikazzjoni tal-kuntratturi u tal-ħaddiema tal-id li huma involuti f'din l-industrija. Li kieku bdejna erba' snin ilu, naħseb illum il-proċess kollu kien ikun lest u mhux għad irid jibda. Hija ħaġa tajba li fl-aħħar bdejna, imma kieku bdejna erba' snin ilu, illum diġà qed nieħdu r-riżultati.

Fuq kollox, il-Kamra tal-Periti kienet talbet ir-revoka tal-Avviż Legali 136 tal-2019. Dan biex jerġa' jiġi formulat avviż legali aħjar li jindirizza u jolqot il-bżonnijiet li għandu dan is-settur. Ta' min jgħid li waqt ix-xhieda tiegħu waqt l-inkjesta pubblika dwar il-mewt ta' Jean Paul Sofia, il-President tal-Kamra tal-Periti stqarr li, sfortunatament, il-proċess miexi bil-mod wisq. Fil-fatt, il-Kamra għamlet din il-kritika, imma poġġiet ukoll ċerti proposti, fosthom li l-kuntratturi jkollhom professjonist li jgħinhom biex jeżegwixxu x-xogħol u jirrikonoxxu x'kapaċitajiet għandhom u m'għandhomx il-ħaddiema. Naħseb li wasal iż-żmien li nħaffu l-proċess biex nipprovaw nevitaw kemm jista' jkun l-inċidenti.

Sur President, għalkemm l-industrija tal-kostruzzjoni tikkontribwixxi b'mod qawwi għall-Prodott Domestiku Gross (GDP) ta' pajjiżna, sfortunatament, din l-industrija għadha mhijiex regolata kif suppost. Il-Gvern irid juri aktar impenn biex b'mod urġenti nintroduċu r-riformi kollha neċessarji ħalli min ikun jgħix viċin siti ta' kostruzzjoni jkun jista' jgħix f'daru b'serħan il-moħħ u bla biża' u fl-istess ħin kull ħaddiem ikun jista' jaqla' x'jiekol minn din l-industrija b'serħan il-moħħ li mhux se jweġġa' fuq il-post tax-xogħol. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Rebekah Borg.

**ONOR. REBEKAH BORG:** Sur President, xi ħaġa li dejjem ngħid meta nitkellmu fuq is-settur tal-kostruzzjoni hija li, sfortunatament, l-aċċidenti jistgħu jiġru imma l-inċidenti jistgħu jiġu evitati. Irridu nifhmu li s-siti ta' kostruzzjoni minnhom infushom huma perikolużi u, sfortunatament, l-aċċidenti jista' jkun li jkomplu jseħħu, imma l-inċidenti m'għandhomx għalfejn jibqgħu jiġru. Għalhekk qegħdin nagħmlu dan id-dibattitu; biex niżguraw li s-siti ta' kostruzzjoni jiġu liċenzjati b'nies imħarrġa u aktar bil-għaqal fuq il-post tax-xogħol ħalli huma stess jaħdmu b'serħan il-moħħ.

Dak li jinkwetani b'mod ġenerali fuq il-liġi huwa l-frammentazzjoni li teżisti f'dan is-settur, kemm tal-ippjanar kif ukoll tal-kostruzzjoni. Ħalli nipprova nagħti analoġija sempliċi. Fil-logħba tal-Jenga għandek blokka fuq blokka u meta tiġbed blokka minn taħt jista' jkun li din tagħmel distabilizzazzjoni tal-istruttura kollha, u jista' jkollok anke kollass tal-istruttura. L-istess sit ta' kostruzzjoni. L-istess ukoll huwa l-qafas legali.

Lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar ngħidlu prosit li qabbad numru ta' studenti mill-Università ta' Malta biex jagħmlu kompendju tal-liġijiet li jirregolaw il-kostruzzjoni f'Malta. Dan huwa pass pożittiv, għax fejn hu tajjeb irridu ngħidu li hu tajjeb. Dan l-eżerċizzju elenka numru ta' liġijiet li fihom provvedimenti fuq il-kostruzzjoni. Hemm il-Kodiċi Ċivili, il-Police Laws, l-Avoidance of Damage to Third Party Property Regulations u Work Equipment (Minimum Safety and Health Requirements) Regulations.

Hemm 'il fuq minn 15-il regolament li fihom provvedimenti li jirrigwardaw il-kostruzzjoni u kollha jsemmu l-liability u l-provvediment speċifiku fejn għandek id-dettalji li inti obbligat li ssegwi. Issemmihom biss dawn il-liġijiet ukoll hija xi ħaġa twila, u fil-fatt ma stajtx insemmihom kollha minħabba l-ħin, aħseb u ara kif in-nies fuq is-sit ta' kostruzzjoni u l-professjonisti li jaħdmu f'dan is-settur se jkunu jafu xi provvedimenti fihom dawn il-liġijiet.

Dan biex ma nsemmux il-fażi ta' qabel il-kostruzzjoni li tinvolvi l-ippjanar u allura fejn għandek ukoll il-liġijiet tal-ippjanar. Issa għandna liġi oħra li se tirregola l-liċenzjar tal-kuntratturi. Ma rridx niġi interpretata ħażin. Din il-liġi li daħħal il-Gvern hija tajba u bħala Oppożizzjoni qed nibnu fuqha permezz ta' din il-

Mozzjoni li ressaqna. Però rridu nieqfu nsoddu t-toqob tal-liġijiet billi nżidu liġi fuq oħra mingħajr ma jkollna stampa ġenerali tal-liġijiet. Irridu nibdew mill-qiegħ nett naraw fejn hemm provvedimenti konfliġġenti, naraw fejn m'hemmx biżżejjed dettalji jew dettalji żejda u ngħaqqduhom kollha flimkien. Irridu naraw il-professjonisti kollha f'dan is-settur jaħdmu id f'id.

Naf li din hija biċċa xogħol enormi, jiġifieri mhux qed ngħid li hija xi ħaġa faċli, imma kieku bdejna naraw dawn il-liġijiet qabel ma bdiet tinqala' din il-konfużjoni fuq is-siti ta' kostruzzjoni, kieku llum qegħdin f'sitwazzjoni differenti ħafna u forsi setgħu ġew evitati ċerti inċidenti. Minflok, sfortunatament, erġajna żidna liġi oħra li, nerġa' ngħid, li hija pożittiva, imma li qed tiżdied fuq il-qafas li diġà hemm. Għalhekk nappella lill-Ministru biex fl-industrija tal-kostruzzjoni jkun hemm riforma li hemm għajta kbira għaliha mill-professjonisti, mill-bennejja u minn kull min jaħdem fis-settur. Għal darba oħra nfakkar li dan il-kompendju huwa xi ħaġa pożittiva, imma mhuwiex biżżejjed. Naf li hemm passi li għandhom jittieħdu, imma għandna bżonnhom malajr kemm jista' jkun.

Kif diġà semmejt, hemm ċerti liġijiet li żmienhom għadda. Hemm liġijiet bħal, pereżempju, il-Kodiċi Ċivili li ilu mill-1870, jiġfieri minn żmien Sir Adrian Dingli, u se naqbad fuq punt wieħed biss li huwa l-provvediment tal-famużi żewġ piedi u nofs. Hemm sitwazzjonijiet fuq siti li jekk iżżomm iż-żewġ piedi u nofs, u din ngħidha b'responsabbiltà, hija aktar perikoluża. Forsi wasal iż-żmien li nħarsu lejn dawn il-provvedimenti li ilhom mill-1870 u naraw li fejn it-teknoloġija u l-prattika fuq is-siti nbidlu, dawn il-provvedimenti jiġu aġġornati b'mod ħolistiku.

Sur President, hawnhekk nixtieq nitkellem fuq kwestjoni oħra fil-qafas tagħna bħala leġiżlaturi Forsi wieħed jgħidli li qed nidħlu f'ċerta teknika, imma jekk ma nidħlux fit-teknika tal-liġi hawn ġew, min se jagħmel dan? Nafu li jekk tbiddel kelma, tista' tbiddel it-tifsira kollha tal-liġi, liema tifsira tista' tagħmel differenza fil-ħajja ta' dak li jkun, f'dan il-każ, fil-ħajja tan-nies fis-siti ta' kostruzzjoni u terzi ta' ħdejhom. Għalhekk hawnhekk nixtieq nagħmel punt aktar wiesgħa. Għandna liġijiet li huma dettaljati u liġijiet li huma aktar vagi. Li tkun vag fil-liġijiet mhijiex xi ħaġa ħażina. Trid tafda fil-Ġudikatura li jagħmlu l-interpretazzjoni tagħhom tal-liġijiet b'mod tajjeb.

Però, kultant, jekk tkun dettaljat ikollok il-problemi għax ċerti ċirkostanzi ma tiġix kopert għalihom. Nemmen li fil-liġijiet tas-settur tal-kostruzzjoni qed noqorbu aktar lejn id-dettaljat iżżejjed. Għalhekk għandna nikkonsidraw u naraw fejn għandna nitkellmu fid-dettall u fejn forsi ċerti affarijiet għandhom isiru aktar minn aspett ta' linji gwida u policies. Kif ġieli qed jiġri, f'dan is-settur qed indaħħlu liġijiet li kważi jkun għadda żmienhom mill-ewwel. Għalhekk irridu nsibu dak il-bilanċ bejn id-dettaljat iżżejjed u li liġi tkun vaga żżejjed li mbagħad nitilfu l-iskop tagħha.

Niġi għall-mozzjoni li llum qegħdin nitkellmu dwarha li ġiet ippreżentata min-naħa tal-Oppożizzjoni permezz tal-Onor. Stanley Zammit. L-ewwel nett, nixtieq nirringrazzja lill-Onor. Zammit li għamel xogħol tajjeb ħafna fuq din il-mozzjoni u b'mod ġenerali fis-settur tal-ippjanar u l-kostruzzjoni. Huwa sema' x'qed jgħidu l-professjonisti u n-nies kollha involuti fis-settur. Ħafna mill-kollegi diġà tkellmu fid-dettall fuq il-mozzjoni, imma hawn nixtieq nagħmel punt wieħed. Il-liġi li ġiet ippreżentata min-naħa tal-Gvern issemmi tliet fażijiet, li huma t-twaqqigħ, l-iskavar u l-bini. Bħala Oppożizzjoni morna lil hinn minn hekk u semmejna, pereżempju, il-building services.

Jien, bħala building services engineer, ma naqa' fl-ebda waħda minn dawn il-kategoriji li semma l-Gvern u għalhekk għandna nwessgħu l-kategoriji differenti li għandhom jiġu liċenzjati. Insemmi, pereżempju, l-elettriku u d-drenaġġ, fejn kollox għandu jsir b'ċertu standard. Meta tiġi għas-siti ta' kostruzzjoni, ma nistgħu qatt ngħidu li l-ebda fażi ta' kostruzzjoni m'għandha tkun taħt ċertu livell ta' kwalità. Huwa għalhekk li qegħdin inressqu din il-mozzjoni; biex ngħollu l-istandards f'kull parti tal-proġett ta' kostruzzjoni.

Smajt kummenti min-naħa l-oħra li dan huwa pass mgħaġġel wisq, imma mid-dehra qed jaqblu magħna. Qed jgħidu li din hija mozzjoni tajba u allura mhux qed nifhem eżatt għax mhux qed jaqblu magħha. Però, li tgħolli l-istandards qatt mhi xi ħaġa ħażina. Min ma jaqbilx ma' din il-Mozzjoni, mhux qed jaqbel li jkollna standards aħjar. Forsi ngħidu li l-liċenzjar ma jistax isir f'daqqa fil-kategoriji kollha. Kollox sew. Kulħadd jaf! L-avukati f'din il-Kamra

jispjegawli li kull provvediment jista' jiġi mdaħħal f'ħinijiet differenti. Ejja nibdew ħalli ndaħħlu l-provvedimenti meħtieġa ħalli l-industrija jkollha moħħha mistrieħ għall-futur. Pereżempju, jekk nieħdu l-liċenzjar għall-building services, m'hemmx bżonn indaħħluha issa, imma għall-inqas l-industrija tkun taf x'inhu ġej. Illum għandek Gvern li jdaħħallek liġi f'daqqa. Bħala Oppożizzjoni qed ngħidu li rridu nippjanaw għall-futur.

Sur President, f'din il-Mozzjoni hemm ħafna fatturi oħra importanti li nappella lill-Gvern li jikkonsidrahom. Nispera li ma nħarsux lejn din il-Mozzjoni mil-lenti partiġjana. Din hija importantissima għas-settur tal-kostruzzjoni u, kif rajna, tista' tagħmel id-differenza għall-ħajja jew mewt ta' dak li jkun. Jekk toħroġ xi ħaġa waħda minn din id-diskussjoni kollha, nerġa' nappella lill-Ministru li jara li jkun hemm reviżjoni legali fis-settur kollu ħalli ma nkomplux inżidu liġi fuq oħra u jkollna aktar frammentazzjoni tal-liġi. Ejja nkomplu naħdmu flimkien. Ejja ma mmorrux kontra l-mozzjoni tal-Oppożizzjoni sempliċement għax tressqet mill-Oppożizzjoni, imma nirrealizzaw li għandna bżonn standards għoljin fuq siti ta' kostruzzjoni ħalli kull ħaddiem u terzi jkunu siguri fil-post tax-xogħol tagħhom. Nirringrazzjak.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA (Membru maħtur biex jippresiedi skont Mozzjoni 174):** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Nistieden lill-Onor. Stanley Zammit biex, jekk jogħġbu, jagħmel il-winding up.

**ONOR. STANLEY ZAMMIT:** Sur President, se nutilizza dawn l-aħħar minuti biex nikkonkludi fuq punti varji. L-ewwel nett, nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li ħadu sehem f'din id-diskussjoni. Apprezzajt immens il-kontribut ta' kull wieħed u waħda minnhom.

Fir-rigward tad-diskors tal-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi nħoss li kien daqsxejn kontradittorju għax fuq naħa qed jgħid li l-Oppożizzjoni m'għamlitx konsultazzjoni u fuq in-naħa l-oħra qed jgħid li jaqbel ma' ħafna mill-emendi. Il-klassika tkun tal-employers' liability insurance fejn qed ngħidu li m'għandniex biss nagħmluha fil-qasam tal-kostruzzjoni, imma għandna nestenduha għall-oqsma l-oħra kollha. M'għandix għalfejn nassigura lill-Ministru li għamilna konsultazzjoni, għax ċert li l-Ministru jaf tajjeb li aħna kkonsultajna, tkellimna, smajna u għaddejna miċ-ċiklu kollu tal-konsultazzjoni. Qed nitkellem fil-plural għax ma kontx waħdi, imma konna jien, l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Ivan Castillo, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Graziella Galea, fejn iltqajna man-nies aktar minn darba fi stadji differenti ta' dan il-proċess.

Meta qegħdin inressqu dawn l-emendi, irridu nżommu f'rasna li ma nistgħux neskludu emendi għaliex l-Awtorità, f'dan il-każ il-BCA, hija nieqsa mir-riżorsi. F'dak il-każ, mhux neskludu l-proposti imma nsaħħu l-BCA. Il-Ministru semma l-electricians u l-liċenzja tal-electricians. Il-Ministru jaf tajjeb li fil-każ tal-bennejja, għalkemm il-bennejja diġà huma liċenzjati, dawn ġew klassifikati bħala kuntratturi u allura l-istess mudell japplika anke għall-każ tal-electricians. Fir-rigward ta' dawk ix-xogħlijiet l-oħra relatati mal-bini, il-Ministru qal illi kieku naċċettaw l-emendi, dawn għada ma jistgħux jaħdmu. Il-Ministru jaf li għandu kull opportunità u verament nixtieq li jressaq emendi fuq l-emendi tagħna biex inkomplu ntejbu u jkollna riforma ħolistika.

L-Onor. Ivan Castillo tkellem fuq l-iskills card, li semmewhom ukoll l-Onor. Ray Abela u l-Onor. Katya De Giovanni. It-tlieta qalu li din is-sistema għadha ma ingranatx, anke jekk ilna nitkellmu fuqha mill-inqas tmien snin. Din hija l-bażi tas-sistema tal-liċenzjar u allura hemm il-ħtieġa li bis-serjetà mill-kliem ngħaddu għall-fatti.

L-Onor. Toni Bezzina għamel referenza għal ħafna ideat u suġġerimenti li l-Oppożizzjoni ilha titkellem fuqhom is-snin u, għal xi raġuni, dan il-Gvern kaxkar saqajh dwarhom. Kull ġurnata li tgħaddi hija opportunità oħra ta' abbuż għal dawk li qed jabbużaw f'dan il-qasam. L-Onor. Rebekah Borg tkellmet fuq il-frammentazzjoni tal-liġi u l-ħtieġa li ngħaqqdu l-ħafna biċċiet ta' liġijiet li għandna.

Nagħlaq b'appell sinċier ta' tama, Sur President. Mhux qed nistenna li l-Gvern jivvota favur l-emendi tagħna imma, għall-inqas, għandu l-opportunità li jagħmel l-emendi fejn jaħseb li ma jaqbilx magħna speċjalment fid-dawl li l-Gvern stess qal li qed jaqbel ma' ħafna mill-emendi u li jagħmlu sens. Għalhekk ma narawx għaliex għandna noqogħdu nistennew u nkaxkru saqajna. Ejja nevitaw il-lapazzar u li naħdmu bil-biċċiet u b'pawsa bejn biċċa u oħra għax, sfortunatament,

dan jista' jwassal għal ħsara lill-istess industrija. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Il-mistoqsija hija l-Mozzjoni kif imressqa u moqrija mill-Onor. Stanley Zammit. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? (Onor. Membri: No) Negatived.

**ONOR. MEMBRU:** Division.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Qed tintalab division. Nifhem li hawn qbil li din il-votazzjoni tittieħed fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2023.

Infakkar fil-ftehim li ġie verbalizzat fis-seduta 183 tad-29 ta' Novembru, 2023 li l-perjodu ta' 60 ġurnata li fih il-Kamra għandha tieħu deċiżjoni dwar din il-Mozzjoni skont artikolu 11 subartiklu (1) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni ġie estiż sat-18 ta' Diċembru 2023 bit-teħid tal-votazzjoni fuq imsemmija.

Sar il-ħin. Nistieden lill-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi biex, jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament.

*Fis-7.00 p.m. id-diskussjoni ġiet konkluża.*

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 18 ta' Diċembru 2023, fis-1.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali.

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Estimi Ġenerali għas-sena 2024
Kumitat ta' Provvista – Votazzjonijiet;

Approprjazzjoni u Estimi Supplimentari (Tieni Approprjazzjoni) – L-istadji kollha;

Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 136 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet – Votazzjoni;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità - Tieni Qari (Votazzjoni);

Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 169 tal-2023 li daħħal fis-seħħ Regolamenti tal-2023 dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni – Votazzjoni;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Gvern Lokali - Tielet Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 2) - Tielet Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali - Tielet Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkmandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku - Tieni Qari

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) - Tieni Qari;

Jew xi aġenda oħra li tiġi kkomunikata aktar tard.

-----

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja - Kumitat Permanenti.

Ninforma lill-Kamra li ntlaħaq qbil li l-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari għal din is-seduta mhux se jittieħed.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. Paula Mifsud Bonnici.

**ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI:** Sur President, waslu l-festi tal-Milied u filwaqt li għal ħafna l-Milied u l-festi marbuta miegħu jġibu ferħ, divertiment, rigali u ikliet bejn il-familji u l-ħbieb, għal xi wħud il-festi tal-Milied ifissru biss solitudni. Għandna persuni li jinsabu waħedhom għal diversi raġunijiet u għandna persuni li, anke jekk ma jgħixux waħedhom, xorta jħossuhom waħedhom.

Is-sena l-oħra minn stħarriġ li sar mill-Fakultà tal-Benesseri Soċjali fl-Università ta' Malta, irriżulta bl-aktar mod ċar li s-solitudni hija fenomenu ieħor ġdid f'pajjiżna. Fil-fatt aktar minn 55% tal-Maltin iħossuhom waħedhom. Kellna stħarriġ ieħor li kien sar mill-istess Fakultà fl-2019 li kien diġà wera li għandna problema ta' solitudni f'pajjiżna. Issa, tliet snin wara, qegħdin f'sitwazzjoni agħar, għax minn 43.5% tal-Maltin li kienu jħossuhom waħedhom fl-2019, tlajna għal 55% fl-2022.

Inħoss li mill-ewwel stħarriġ li sar kellna żvilupp żgħir. Rajna ħafna aktar persuni jitkellmu dwar is-solitudni. Rajna wkoll l-NGOs, il-Gvern, il-Knisja, l-aġenziji soċjali, il-pariti politiċi u aħna l-politiċi li qed nitkellmu ħafna drabi dwar is-solitudni. Però llum, erba' snin wara, huwa inutli li nibqgħu nitkellmu fuq din il-problema serja bla ma nieħdu azzjonijiet diretti biex verament inkunu qegħdin inrażżnu s-solitudni. Għandna bżonn ta' azzjonijiet urġenti u tanġibbli biex verament nirrispondu għal dan il-fenomenu li dejjem qed jikber u jikkomplika ruħu. We need to walk the talk!

Sur President, ma jistax ikun li nitkellmu fuq is-solitudni u ma nsemmux is-solitudni fost l-anzjani. Nafu li kwart tal-popolazzjoni Maltija għandha 'l fuq minn 60 sena. Din hija riżultat ta' rati aktar baxxi ta' fertilità, rati aktar baxxi ta' mortalità u avvanz fil-kura u fis-servizz tas-saħħa, kif ukoll fiż-żamma ta' aktar indipendenza u awtonomija fil-ħajja. Però, għalkemm għandna anzjani li jibqgħu attivi, għandna anzjani oħra li qegħdin jgħixu f'solitudni kbira. Dan minħabba diversi raġunijiet, fosthom problemi ta' saħħa fiżika, problemi ta' saħħa mentali, nuqqas ta'

mobilità minħabba telf ta' xi ħadd li jkun għażiż għalihom, problemi finanzjarji u għoli tal-ħajja, speċjalment żidiet fil-prezzijiet tal-ikel u l-mediċini.

Nibqa' ngħid li s-solitudni hija fenomenu kumpless ħafna li taf tħalli impatt negattiv fuq is-saħħa tal-individwu. X'inhuma l-konsegwenzi ta' dan? Wieħed jista' jispiċċa iżolat mill-kumplament tas-soċjetà. Wieħed jista' jispiċċa bħala persuna mingħajr identità, b'riskju ta' dipressjoni u stress żejjed. Minn mistoqsija parlamentari li għamilt ftit ġimgħat ilu lill-Ministru għall-Finanzi jirriżulta li, skont l-aħħar ċensiment li sar, għandna aktar minn 20,000 anzjani li jgħixu waħedhom. Hawn nistaqsi: Nafu min huma dawn l-anzjani? Nafu fejn u f'liema kondizzjonijiet qegħdin jgħixu? Nafu jekk humiex qegħdin jagħmlu użu minn servizzi fil-komunità? Nafu jekk jattendux xi ċentru jew jifformawx parti minn xi għaqda? Nafu jekk jagħmlux użu mit-teknoloġija biex jibqgħu f'kuntatt mal-ħbieb u l-familjari tagħhom? Huwa ovvju li ma nafu xejn dwar dawn l-anzjani, xi ħaġa li lili tinkwetani ħafna.

Min-naħa tiegħi nitkellem ma' ħafna anzjani li kollha jgħidulek kemm hija kerha s-solitudni. Ma rridux naħsbu li s-solitudni jesperjenzawha biss anzjani li jgħixu waħedhom. Għandna anzjani li jgħixu ġo familja, imma xorta jħossuhom waħedhom. Għandna anzjani li jgħixu fid-djar residenzjali ma' anzjani oħra u mal-carers tagħhom, imma xorta qed iħossuhom waħedhom. Għandna anzjani f'San Vinċenz de Paul, fl-Isptar Mater Dei u fl-Isptar Karin Grech li wkoll qegħdin iħossuhom waħedhom. Inutli nitkellmu bla ma nagħmlu xejn dwar din is-sitwazzjoni. Il-Gvern irid jibda jieħu bis-serjetà din l-issue, għax nibża' li r-riperkussjonijiet se jkunu kbar fuq il-komunità tagħna. Dan il-Gvern għandu ħafna x'jagħmel f'dan il-qasam.

Fil-fehma tiegħi, l-ewwel u qabel kollox għandna bżonn ta' strateġija nazzjonali dwar is-solitudni. Dan mhux qed ngħidu jien biss, imma qalu wkoll id-Dekan tal-Fakultà tal-Benesseri Soċjali, Prof. Andrew Azzopardi fejn f'intervista li kellu mal-ġurnal *Malta Today* ġie kkwotat li qal hekk:

> "Malta needs a proper social policy strategy which understands and takes the issue forward."

Jgħid ukoll li:

> "The country is not equipped to handle solitude."

Sur President, irid ikollna aktar aċċessibbiltà għat-terapija u aktar riżorsi. Irridu nnaqqsu l-waiting lists u għalhekk irid ikollna aktar social workers u psycholgists li, kif nafu, huma ftit ikkomparat ma' kemm għandna nies li jeħtieġu l-għajnuna. It-tnaqqir tal-ispazji pubbliċi huwa problema oħra. Għandha tkun il-prijorità ta' dan il-Gvern li jżid dawn l-ispazji fejn wieħed jista' jiltaqa' u jgħid kelma.

Għandek it-tagħlim tat-teknoloġija li huwa importanti ħafna. Sfortunatament, rajna anzjani jaqgħu f'solitudni għax m'għandhomx aċċess għall-mezzi diġitali jew addirittura għaliex ma tgħallmux it-teknoloġija ma jistgħux jaċċessaw id-dinja diġitali, bil-konsegwenza li llum iħossuhom maqtugħin mill-ħajja. Għalhekk li l-Oppożizzjoni ilha tinsisti li l-Gvern għandu jagħti internet b'xejn lill-anzjani tagħna. Hemm bżonn ta' aktar kordinament fis-servizzi li jingħataw kemm mill-Gvern, mid-djakonija tal-Knisja, mill-aġenziji, mill-NGOS, kif ukoll mis-soup kitchens. Hemm ħafna x'jista' jsir biex inrażżnu s-solitudni li għandna f'pajjiżna.

Sur President, nikkonkludi dan id-diskors bi kwotazzjoni li wieħed tajjeb jixtarr hekk kif qegħdin ftit jiem biss qabel il-festi tal-Milied. Din hija kwotazzjoni qasira ħafna, imma li tgħid ħafna. "Lonely is not being alone. It's the feeling that no one cares". Ejja nagħmlu ħilitna biex matul dawn il-ġranet, speċjalment f'dawn iż-żmenijiet tal-Milied, inkunu ta' sostenn, ta' faraġ, ta' solidarjetà, ta' kenn u ta' għajnuna għal min jinsab waħdu. Aktar minn hekk, ejja nkunu qrib min iħossu waħdu, anke jekk ma jgħixx waħdu. Nirringrazzjak.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Toni Bezzina.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, bħalma nħobb nagħmel spiss, se nkun qed nuża l-ħin ta' dan l-Aġġornament biex inwassal l-ilmenti ta' diversi setturi li niltaqa' magħhom b'mod regolari. Għall-kuntrarju ta' dak li jgħidu tan-naħa tal-Gvern, aħna d-Deputati tal-Oppożizzjoni, bil-limitazzjonijiet kollha li għandna, nagħmlu konsultazzjoni kontinwa. Jien ix-Shadow Minister tal-Agrikoltura u s-Sajd, jiġifieri nsegwi Ministru u Segretarju Parlamentari li għandhom ħafna konsulenti, l-

istaff u l-customer care kollu tagħhom, u l-iskrutinju rrid nagħmlu waħdi. Bħali hemm sħabi d-Deputati l-oħra; kull Deputat tal-Oppożizzjoni li jkun qed jagħmel shadowing ta' Ministru jrid jagħmel dan bir-riżorsi uniċi tiegħu, jiġifieri l-kapaċitajiet personali tiegħu biss. Għalhekk wieħed jista' jimmaġina li, kif qal aktar kmieni l-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi waqt id-dibattitu li kellna dwar il-Liġi tal-Liċenzjar tal-Kuntratturi, iva, jien imħabbat ħafna.

Qed ngħid dan għax biex tkampa kważi ġurnata ta' 24 siegħa mhijiex biżżejjed. Għalhekk bħala Deputati tal-Oppożizzjoni niltaqgħu mal-poplu, nikkomunikaw, nikkonsultaw u nressqu, kif inhuwa d-dover tagħna, l-ilmenti tal-poplu f'din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Fl-aħħar mill-aħħar dan hu dak li fdana bih il-poplu tagħna. Ma ninsewx li meta jkun hemm elezzjoni ġenerali, il-poplu jivvota għar-rappreżentanti tiegħu. Ngħid għalija, din hija t-tielet leġiżlatura tiegħi fejn il-poplu fdali dan is-siġġu għal terminu ta' ħames snin, li jistgħu jkunu inqas ukoll, biex nirrappreżentah f'din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Xi kultant il-Gvern ma jiħux pjaċir bil-kritika li nressqu bħala Oppożizzjoni, però huwa d-dmir tagħna li nressqu din il-kritika f'dan il-Parlament biex naraw li ngħaddu l-aħjar liġijiet u biex fejn il-Gvern ma jkunx miexi kif suppost, inbeżbżulu daqsxejn widnejh biex inressquh fit-triq it-tajba.

Nixtieq nibda d-diskors tiegħi b'lokalità purament turistika, li hija Wied iż-Żurrieq. B'mod regolari niltaqa' mal-barklori u ma' diversi sidien ta' ħwienet li jinsabu inkwetati dwar in-nuqqas ta' parkeġġ li hemm fiż-żona. Kif diġà għedt, ilni fil-Parlament 12-il sena u daqshekk ilni nħambaq li f'Wied iż-Żurrieq hemm problema ta' parkeġġ, li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed tiżdied. Għamilt diversi mistoqsijiet parlamentari u diskorsi dwar din il-problema ta' parkeġġ, speċjalment meta jinżlu l-coaches bit-turisti f'Wied iż-Żurrieq. Kont għamilt anke proposta biex jinbena multi-level parking flok il-parkeġġ eżistenti - jiġifieri mhux se mmissu l-ambjent - biex il-karozzi ż-żgħar privati jipparkjaw taħt u fuq jibqa' spazju għall-coaches.

Biex inkun qed ngħid kollox, kienu bdew jittieħdu xi testijiet fuq il-post, imma mbagħad f'daqqa waħda l-Gvern sab elf skuża biex dan il-parkeġġ ma jsirx, anke jekk illum il-ġurnata żdiedu t-turisti li jżuru din iż-żona. Ma ninsewx li f'Wied iż-Żurrieq hemm madwar 80 barklor li jipprovdu s-servizz li jdawru lit-turisti bid-dgħajjes tagħhom, u dan huwa l-uniku qligħ u ħobża għall-familja tagħhom. Apparti dan, hemm diversi ristoranti, kafeteriji żgħar u ħwienet tas-souvenirs li meta tgħoddhom kollha flimkien dawn jammontaw għal madwar 500 familja li qed jaqilgħu l-għajxien tagħhom minn Wied iż-Żurrieq.

Però, minħabba dan in-nuqqas ta' parkeġġ, qegħdin inpoġġulhom il-qligħ tal-ħobża tagħhom ta' kuljum f'periklu. Għalhekk nappella lill-Gvern li sakemm tinstab soluzzjoni, jekk jista' jkun permanenti, forsi jikkonsidra li ladarba hemm żewġ naħat bil-bankini, b'naħa minnhom tintuża aktar minn oħra, minflok bankina minnhom, nipprovdu spazju biżżejjed għall-coaches li jinżlu Wied iż-Żurrieq, mingħajr ma tinħoloq problema fil-parkeġġ prinċipali. Bilkemm ma kienx hemm min qed jgħid li ma jitħallewx jinżlu aktar coaches f'Wied iż-Żurrieq! Allaħares niġu f'dan il-punt, għaliex inkunu qed inpoġġu f'riskju l-ħobża ta' kull min jaqla' x'jiekol minn din iż-żona, kemm barklori, kif ukoll sidien tal-ħwienet. Għalhekk nappella lill-Gvern biex jara kif jista' jsolvi din il-problema, anke b'mod temporanju, però b'mod immedjat biex nipprovdu parkeġġ għal dawn il-coaches. Huwa veru li jinżlu numru kbir ta' coaches f'Wied iż-Żurrieq, speċjalment nhar ta' Erbgħa minħabba l-cruiseliners li jżuru pajjiżna. Ejja naraw li mhux innaqqsu imma nżidu t-turisti li jinżlu Wied iż-Żurrieq.

Problema antika oħra ta' Wied iż-Żurrieq hija n-nuqqas ta' sistema tad-drenaġġ. Nistħi niġi f'din il-Kamra u nsemmi għal ma nafx kemm-il darba din il-problema. Naħseb Wied iż-Żurrieq huwa l-uniku post f'Malta li għadu bla drenaġġ. Huwa minnu li hemm investiment sostanzjali li jrid isir biex inwasslu s-servizz tad-drenaġġ f'Wied iż-Żurrieq, però mhux se nkunu qed nivvintaw ir-rota. Kulma rridu hu li jiġi stallat rising main. M'ilux sar wieħed f'Marsaxlokk, li hija xi ħaġa tajba, u allura bħalma sar f'Marsaxlokk jista' jsir ukoll f'Wied iż-Żurrieq. Dan l-aħħar żdiedu l-commercial outlets f'din iż-żona, li hija xi ħaġa tajba, però ma nistgħux inħalluhom mingħajr drenaġġ. Kulħadd japplika għall-fossa u spiċċajna b'fossa ħdejn l-oħra u dan biex ma nipprovdux rising main ħalli d-drenaġġ minn Wied iż-Żurrieq jiġi ppumpjat 'il fuq u jitqabbad mal-komunikazzjoni prinċipali tal-Gvern.

Nixtieq nirreferi wkoll għal applikazzjoni li hemm mal-Awtorità tal-Ippjanar. Semmejtha kemm fil-Parlament kif ukoll f'kull okkażjoni li ġietni. Qed nirreferi għall-applikazzjoni riċenti li saret biex jiġi stallat impjant tat-tarmak 250 metru 'l bogħod minn Category 3 settlement fl-Imqabba. Kif kelli l-okkażjoni ngħid diversi drabi, l-ewwel nett jinkwetani l-fatt li konsulenti tal-Awtorità tal-Ippjanar qed jgħidu li barriera li m'għadhiex tintuża hija l-post ideali biex impjanti li joħorġu minnhom gassijiet tossiċi jiġu stallati hemmhekk. Mela n-nies tal-Imqabba, tas-Siġġiewi, tal-Qrendi, taż-Żurrieq u tal-akkwati għandhom xi ħaġa inqas minn ħaddieħor? M'għandux ikollhom arja tajba?

Għalhekk nerġa' nappella biex din l-applikazzjoni ma tiġix approvata mill-Awtorità tal-Ippjanar. Ninkwieta għall-fatt li min-naħa tal-Gvern ftit smajna dwar din l-applikazzjoni. Ma ninsewx li min-naħa tal-Gvern għandna l-Prim Ministru, erba' Ministri u Deputat li telgħu minn dan id-distrett. Ħbieb, ejja ningħaqdu n-naħa tal-Gvern u n-naħa tal-Oppożizzjoni biex ma nniżżlux fabbrika li tagħmel ħsara lir-residenti f'nofs ir-residenti.

Insemmi wkoll biċċa art tal-Gvern u tal-Enemalta f'Birżebbuġa li kemm ir-residenti kif ukoll il-kunsill lokali ħasbu li se tingħatalhom lura, imma minflok se tispiċċa timtela kollha bricks u konkos. Mela fuq naħa waħda għandna l-Gvern jgħid illi f'żoni residenzjali fejn il-Gvern m'għandux art biex jagħmel spazji miftuħa lest jixtri biex jipprovdi dawn l-ispazji miftuħa għar-residenti, imbagħad fl-istess ħin għandna art ta' madwar 30,000 metru kwadru f'Birżebbuġa li hija diġà tal-Gvern jew ta' entità li għandu sehem minnha l-Gvern, u minflok naħtfu l-opportunità u nagħmlu spazju miftuħ għar-residenti, se nbigħuha biex jinbnew sitt torrijiet li jitilgħu f'għoli ta' għaxar sulari biex inkomplu nifgaw il-madwar, issa fil-Qajjenza wkoll. F'dan il-każ ukoll nappella lill-Gvern jikkonsidra u jilqa' t-talba tar-residenti kif ukoll tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa biex din iż-żona tingħata lura lir-residenti bħala spazju miftuħ ħalli titgawda mir-residenti tal-Qajjenza, Birżebbuġa u l-irħula ta' madwar.

Nixtieq nagħmel referenza wkoll għall-bdiewa u s-sajjieda. Se nkun pożittiv u minn dan il-lat nilqa' b'sodisfazzjon li diversi proposti li għamilt waqt id-diskussjoni dwar l-Estimi tal-Agrikoltura u s-Sajd ġew aċċettati mill-Gvern, b'waħda minnhom tiġi attwata fi żmien ġimgħa u hemm oħrajn li se jiġu attwati fil-futur, skont dak li smajt illum fil-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari.

Pereżempju, waqt id-diskors tal-Estimi enfasizzajt li bħala Oppożizzjoni konna qed ninsistu li l-Aġenzija li kellha tieħu ħsieb ir-raba' tal-privat, għandha tieħu ħsieb anke raba' tal-Gvern, u li din għandha tibda topera. Fil-fatt, wara li għamilt appell f'din il-Kamra, bħalma hu xogħli u d-dover tiegħi, u ħeġġiġt lill-Ministru biex jiċċaqlaq fuqha ħalli nfittxu ndaħħluha, fl-aħħar ġiet imnedija l-Aġenzija Riżorsi Agrikoli Malta biex tibda topera u tiġġestixxi raba' li hu tal-privat. Hemm diversi mansjonijiet oħrajn li nemmen li din l-Awtorità għandha tieħu f'idejha, fosthom artijiet agrikoli tal-Gvern li bħalissa qed jiġu ġestiti u mmaniġġjati mill-Awtorità tal-Artijiet.

Hawnhekk irrid nirringrazzja lill-Ministru li laqa' l-appell li għamiltlu u nieda din l-Aġenzija. Issa nispera li ma nagħmlux xi sena oħra nkaxkru saqajna biex din l-Aġenzija tibda topera. Nispera li, jekk Alla jrid, fil-bidu tas-sena d-dieħla tibda topera. Il-konċett hu li artijiet agrikoli tal-Gvern li jaqgħu taħt l-Awtorità tal-Artijiet jibdew jiġu ġestiti wkoll minn din l-Aġenzija. Nemmen li l-Aġenzija li hija fformata apposta biex tieħu ħsieb l-artijiet agrikoli u lill-bdiewa u r-raħħala tagħna għandha tkun l-istess Awtorità li tmexxi fl-aħjar interess tal-bdiewa u r-raħħala tagħna art li hija tal-Gvern.

Jien ma nistax nifhem kif sa ftit ġranet ilu ħarġu tenders għal artijiet agrikoli, b'tomna raba' tingħata b'tender b'kirja ta' €2,000 fis-sena. Ma jistax ikun! Żgur li mhux se jkun hemm bdiewa li jaħdmuha. Semmili bidwi jew raħħal wieħed li jista' jħallas €2,000 għal tomna raba' biex jaħdimha! Għalhekk għandu jsir katast mhux biss ta' raba' privat, imma wkoll ta' raba' tal-Gvern, u art agrikola tingħata biss lill-bdiewa biex jaħdmuha. U hawn inżid biċċa oħra; jekk jista' jkun tingħata lil bdiewa żgħażagħ li jixtiequ jidħlu f'dan is-settur, però m'għandhomx art. Huwa tajjeb li nipprovdulhom l-art biex jibdew jaħdmuha.

Irrid nerġa' nfakkar proposta li kont semmejt fid-diskors tal-Estimi, biex jingħata sussidju fuq fuel lill-bdiewa u lir-raħħala tagħna, bħalma jsir fl-aħħar mill-aħħar f'pajjiżi oħrajn, fosthom fi Franza. Għedt ukoll li applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar għal żvilupp ta' strutturi

agrikoli għandhom ikunu eżentati mill-miżati tal-applikazzjoni li jitħallsu lill-Awtorità tal-Ippjanar u, fuq kollox, titnaqqas il-burokrazija żejda. Ma jistax ikun li meta wieħed japplika għal impjant tat-tarmak fuq erba' tmiem raba' noħorġulu 'recommendation to grant' mill-ewwel u mingħajr problemi ta' xejn, anke jekk jitfa' tarmak plant u tingħata kisja konkos fuq ir-raba' daqslikieku ma ġara xejn, imbagħad bidwi li jibni biċċa kamra biex iżomm mgħażqa ġo fiha jew inkella bidwi żagħżugħ biex forsi jagħmel biċċa razzett, naqilgħulu l-istonku tiegħu.

Sur President, nagħlaq billi nappella lill-Ministru għall-Agrikoltura u s-Sajd biex jiġbed il-ħabel miegħi ħalli l-Gvern jgħin lil dawn is-setturi, speċjalment fejn jidħlu applikazzjonijiet għal żviluppi agrikoli u mhux jagħmel il-ħajja tal-bdiewa tagħna miżerja. Nirringrazzjak.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Sar il-ħin. Il-Kamra hija aġġornata għal nhar it-Tnejn, 18 ta' Diċembru, 2023 fis-1.00 p.m. bl-aġenda kif ikkomunikata mill-Ministru.

*Fis-7.30 p.m. il-Kamra aġġornat mingħajr ma saret il-mistoqsija.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - NEFQA FUQ FJURI GĦALL-FUNERALI

**12039. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għall-funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet):** L-informazzjoni qed tinġabar.

### MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - NEFQA FUQ FJURI GĦALL-FUNERALI

**12040. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm nefqet flus fi fjuri għall-funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista tgħid jekk bagħtitx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Tista' tgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur):** L-informazzjoni qed tinġabar.

### MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - NEFQA FUQ FJURI GĦALL-FUNERALI

**12041. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għall-funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din

il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

**ONOR. AARON FARRUGIA (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):** L-informazzjoni mitluba qed tinġabar.

### MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI

**12042. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex):** L-informazzjoni qed tinġabar u se tingħata f'xi seduta oħra.

### ADOZZJONIJIET MINN KOPPJI TAL-ISTESS SESS

**13001. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm koppji tal-istess sess li rnexxielhom jaddottaw minn mindu legalment dan sar possibbli u jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena u skont il-pajjiż li addottaw minnu?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

### ADOZZJONIJIET

**13002. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 4587 u 4588, fejn jingħad li bejn l-2019 u Frar tal-2023 kien hemm 13-il adozzjoni ffaċilitati mill-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS) u 115-il adozzjoni ffaċilitati mill-aġenziji privati, jista' l-Ministru jgħid għalfejn ir-rata ta' konklużjonijiet b'suċċess tal-aġenziji privati hija ħafna aktar għolja?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

### ADOZZJONIJIET – FTEHIM MA' PAJJIŻI OĦRA

**13003. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-pajjiżi li hemm ftehim magħhom biex ikunu jistgħu jiġu adottati tfal minnhom?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

### ADOZZJONIJIET – PAJJIŻI LI KOPPJI TAL-ISTESS SESS JISTGĦU JADOTTAW MINNHOM

**13004. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-pajjiżi li koppji tal-istess sess jistgħu jadottaw minnhom?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

### ADOZZJONIJIET – DISKUSSJONIJIET MA' PAJJIŻI OĦRA

**13005. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pajjiżi li għaddejjin diskussjonijiet magħhom biex ikunu jistgħu jiġu adottati tfal minnhom, inkluż minn koppji tal-istess sess?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

### ADOZZJONIJIET – TFAL LI KIENU TAĦT KURA ALTERNATTIVA

**13006. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika

Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm tfal li kienu taħt kura alternattiva u li ġew adottati minn mindu daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** It-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

## MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13304. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntefqu jew se jkunu qed jintefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13305. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntnefqu jew se jkunu qed jintnefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja):** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

## MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - FONDI MILL-UNJONI EWROPEA

**13306. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li ntnefqu jew se jkunu qed jintnefqu fl-2023? Jista' jgħid ukoll liema kienu u liema huma u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għall-Anzjanità Attiva):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## BCA - KONSULENTI

**13429. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12530, 12646, 12894 u 13147 u jgħid min huma l-konsulenti tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) u kemm-il direct order ingħata lil dawn il-konsulenti mill-bidu tat-twaqqif tal-Awtorità, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista u kopja ta' dawn id-direct orders kif ukoll tax-xogħol li jridu jwettqu għall-ħlas li qed jingħataw? Jista' jgħid ukoll x'kienu x-xogħlijiet imwettqa minn dawn il-konsulenti u jekk dan kienx jinkludi wkoll li jagħmlu reviżjoni tal-method statements'?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Il-lista mħejjija mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) ta' konsulenti li bdew l-ingaġġ tagħhom mal-Awtorità mit-twaqqif tagħha tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti, filwaqt li dwar it-tagħrif fuq il-method statements nitlob sabiex issir referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7829.

## UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU: POSITIONS OF TRUST - SALARJI

**13450. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13231 li ngħatat fit-13 ta' Novembru 2023, peress li din ma tweġibx dak mistoqsi, jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien il-valur totali tas-salarji kollha għall-persuni kollha li okkupaw position of trust fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru jew xi entità li taqa' taħtu għas-sena 2022?

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Appendiċi li hemm fil-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - ENTITAJIET REGOLATORJI

**13516. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru, fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, f'kull każ jgħid:

a. Jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u, jekk iva, jgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli jagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet?

b. Quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta?

ċ. Jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 15622 u 15623 tat-13-il Leġiżlatura.

## IX-XEWKIJA : TRIQ IL-KBIRA – TINDIF U MANUTENZJONI TAL-ĠIBJUN

**13551. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta l-Kunsill Lokali tax-Xewkija Għawdex se jnaddaf u jagħmel manutenzjoni fil-ġibjun li hemm fi Triq il-Kbira fix-Xewkija u dan wara li għamel embellishment tal-wiċċ ta' dan il-ġibjun?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Din il-materja ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija li saret nhar l-Erbgħa, 22 ta' Novembru, fejn il-Kunsill iddeċieda li dan ix-xogħol ikun pospost għax-xhur tas-sajf għax mhuwiex għaqli li l-Kunsill jidħol fi spiża biex jitbattal il-ġibjun mill-ilma meta qegħdin fix-xhur li tagħmel ix-xita.

## BCA – PERITI

**13552. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12529, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt tax-xogħol tal-uniku perit li l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) għandha impjegat magħha?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** L-Awtorità qed tkompli tinvesti fl-istruttura tagħha u tinkludi fir-reklutaġġ tagħha aktar professjonisti. Minn dak iż-żmien meta twieġbet il-mistoqsija parlamentari li qed issir referenza għaliha, l-Awtorità ingaġġat aktar ħaddiema f'din il-professjoni li huma warranted jew kandidati għall-warrant.

## IR-RABAT GĦAWDEX – ĊENTRU TAS-SAĦĦA ĠDID

**13607. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12879 rigward iċ-ċentru tas-saħħa ġdid fir-Rabat, Għawdex fl-intier tagħha u jgħid jekk dan iċ-ċentru hux se jkun miftuħ għall-pubbliku l-ġurnata kollha, 24 siegħa kuljum, bħalma jinfetħu ċentri oħra simili f'Malta?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** Iċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid ta' Victoria fir-Rabat Għawdex se jkun miftuħ kuljum mis-7.00 a.m. sat-8.00 p.m., Ħdud u festi inklużi.

## SENA 2023 – XOGĦOL TA' BACK OFFICE F'GĦAWDEX

**13608. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid liema xogħol ta' back office taċ-Ċivil ġdid inġab f'Għawdex matul is-sena 2023? Kemm hemm ħaddiema jaħdmu f'dan ix-xogħol ġdid ta' back office f'Għawdex u minn fejn qed joperaw? Kemm minn dawn il-ħaddiema kienu jaħdmu f'Malta sa meta nġab dan ix-xogħol f'Għawdex u

issa, per konsegwenza ta' dan ix-xogħol, bdew jaħdmu f'Għawdex? X'inhu l-grad ta' dawn il-ħaddiema? Minn fejn qed isir dan ix-xogħol ta' back office ġdid f'Għawdex?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Kif diġà rrispondejt fil-mistoqsija parlamentari 10752, il-Ministeru qed ikompli bil-ħidma biex iħeġġeġ u jgħin ministeri u entitajiet jespandu l-operat eżistenti tagħhom jew jintroduċu servizzi ġodda li jingħataw minn Għawdex kemm ta' back office kif ukoll ta' front office. Mill-2013 sal-lum, barra mill-ħaddiema li ġew trasferiti minn Malta għal Għawdex f'direttorati fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u uffiċini li jaqgħu taħt ministeri oħrajn, kien hemm 71 ħaddiem li bdew jaħdmu minn Għawdex f'xi wieħed mill-back offices li jaqgħu taħt il-Ministeru għal Għawdex jew f'xi entità/awtorità li l-Ministeru għen biex jingħataw uffiċċji ġodda jew akbar u li setgħu jibdew jaħdmu minn Għawdex jew ikabbru l-operat tagħhom f'Għawdex. Fl-2023 infetħet ukoll id-Dental Teaching Clinic.

## IR-RABAT GĦAWDEX: TRIQ L-ARĊISQOF PIETRU - TISWIJA

**13609. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10499 li ngħatat fis-26 ta' Ġunju 2023 rigward tiswija fi Triq l-Arċisqof Pietru ġewwa r-Rabat Għawdex peress li maġenb il-Kappella ta' Santa Marta, ċeda l-ħajt u sfrondat it-triq fejn kien ġie mwieġeb "li t-tender qed jiġi abbozzat", jista' l-Ministru jgħid jekk din it-tender ġietx abbozzata u, jekk iva, meta ħarġet is-sejħa, kemm hu l-valur ta' din is-sejħa u t-tul ta' żmien (eżekuzzjoni) ta' din is-sejħa?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ix-xogħlijiet ta' tiswija fuq il-ħajt li ċeda u l-parti tat-triq li sfrondat mistennija jibdew fil-ġimgħat li ġejjin.

## IR-RABAT GĦAWDEX: TRIQ L-IMĠARR – INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU

**13610. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid b'kollox, kemm kien hemm inċidenti tat-traffiku li ġew irrapportati lill-gwardjani lokali jew Pulizija kull sena mit-2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b' sena, fi Triq l-Imġarr li twassal mill-Port tal-Imġarr sar-Rabat Għawdex u li tgħaddi minn Għajnsielem u x-Xewkija?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** In-numru ta' inċidenti tat-traffiku li ġew irrapportati lil-LESA u lill-Pulizija kull sena mit-2021 sat-22 ta' Novembru 2023 u li seħħew fi Triq l-Imġarr li twassal mill-Port tal-Imġarr sar-Rabat Għawdex u li tgħaddi minn Għajnsielem u x-Xewkija, kien kif jidher fit-tabella hawn taħt:

| **Sena** | **Lokalità** | **2021** | **2022** | **2023 sat-22 ta' Novembru** |
|---|---|---|---|---|
| Rapporti mal-Pulizija | Triq l-Imġarr | 60 | 62 | 45 |
| Rapporti mal-LESA | Triq l-Imġarr | 73 | 88 | 88 |

## MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – POSITIONS OF TRUST

**13773. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bazi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust) fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

## UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU: SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI - POSITIONS OF TRUST

**13774. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill- Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13755.

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOKALI - POSITIONS OF TRUST**

**13775. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust) fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI: SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – POSITIONS OF TRUST**

**13776. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akkwakultura u d-Drittiijiet tal-Annimali jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13760.

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-FONDI EWROPEJ - POSITIONS OF TRUST**

**13777. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Il-lista ta' karigi/pożizzjonijiet ingaġġati fuq bażi ta' fiduċja, (persons of trust jew positions of trust) fil-Ministeru hija skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra.

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - POSITIONS OF TRUST**

**13778. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, jgħid preżentement kemm-il persuna hemm ingaġġata fil-Ministeru tiegħu f'position of trust?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza hemm ħames persuni ingaġġati f'position of trust skont il-manwal tal-Kabinett li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

**UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT TAL-ISTAT – KONDIZZJONIJIET TAL-AVUKATI U PROKURATURI LEGALI**

**14030. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 8957 u 11573, jista' l-Ministru jgħid jekk il-ftehim kollettiv fi ħdan l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat huwiex konkluż jew le?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Bi pjaċir ngħarraf lill-Onor. Interpellant li t-taħditiet waslu fi stadju matur.

**ITTRI UFFIĊJALI TAĦT L-ARTIKOLU 166A**

**14031. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati ittri uffiċjali taħt l-Artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili minn meta ġiet introdotta sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija maqsuma sena b'sena u b'kemm ġew reżi eżegwibbli?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** L-informazzjoni se tingħata f'seduta oħra.

**ITTRI UFFIĊJALI LI JRENDU EŻEGWIBBLI KAMBJALI**

**14032. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati ittri uffiċjali li jrendu eżegwibbli kambjali minn meta ġiet introdotta sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari possibbilment maqsuma sena b'sena?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sas-7 ta' Diċembru 2023.

| Sena | Qrati ta' Malta | Qrati ta' Għawdex |
|---|---|---|
| 2004 | 382 | 0 |
| 2005 | 592 | 3 |
| 2006 | 292 | 4 |
| 2007 | 283 | 12 |
| 2008 | 232 | 6 |
| 2009 | 247 | 10 |
| 2010 | 253 | 13 |
| 2011 | 162 | 14 |
| 2012 | 129 | 4 |
| 2013 | 220 | 4 |
| 2014 | 164 | 3 |
| 2015 | 97 | 2 |
| 2016 | 73 | 3 |
| 2017 | 107 | 4 |
| 2018 | 186 | 6 |
| 2019 | 121 | 1 |
| 2020 | 329 | 2 |
| 2021 | 630 | 8 |
| 2022 | 320 | 6 |
| Sas-7 ta' Diċembru 2023 | 84 | 5 |

**QORTI TAL-FAMILJA - TALBIET GĦALL-MEDJAZZJONI**

**14033. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew preżentati talbiet għall-medjazzjoni fil-Qorti tal-Familja minn Diċembru 2003 possibbilment sena b'sena sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura minn Diċembru 2003 sas-7 ta' Diċembru 2023.

| Sena | Qrati ta' Malta | Qrati ta' Għawdex |
|---|---|---|
| 2003 | 5 | 2 |
| 2004 | 1034 | 96 |
| 2005 | 878 | 93 |
| 2006 | 969 | 92 |
| 2007 | 963 | 68 |
| 2008 | 1125 | 92 |
| 2009 | 1158 | 105 |
| 2010 | 1237 | 109 |
| 2011 | 1292 | 85 |
| 2012 | 1271 | 105 |
| 2013 | 1442 | 94 |
| 2014 | 1463 | 109 |
| 2015 | 1452 | 111 |
| 2016 | 1512 | 128 |
| 2017 | 1527 | 116 |
| 2018 | 1659 | 105 |
| 2019 | 1689 | 113 |
| 2020 | 1333 | 88 |
| 2021 | 1410 | 93 |
| 2022 | 1770 | 103 |
| 2023 | 1363 | 79 |

**TRAFFIKAR TA' DROGA - KOMPILAZZJONIJIET PENDENTI**

**14034. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm kompilazzjonijiet pendenti matul is-sena 2022 marbuta ma' kawżi ta' traffikar ta' droga?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Matul is-sena 2022 kien hemm tliet mija u tmien (308) kumpilazzjonijiet pendenti marbuta ma' kawżi ta' traffikar ta' droga fil-Qrati ta' Malta u erbgħa u għoxrin (24) kumpilazzjonijiet pendenti quddiem il-Qrati ta' Għawdex.

**TRAFFIKAR TA' DROGA - KOMPILAZZJONIJIET PENDENTI**

**14035. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm

kompilazzjonijiet pendenti matul is-sena 2022 marbuta ma' kawżi ta' traffikar ta' droga?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**ĦAL QORMI – SPAZJI MIFTUĦA**

**14107. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi ħsieb hemm biex jiżdiedu l-ispazji miftuħa f'Ħal Qormi matul is-sena 2024 u jipprovdi d-dettalji?

**ONOR. OWEN BONNICI:** F'din il-lokalità hemm 20 spazju miftuħ li qed jiġu jiswew madwar €120,000 lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi f'żamma u manutenzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Lokali se jkun qed jinvesti fi proġett ambjentali għar-riġenerazzjoni ta' Triq San Bartolomew u parti minn Triq il-Vitorja.

Barra minn hekk, bħalissa l-Kunsill Lokali jinsab għaddej b'xogħol ta' riġenerazzjoni tal-Ġnien f'Misraħ iż-Żebbuġ, liema proġett wasal fil-fażi finali tiegħu u riġenerazzjoni ta' Ġnien iż-Żgħożija.

Huwa ppjanat ukoll li jsir tibdil fil-playing equipment kollu eżistenti fi Ġnien de la Cruz, il-playing field ta' Fuq Tal-Blat u l-Qormi Sports Complex fi Triq Manwel Dimech. Finalment, nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi wkoll ghat-tweġiba li ngħatat għad-domanda parlamentari 14110.

**ĦAL LUQA – SPAZJI MIFTUĦA**

**14108. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi ħsieb hemm biex jiżdiedu l-ispazji miftuħa f'Ħal Luqa matul is-sena 2024 u jipprovdi d-dettalji?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed isiru l-istudji meħtieġa sabiex isiru spazji miftuħa adegwati skont l-esiġenza tal-lokalità ta' Ħal Luqa, u dan minbarra ż-żamma u manutenzjoni ta' Misraħ iż-Żgħażagħ u l-Family Park f'Ħal Farruġ.

Barra minn hekk, il-Kunsill Lokali jinsab għaddej b'evalwazzjoni ta' tender relatata ma' xogħlijiet ta' ġnien ġdid fi Triq ir-Russett l-Abjad f'Ħal Farruġ.

Finalment, nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi wkoll għat-tweġiba li ngħatat għad-domanda parlamentari 14111.

**IS-SIĠĠIEWI – SPAZJI MIFTUĦA**

**14109. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi ħsieb hemm biex jiżdiedu l-ispazji miftuħa fis-Siġġiewi matul is-sena 2024 u jipprovdi d-dettalji?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Bħalissa għaddej ix-xogħol minn Indis fuq family park tul Triq Salvu Borg Olivier fis-Siġġiewi. Apparti minn hekk, inbeda wkoll il-proġett komunitarju f'Binja Ramija (Triq Annunziato Schembri ma' Triq Kalċidon Zammit).

Fil-preżent hemm ukoll proċess ta' applikazzjoni mal-Awtorità kkonċernata għal reading garden fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi.

Finalment, nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi wkoll għat-tweġiba li ngħatat għad-domanda parlamentari 14112.

**ĦAL QORMI – SPAZJI MIFTUĦA**

**14110. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid xi ħsieb hemm biex jiżdiedu l-ispazji miftuħa f'Ħal Qormi matul is-sena 2024 u tipprovdi d-dettalji?

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża):** Fil-konfini ta' Ħal Qormi, Project Green bdiet xogħlijiet f'Wied iċ-Ċawsli u Wied is-Sewda. Dawn l-interventi huma intiżi li jtejbu l-ekoloġija tas-siti u fl-istess waqt jagħmluhom aktar aċċessibbli għall-pubbliku. F'Wied iċ-Ċawsli l-pubbliku se jkun jista' jgawdi minn żona mħaddra b'siġar adattati għall-ambjent tal-wied u se tinħoloq mogħdija li ttejjeb l-aċċess, b'sensittività sħiħa għall-ekoloġija tal-wied. Xogħlijiet simili qed jitwettqu f'Wied is-Sewda.

Dawn jinkludu t-tindif u t-tħawwil ta' siġar u arbuxelli indiġeni u r-riġenerazzjoni ta' żona aċċessibbli għall-pubbliku.

Minbarra l-interventi fil-widien, f'Ħal Qormi wkoll, il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qed jassisti, b'finanzjament ta' 85% tan-nefqa, fir-riġenerazzjoni ta' Misraħ Narbona. Dan il-proġett għandu l-għan li jħaddar u jsebbaħ din il-pjazza b'mod li jiġi assigurat aktar spazju pedonali u tittejjeb l-aċċessibbiltà għar-residenti. Il-proġett intgħażel wara sejħa għall-proposti mmirata għall-kunsilli lokali sabiex dawn iwettqu proġetti infrastrutturali li jikkontribwixxu għall-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli għal Malta għall-2050 kif ukoll għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tal-Ġnus Magħquda.

Sadanittant, fil-konfini ta' din il-lokalità, permezz ta' Greenserv sar il-proġett biex parti miż-żona tal-Wied ta' Ħal Qormi ssaqqfet u nbidlet fi spazju miftuħ imħaddar b'siġar u arbuxelli għat-tgawdija tar-residenti.

**ĦAL LUQA – SPAZJI MIFTUĦA**

**14111. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid xi ħsieb hemm biex jiżdiedu l-ispazji miftuħa f'Ħal Luqa matul is-sena 2024 u tipprovdi d-dettalji?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Project Green għaddejja b'diskussjonijiet ma' SportMalta dwar il-possibbiltà li jsir proġett ta' spazju miftuħ fiż-żona ta' Ħal Farruġ. Tinsab ukoll f'taħditiet separati mal-Awtorità tal-Artijiet biex art oħra li tinsab fil-qalba ta' Ħal Luqa u li bħalissa tista' tinbena, minflok tiġi kkonsidrata biex din ukoll tinbidel fi spazju miftuħ.

**IS-SIĠĠIEWI – SPAZJI MIFTUĦA**

**14112. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid xi ħsieb hemm biex jiżdiedu l-ispazji miftuħa fis-Siġġiewi matul is-sena 2024 u tipprovdi d-dettalji?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12826.

**SAN PAWL IL-BAĦAR: TRIQ SAN PUBLIJU – PROĠETT**

**14113. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13809 dwar proġett fi Triq San Publiju, f'San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni għaliex dan il-proġett ma tkompliex ftit wara li beda? Jista' jgħid ukoll liema huma l-permessi maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar li bihom qed isir dan il-proġett?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu):** Il-proġett kellu jieqaf biex isiru xi spezzjonijiet mis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali. Fuq is-sit indikat qiegħed isir xogħol ta' manutenzjoni li ma kienx jeħtieġ permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar.

**PUBLIC WORKS DEPARTMENT – UŻU TA' ART F'TA' QALI GĦAL PARK NAZZJONALI**

**14116. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kif inhu ppjanat li tintuża l-medda ta' art f'Ta' Qali li mill-Arkivji Nazzjonali ġiet trasferita lura lill-Awtorità tal-Artijiet u li ġiet mitluba mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex tintuża għall-proġett tal-park nazzjonali?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Fis-sit li qed issir referenza għalih qed jinbena parkeġġ taħt l-art mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi bħala parti mill-proġett tal-Park Nazzjonali ta' Malta.

**TALBIET TAL-FOI – TALBIET RIFERUTI LILL-KUMMISSARJU**

**14117. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (FOI) li mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari spiċċaw riferuti lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**TALBIET TAL-FOI – KAŻIJIET RIŻOLTI**

**14118. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari kemm kien iż-żmien medju, massimu u minimu li damu sabiex jiġu riżolti każijiet dwar talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (FOI) li ġew riferuti lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI – KAŻIJIET QUDDIEM IL-QORTI**

**14119. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet quddiem il-Qorti dwar talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**TEATRU RJAL – PROĠETT TA' RESTAWR**

**14120. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern, meta kien fil-proċess li jiffinalizza l-proġett ta' restawr tat-Teatru Rjal fil-Belt Valletta, inkludiex klawsola fil-kuntratt mal-inkwilini li tistipula li l-post ikun miżmum b'mod xieraq u ssir il-manutenzjoni neċessarja matul il-perjodu tal-kuntratt, ġaladarba l-post huwa skedat u parti mill-patrimonju storiku ta' pajjiżna?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Hemm klawsola fil-kuntratt mal-inkwilini li tistipula li l-post ikun miżmum b'mod xieraq u li ssir il-manutenzjoni neċessarja matul il-perjodu tal-kuntratt.

**BAĠIT 2024 - RESTAWR TAL-KNEJJES**

**14134. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Peress li fid-Diskors tal-Baġit 2024 hemm referenza għar-restawr tal-knejjes, jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-involviment tal-Gvern f'dan il-proġett? Jekk il-Gvern qiegħed jagħmel kontribuzzjoni finanzjarja, jista' jgħid x'inhu l-ammont ta' din il-kontribuzzjoni u minn fejn ġejjin il-fondi?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Id-Dipartiment tar-Restawr u Preservazzjoni qiegħed jagħmel xogħol ta' restawr fuq numru ta' bini ekkleżjastiku, liema xogħol se jitkompla fis-sena 2024.

Tali xogħlijiet jinkludu:

- Xogħol mal-frontispizju tal-Parroċċa tal-Isla u mal-kampnar tal-Oratorju tar-Redentur;
- Restawr tal-faċċata tal-Knisja ta' San Ġużepp ta' Ħal Tarxien;
- Restawr tal-faċċata tal-Bazaar tal-Fondazzjoni San Jeanne Antide, Ħal Tarxien;
- Restawr tal-knisja ta' San Klement, iż-Żejtun;
- Restawr tal-faċċati tal-knisja l-qadima tas-Salvatur, Ħal Lija;
- Xogħol ta' tiswija fuq ġewwa fil-kappella tal-Qalb ta' Ġesù, iż-Żurrieq;
- Restawr tal-faċċati tal-knisja ta' San Ġakbu, ix-Xgħajra; u
- Restawr tal-faċċati tal-knisja tal-Madonna tad-Dawl, Ħaż-Żebbuġ.

Dawn ix-xogħlijiet huma stmati li se jiswew aktar minn €700,000 u huma ffinanzjati minn fondi pubbliċi.

Id-Dipartiment tar-Restawr u Preservazzjoni qiegħed jagħmel ukoll xogħol ta' restawr billi joħroġ sejħiet pubbliċi. Dawn ix-xogħlijiet, kif

ukoll dawk li huma mistennija li jibdew fis-sena 2024 jinkludu:

- Ir-restawr tal-koppla tal-knisja ta' San Pawl f'Bormla;
- Ir-restawr tal-faċċata tal-kunvent ta' Sta Margerita f'Bormla;
- Ir-restawr tal-knisja tal-Ġiżwiti il-Belt Valletta minn ġewwa, xogħol ta' bdil ta' servizzi u dawl f'din l-istess knisja, ir-restawr tal-bankijiet u bibien fl-Oratorju tal-Onorati biswit din il-knisja;
- ir-restawr tal-faċċata ta' wara tal-Parroċċa taż-Żejtun;
- Ir-restawr tal-faċċata prinċipali tal-Parroċċa tal-Marsa;
- Il-konsolidament tal-blat u pedamenti u r-restawr tal-knisja tal-Lunzjata fis-Siġġiewi;
- Ir-restawr tal-faċċati u kampnari tal-knisja ta' Ġieżu fil-Belt Valletta;
- Xogħlijiet strutturali ta' emerġenza fil-knisja ta' Santa Marija f'Birkirkara u tiswijiet fil-knisja ta' Santa Marija f'Bubaqra, iż-Żurrieq.

Dawn ix-xogħlijiet huma stmati li ser jiswew aktar minn €4,100,000 u huma ffinanzjati minn fondi pubbliċi.

Finalment, id-Dipartiment tar-Restawr u Preservazzjoni fl-2024 alloka €90,000 għall-iskema tar-restawr ta' proprjetà immobbli fi knejjes ta' Malta u Għawdex. Din l-iskema issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għal-Arti.

## ITS – STUDENTI LI GGRADWAW

**14135. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-oqsma ta' tagħlim li fihom iggradwaw l-istudenti tal-Institute of Tourism Studies (ITS) din is-sena, bin-numru ta' gradwati għal kull qasam? Kemm minn dawn l-istudenti kienu Maltin u kemm kienu ta' nazzjonalità oħra?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** It-total ta' studenti li ggradwaw dan ix-xahar mill-Istitut tal-Istudji Turistiċi laħaq il-290. Huma ggradwaw f'dawn l-oqsma:

| Award Title | Maltin | Barranin |
|---|---|---|
| ALTERNATIVE PROGRAMME | 5 | 1 |
| Foundation in Hospitality & Tourism | 28 | 9 |
| Certificate in Events | 4 | 0 |
| Certificate in Food Preparation and Service | 52 | 3 |
| Certificate Rooms Division | 5 | 0 |
| Certificate in Travel and Tourism | 7 | 1 |
| Diploma in Events Operations | 3 | 0 |
| Diploma in Food & Beverage Service Operations | 0 | 3 |
| Diploma in Food Preparation & Production Operations | 34 | 2 |
| Diploma in Rooms Division Operations | 3 | 0 |
| Diploma in Travel and Tourism Operations | 6 | 0 |
| Preparatory Course for the Bachelor in Culinary Arts (Hons) | 6 | 1 |
| Higher National Diploma in Events Management | 3 | 1 |
| Higher National Diploma in Food & Beverage Management | 1 | 3 |
| Higher National Diploma in Food Preparation & Production Management | 11 | 0 |
| Higher National Diploma in Rooms Division Management | 1 | 0 |
| Higher National Diploma in Tourist Guiding | 16 | 8 |
| Higher National Diploma in Travel & Tourism Management | 5 | 0 |
| Undergraduate Diploma in Culinary Arts | 8 | 1 |
| Undergraduate Diploma in Gastronomy | 1 | 0 |
| Undergraduate Diploma in International Hospitality Management | 5 | 2 |
| Bachelor in Culinary Arts (Hons) | 8 | 1 |
| Bachelor of Science in Diving Safety Management | 2 | 2 |
| Bachelor in International Hospitality Management (Hons) | 14 | 7 |
| Master of Arts in Heritage Interpretation | 8 | 0 |
| Master in Business Administration in International Hospitality Management | 5 | 2 |
| Award in Diving Safety Management | 0 | 2 |

## ITS – STUDENTI

**14136. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' studenti li bħalissa qed jattendu korsijiet differenti fl-Institute of Tourism Studies (ITS), maqsuma skont il-kors? Kemm minn dawn l-istudenti huma Maltin u kemm huma ta' nazzjonalità oħra?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Bħalissa hemm 613-il student isegwu total ta' 28 kors differenti offruti mill-Istitut għall-Istudji Turistiċi.

| Kors | Maltin | Barranin |
|---|---|---|
| Alternative Learning Programme | 1 | 0 |
| Foundation in Hospitality & Tourism | 45 | 15 |
| Certificate in Events | 10 | 3 |
| Certificate in Food Preparation and Service | 50 | 10 |
| Certificate in Rooms Division | 9 | 2 |
| Certificate in Travel & Tourism | 14 | 5 |
| Diploma in Climate Friendly Travel | 4 | 91 |
| Diploma in Events Operations | 12 | 0 |
| Diploma in Food & Beverage Service Operations | 21 | 0 |
| Diploma in Food Preparation & Production Operations | 90 | 5 |
| Diploma in Rooms Division Operations | 10 | 1 |
| Diploma in Travel & Tourism Operations | 19 | 6 |
| Preparatory Course for The Bachelor In Culinary Arts | 4 | 2 |
| Higher National Diploma in Tour Guiding (Full-Time) | 19 | 6 |
| Higher National Diploma in Tour Guiding (part-time) | 15 | 6 |
| Bachelor of Science in Diving Safety Management | 4 | 2 |
| Language for Tour Guides - French (Part-Time) | 1 | 0 |
| Language for Tour Guides - German (Part-Time) | 0 | 1 |
| Language for Tour guides - Spanish (Part-Time) | 0 | 1 |
| Bachelor in Culinary Arts (Hons) | 43 | 4 |
| Bachelor of Science in Diving Safety Management | 9 | 1 |
| Hnd in Events Management | 1 | 0 |
| Hnd in Food & Beverage Management | 1 | 0 |
| Hnd in Travel & Tourism Management | 4 | 0 |
| Hnd in Room Division Management | 2 | 0 |
| Bachelor in Int. Hospitality Management (Hons.) | 41 | 12 |
| Masters Heritage Interpretation | 5 | 0 |
| Masters International Hospitality Management | 5 | 1 |

## ITS – KORSIJIET LI MA SARUX

**14137. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm korsijiet ipprovduti mill-Institute of Tourism Studies (ITS) li ma setgħux jibdew f'din is-sena skolastika peress li ma kienx hemm persuni biżżejjed li wrew interess biex jattendu kors partikolari?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Il-korsijiet offruti mill-Istitut għall-Istudji Turistiċi kollha bdew f'din is-sena akkademika peress li kien hemm domanda għalihom kollha.

## MCAST – KORSIJIET LI MA SARUX

**14138. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk għal din is-sena skolastika kienx hemm korsijiet li kienu offruti mill-MCAST iżda ma setgħux jibdew minħabba nuqqas ta' applikazzjonijiet? Jekk iva, liema kienu l-korsijiet li ġew offruti u li fil-fatt ma bdewx?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Il-korsijiet li huma elenkati fil-lista li tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti ma bdewx minħabba nuqqas ta' applikazzjonijiet għalihom.

## AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU - ARRETRATI TA' LIĊENZJI TA' OPERATURI TURISTIĊI

**14142. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 574, 1842, 2466, 2817, 3157, 3718, 4254, 13856 u 13956 u jgħid l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu kemm għandha arretrati x'tiġbor f'liċenzji minn operaturi turistiċi mill-2013 sal-lum, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

## MEDITERRANE FILM FESTIVAL

**14144. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10399, 11055, 11804, 12115, 12663, 12994, 13192, 13467, 13710 u 13955 u jgħid kemm se jiġi jiswa liċ-ċittadin Malti, l-individwu li d-dettalji dwaru qed

jintbagħtu separatament, għal-launch tal-Mediterrane Film Festival? Jista' jagħti rendikont separat ta' flights, hotels, recordings, presenting u oħrajn? Jista' jgħid għalfejn intgħażel dan l-individwu meta seta' ntgħażel xi ħadd Malti u meta dan lanqas mhu ġej mill-pajjiżi li se jkunu qegħdin jipparteċipaw f'dan il-festival, fosthom l-Italja, Spanja, Franza, Kroazja, Greċja, Slovenja, Portugall, Ċipru u Malta?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

**AĠENZIJA PROJECT GREEN - FTEHIM KOLLETTIV**

**14151. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-ħaddiema tal-aġenzija Project Green humiex koperti mill-protezzjoni ta' ftehim kollettiv kif inhija l-prattika fl-aġenziji tal-Gvern l-oħra?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Sad-data ta' meta qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari l-ħaddiema ta' Project Green qegħdin taħt l-istruttura approvata mill-P&SD, Salary and Grading Structure.

**AĠENZIJA PROJECT GREEN – UNIONS GĦAD-DRITTIJIET TAL-ĦADDIEMA**

**14152. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-impjegati tal-aġenzija Project Green ingħatawx il-possibbiltà li jiltaqgħu ma' diversi unions bil-ħsieb li jiddeċiedu liberament dwar min ikun l-aħjar biex jirrappreżentahom fid-drittijiet tagħhom bħala ħaddiema?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-impjegati kollha ta' Project Green huma liberi li jiltaqgħu u/jew jitkellmu ma' kwalunkwe union.

**AĠENZIJA PROJECT GREEN – GĦOTI TA' SAHRA**

**14153. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra informazzjoni dettaljata dwar kemm kien hemm impjegati li bbenefikaw mill-għoti tas-sahra mill-aġenzija Project Green, maqsuma xahar b'xahar, minn Frar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

**AĠENZIJA PROJECT GREEN – APPLIKAZZJONI MILL-IMPJEGATI**

**14154. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm impjegati detailed tefgħu l-applikazzjoni tagħhom għal 'Revocation' biex jiġu rilaxxati mill-aġenzija Project Green?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Kien hemm disa' ħaddiema li talbu r-revocation tad-detailing tagħhom.

**AĠENZIJA PROJECT GREEN – ĦADDIEMA LI MARRU FIS-SERVIZZ PUBBLIKU**

**14155. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm ħaddiema mill-aġenzija Project Green marru lura fis-Servizz Pubbliku?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Kien hemm erba' ħaddiema li mill-aġenzija Project Green marru lura mas-Servizz Pubbliku.

**AĠENZIJA PROJECT GREEN – ĦADDIEMA LI QED JISTENNEW IR-RILAXX**

**14156. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm impjegati fis-Servizz Pubbliku bħalissa qegħdin jistennew biex jingħataw rilaxx u kemm ilhom jistennew biex din it-talba tiġi milqugħa?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 14154, ninfurmah li l-proċessi tad-detailing jew tar-revoka tad-detailing huma prerogattiva tal-

Amministrazzjoni Pubblika li tiġi eżerċitata skont l-eżiġenzi tas-servizz u l-provvedimenti tal-artikolu 33 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595 tal-Liġijiet ta' Malta).

**IL-QAWRA – GĦASSA TAL-PULIZIJA**

**14158. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji biex in-numru ta' pulizija li jservu fl-għassa tal-Qawra jiżdied sabiex ikunu jistgħu jlaħħqu max-xogħol li hemm fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar? Billi l-għassa ta' San Pawl il-Baħar qiegħda fi triq prinċipali, jista' l-Ministru jassigura wkoll li din l-għassa tkun miftuħa 24 siegħa kuljum?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-komunità tal-Qawra, San Pawl il-Baħar, Buġibba u l-madwar tingħata servizz mill-Għassa tal-Qawra li hi miftuħa erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Din il-komunità wkoll tingħata servizz ta' Pulizija tal-komunità li jużaw l-għassa ta' San Pawl il-Baħar bħala l-post li joperaw minnu, fejn minbarra xogħol ieħor jagħmlu wkoll diversi rondi f'San Pawl il-Baħar, Buġibba u l-Qawra. Ix-xogħol tal-Pulizija f'kull lokalità hu kopert minn taqsimiet oħra tal-Korp, inkluż it-taqsima tal-RIU fejn issir ronda regolari mill-uffiċjali tat-taqsima bil-vetturi tagħhom u dawk tat-Taqsima tat-traffiku.

It-tqassim ta' pulizija, inkluż dawk li jservu fl-għases, isir skont l-eżiġenzi tas-servizz, biex tkun tista' tingħata l-aħjar assistenza motivata u effettiva lill-komunità. Ukoll, fil-baġit għas-sena 2024 tħabbar kif ser jibqa' jkun hemm investiment fis-sigurtà megħjuna mit-teknoloġija. L-Aġenzija LESA ser tinvesti fi proġetti teknoloġiċi, inkluż bl-użu ta' cameras imqabbdin mal-control room tal-aġenzija u l-Korp tal-Pulizija sabiex iservu mhux biss ta' deterrent iżda wkoll ta' azzjoni kontra l-abbuż u l-azzjonijiet kriminali. Dan jinkludi San Pawl il-Baħar, inkluż Buġibba u l-Qawra.